



Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-575 sessjoni plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 14.12.2022–15.12.2022

2023/C 140/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Riċiklaġġ sostenibbli, użu ta’ materja prima sekondarja u tranżizzjoni ġusta fl-industrija Ewropea tal-metall ferruż u mhux ferruż” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	1
2023/C 140/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-indirizzar tan-nuqqasijiet strutturali u t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika fl-ekosistema tas-semikondutturi” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	8
2023/C 140/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “COVID-19: Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-rikostruzzjoni u r-reżiljenza tar-reġjun Ewro-Mediterranju” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	14
2023/C 140/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Boxxla Strateġika tal-UE” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	20

III *Atti preparatorji*

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-575 sessjoni plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 14.12.2022–15.12.2022

2023/C 140/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adattament tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili mhux kuntrattwali għall-intelliġenza artifiċjali (Id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA)” (COM(2022) 496 final — 2022/0303 (COD))	28
2023/C 140/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi” (COM(2022) 495 final — 2022/0302 (COD))	34

2023/C 140/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ‘L-Istrateġija Ewropea għall-Kura” (COM (2022) 440 final)	39
2023/C 140/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura” (COM(2022) 304 final — 2022/0195 (COD)) . .	46
2023/C 140/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali” (COM(2022) 659 final — 2022/0390 (COD))	55
2023/C 140/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro” (COM(2022) 782 final)	58
2023/C 140/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli — Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani” (JOIN(2022) 28 final)	61
2023/C 140/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Is-saħħa tas-sħubijiet tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust” (COM (2022) 409 final)	69
2023/C 140/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-projbizzjoni ta’ prodotti magħmulin b’xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni” (COM(2022) 453 final)	75
2023/C 140/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/745 u (UE) 2017/746 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal ċerti apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi <i>in vitro</i> ” (COM(2023) 10 final — 2023/0005 (COD))	84
2023/C 140/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 u r-Regolament (UE) Nru 658/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” (COM(2022) 721 final — 2022/0417 (COD))	85

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-575 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 14.12.2022–
15.12.2022

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Riċiklaġġ sostenibbli, użu ta’ materja prima sekondarja u tranżizzjoni ġusta fl-industrija Ewropea tal-metall feruż u mhux feruż”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2023/C 140/01)

Relatur: **Anastasis YIAPANIS**

Korelatur: **Michal PINTÉR**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali
Adozzjoni fis-sezzjoni	9.12.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	183/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jinnota li n-nuqqas ta’ materja prima sekondarja ta’ kwalità għolja u l-prezzijiet mhux kompetittivi jipprevjenu l-użu akbar ta’ materja prima sekondarja, u jappella għal politiki u opportunitajiet ta’ finanzjament adegwati biex jinbnew faċilitajiet ta’ riċiklaġġ ġodda u jittejbu daww eżistenti f’termini tat-teknoloġija tagħhom. Il-Kumitat jemmen li għandhom jiġu introdotti faċilitajiet tat-taxxa u inċentivi fiskali tul il-katina tal-valur tar-riċiklaġġ u għal mudelli ta’ negozju ċirkolari ġodda, b’enfasi speċjali fuq ir-rwol importanti li l-SMEs u n-negozji ġodda għandhom fil-perkors tat-tranżizzjoni.

1.2. Il-KESE jappella għal politiki addizzjonali li jappoġġjaw u jiffinanzjaw ir-riċerka u l-iżvilupp fil-proċess tas-sostituzzjoni tal-materja prima kritika, it-tnaqqis tal-konsum tar-riżorsi, it-titjib tal-effiċjenza tal-prodotti u t-tisħiħ tal-monitoraġġ, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-governanza tal-UE fil-qasam tal-materja prima kritika.

- 1.3. Il-Kumitat jilqa' t-tnedija tal-Alleanza Globali Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi⁽¹⁾ (GACERE) fi Frar 2021, u jemmaen li s-sħubija fl-organizzazzjoni għandha tiġi estiża.
- 1.4. Il-KESE jqis li l-politiki mmirati u l-investimenti pubbliċi għandhom jiġu żviluppati aktar fl-Istati Membri kollha sabiex jitrawmu l-iżvilupp sostenibbli u t-tranżizzjoni ġusta.
- 1.5. Il-KESE jenfasizza li hemm hteġġa akbar għal ħaddiema speċjalizzati fir-riċiklaġġ, id-disinn u l-manifattura ta' prodotti b'ħajja estiża, il-ġestjoni tal-iskart u s-separazzjoni avvanzata. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili industrijali għandhom rwol estremament importanti x'jaqdu fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM), u l-Kumitat jitlob għal djalogu aktar intensiv u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi Ewropej u nazzjonali u l-partijiet interessati industrijali.
- 1.6. Il-KESE jemmaen li l-kriterji rilevanti fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari għandhom jiġu ddeterminati u sussegwentement armonizzati fi ħdan l-UE.
- 1.7. L-esportazzjonijiet tal-iskart għandhom ikunu permessi biss meta jkun hemm konformità sħiħa mal-istandards ambjentali u soċjali fil-pajjiż tad-destinazzjoni, bi proċeduri tal-awditjar affidabbli u effettivi li jinkludu l-imsieħba soċjali u l-NGOs rilevanti. Il-Kumitat jitlob għal monitoraġġ strett tal-kwistjonijiet ta' klassifikazzjoni u l-introduzzjoni ta' proċeduri ta' salvagwardja adegwati u effettivi biex jiġu sospiżi l-esportazzjonijiet f'każ li l-kundizzjonijiet meħtieġa ma jiġux issodisfati. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Parlament u lill-Kunsill japplikaw l-istess kriterji stretti fir-rigward tal-impenji ambjentali dwar l-iskart esportat kemm lejn pajjiżi tal-OECD kif ukoll lejn pajjiżi li mhumiex fl-OECD.
- 1.8. Il-Kumitat jinnota l-problema tal-esportazzjonijiet illegali tar-ruttam mill-Ewropa u r-riimportazzjonijiet suspettużi ta' oġġetti mmanifatturati barra mill-UE, u jappella għal kontrolli aktar stretti fil-fruntieri.
- 1.9. Il-KESE jqis li proċeduri aktar rapidi għall-iskart ittrasportat internament se jwasslu għal ċirkolarità aħjar tal-materjali ferużi u mhux ferużi, li tagħmilhom aktar kompetittivi u tnaqqas l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra.
- 1.10. Peress li d-disinn tar-riċiklabbiltà tal-prodotti huwa essenzjali biex jiżiedu ċ-ċirkolarità u d-disponibbiltà ta' materja prima sekondarja ta' kwalità għolja, il-KESE jitlob li l-użu ta' materja prima riċiklabbli u prodotti sekondarji jiġi rikonoxxut skont ir-Regolament dwar l-Ekodiżm għal Prodotti Sostenibbli. L-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti se ssir dejjem aktar importanti għall-kompetittività tal-industrija Ewropea.
- 1.11. Il-KESE jemmaen li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà ambjentali u soċjali fir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini, flimkien mat-tikkettar u l-inċentivi tas-suq, joħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal prodotti sostenibbli.
- 1.12. Il-parteċipazzjoni ta' esperti tal-industrija u partijiet interessati rilevanti oħra hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-prinċipji taċ-ċirkolarità jkunu fis-seħħ fil-livelli kollha tad-disinn tal-prodotti, u l-Kumitat jemmaen li l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u s-sħubijiet pubbliċi-privati jridu jissaħħu u jingħataw appoġġ finanzjarju.
- 1.13. Il-KESE jemmaen li l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku għandu rwol vitali fl-aċċellerazzjoni tax-xejriet tal-ekonomija ċirkolari u fil-promozzjoni tas-sostenibbiltà, u huwa konvint li l-istandardizzazzjoni armonizzata fl-UE tal-prodotti għall-bini tipprovdi qafas koerenti u tnaqqas il-frammentazzjoni fl-Istati Membri kollha.
- 1.14. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromovi għadd ta' proposti leġiżlattivi dwar it-titjib tal-possibbiltà ta' tiswija u tar-riċiklabbiltà tal-prodotti, l-estensjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, l-introduzzjoni tat-tikkettar tal-enerġija u l-provvista ta' servizzi ta' tiswija disponibbli għall-konsumaturi.
- 1.15. Il-Kumitat jemmaen li r-riċiklabbiltà tal-materjali tal-imballaġġ għandha tiġi kkunsidrata fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur permezz ta' tariffi abbażi tal-prinċipju tal-"ekomodulazzjoni".

⁽¹⁾ Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi

2. Kummenti introduttorji

2.1. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Għda tal-2020: *Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa* ⁽²⁾, il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat li l-industriji li jużaw ħafna enerġija huma indispensabbli għall-ekonomija tal-Ewropa u jridu jiġu appoġġjati sabiex jinħolqu swieq ġodda għal prodotti newtrali għall-klima u ċirkolari, bħall-azzar. Hija tiddikkjara wkoll li t-tranżizzjoni tal-UE lejn in-newtralità klimatika tista' tittrasforma d-dipendenza attwali fuq il-fjuwils fossili f'waħda fuq il-materja prima, li tiġi akkwistata minn barra l-Unjoni.

2.2. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet biċ-ċar il-fraġilità tal-ktajjen tal-provvista Ewropej u d-dipendenza fuq pajjiżi barranin għal materja prima strateġika. In-nuqqasijiet għadhom jippersistu u l-UE tidher li ma tistax tagħmel il-ktajjen tal-valur aktar reżiljenti u mħejjija aħjar għal xokkijiet futuri possibbli fit-tranżizzjoni doppja.

2.3. Skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, id-domanda għall-inputs minerali se tiżdied b'sitt darbiet sal-2050. Peress li l-materja prima primarja hija limitata u ħafna drabi mhijiex disponibbli fl-UE, l-enfasi trid tiġi trasferita lejn it-titjib tal-kapaċitajiet u l-possibbiltajiet tar-riċiklaġġ u l-ħolqien ta' suq reali għall-materja prima sekondarja.

2.4. Huma u jħabirku biex jilhqqu l-miri stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE, l-Istati Membri u l-partijiet interessati industrijali jeħtieġ li jiżguraw li l-kompetittività tal-industrija, il-ktajjen tal-valur tagħha, l-impjegati u s-soċjetà kollha ma jkunux mhedda. Għalhekk, il-katina Ewropea tar-riċiklaġġ mill-iskart għal prodotti finali ġodda jeħtieġ li tiġi aġġornata u tkun iffukata fuq riċiklaġġ effiċjenti u sostenibbli, inkluż billi tiġi promossa l-metodoloġija tas-simbjożi industrijali.

3. Iċ-ċirkolarità, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, id-disponibbiltà ta' materja prima sekondarja

3.1. L-UE qed tħabrek biex tittrasforma l-ekonomija f'waħda aktar sostenibbli u ċirkolari, bil-potenzjal li jinħolqu 700 000 impjeg addizzjonali ⁽³⁾. Għalkemm qed jintlaħqu riżultati massimi fir-rigward ta' xi materjali bħall-ħadid, iż-żingu jew il-platinu, fir-rigward ta' materjali tal-art rari bħall-gallju jew l-iridju, il-kontribut mill-materja prima sekondarja huwa pjuttost marġinali. Huwa smat li kull tunnellata ta' azzar riċiklat tipprevjeni 1,5 tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO₂ milli jidħlu fl-atmosfera. Il-KESE jinnota li huwa n-nuqqas ta' materja prima sekondarja ta' kwalità għolja, in-nuqqas ġenerali ta' disponibbiltà, u preżżijiet mhux kompetittivi li jipprevjenu użu akbar ta' materja prima sekondarja.

3.2. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja żiedet il-pressjoni fuq il-provvista ta' materja prima għall-industrija tal-UE, u l-appoġġ għar-riċiklaġġ mhux se jkun biżżejjed biex jissodisfa d-domanda fil-futur għall-materja prima. Għalhekk, il-KESE jappella għal miżuri urġenti addizzjonali biex jappoġġjaw u jiffinanzjaw ir-riċerka u l-iżvilupp fis-sostituzzjoni ta' materja prima kritika, it-tnaqqis tal-konsum tar-riżorsi, it-titjib tal-effiċjenza tal-prodotti, eċċ. Il-KESE jilqa' l-approċċ komprensiv tal-KE fil-proposta dwar l-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika, u jemmen li jeħtieġ li jittejbu l-monitoraġġ, il-ġestjoni tar-riskju u l-governanza tal-UE fil-qasam tal-materja prima kritika. Barra minn hekk, il-Kumitat jemmen li l-azzjonijiet esterni tal-UE dwar il-materja prima kritika għandhom jissaħħu permezz ta' sħubijiet strateġiċi mmirati ma' pajjiżi terzi, ftehimiet u negozjati kummerċjali bilaterali/reġjonali, ftehimiet settorjali, kooperazzjoni għall-iżvilupp u inizjattivi multilaterali.

3.3. L-UE, li tinsab fuq quddiem nett tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, għandha tkun tista' tittratta l-iskart prodott fit-territorju tagħha minflok tesportah. Madankollu, l-esportazzjonijiet tal-iskart tal-metall ferruż (ruttam tal-ħadid u tal-azzar) żdiedu b'113 % fl-2021 meta mqabbla mal-livelli tal-2015, u laħqu 19,5 miljun tunnellata u kienu jammontaw għal aktar minn nofs (59 %) l-esportazzjonijiet kollha tal-iskart mill-UE. Il-KESE jinnota l-problema tal-esportazzjonijiet illegali tar-ruttam mill-Ewropa u l-riimportazzjonijiet suspettużi ta' oġġetti mmanifatturati barra mill-UE.

3.4. Fil-kuntest taż-żieda fil-preżżijiet tal-enerġija u tal-materja prima, il-KESE jenfasizza li, meta mqabbel mal-proċess tal-estrazzjoni tal-materja prima, ir-riċiklaġġ jinvolvi tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-enerġija u fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-KESE jixtieq jara li jiġu adottati politiki dwar il-bini ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ ġodda u t-titjib teknoloġiku ta' dawk eżistenti, inkluż permezz tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-KESE jemmen li għandhom jiġu introdotti inċentivi tat-taxxa u fiskali għal mudelli ta' negozju ċirkolari ġodda matul il-ktajjen tal-valur, b'enfasi speċjali fuq ir-rwol importanti li l-SMEs u n-negozji ġodda għandhom fil-perkors tat-tranżizzjoni.

⁽²⁾ Komunikazzjoni dwar Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Għda tal-2020 (COM/2021/350 final).

⁽³⁾ Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva.

3.5. Il-Kumitat ifaħħar it-tnejja tal-Alleanza Globali dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi fi Frar 2021 bħala alleanza ta' gvernijiet li se jaħdmu flimkien biex itejbu ċ-ċirkolarità u jiżguraw tranżizzjoni ġusta. Il-KESE jemmen li s-sħubija fl-istituzzjoni għandha tiġi estiża, peress li huma meħtieġa sforzi globali akbar biex tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.

4. Tranżizzjoni ġusta

4.1. Fit-trasformazzjoni tal-ekonomiji tagħna f'ekonomiji ekoloġiċi u diġitali, hemm ukoll diffikultajiet soċjoekonomiċi speċifiċi għal xi reġjuni u setturi, kif ukoll sfidi għall-impjeg u l-ħiliet għall-industrija tal-metall. Il-kumpaniji u l-ħaddiema tal-UE jeħtieġu appoġġ imsaħħaħ biex ilaħħqu mar-reqwiziti ta' mudelli ġodda ta' negozju u jkunu ppreparati aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet futuri. Barra minn hekk, it-tranżizzjoni ċirkolari trid tipprevjeni kwalunkwe distorsjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-Kumitat jemmen li l-politiki mmirati u l-investimenti pubbliċi għandhom jiġu żviluppati aktar fl-Istati Membri kollha sabiex jitrawmu l-iżvilupp sostenibbli u t-tranżizzjoni ġusta.

4.2. Il-KESE appoġġja l-adozzjoni tal-JTM, bħala parti mill-pjan ta' investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jqis li huwa għodda vitali biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. L-adozzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (l-ewwel pilastru tal-JTM) timmarka pass sinifikanti 'l quddiem.

4.3. Il-KESE jemmen li l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet industrijali għandhom rwol ferm importanti x'jaqdu fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-JTM, u s-sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi dwar il-ħtiġijiet speċjali taċ-ċittadini u tan-negozji. Il-Kumitat jixtieq jara djalogu u kooperazzjoni aktar intensifikati bejn l-awtoritajiet pubbliċi Ewropej u nazzjonali, il-partijiet interessati industrijali u l-NGOs industrijali rilevanti.

4.4. L-imsieħba soċjali fil-livelli kollha għandhom rwol importanti ħafna fin-negozjar ta' strateġiji ta' tranżizzjoni ġusta fi ħdan il-kunsilli tax-xogħlijiet jew korpi rilevanti oħra tad-djalogu soċjali. Huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw il-ħolqien u l-għajbien tal-impjegji, u janalizzaw u jantiċipaw il-ħtiġijiet futuri għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Bħalissa l-aktar ħtiġijiet stretti huma għal ħaddiema speċjalizzati fir-riċiklaġġ, id-disinn u l-manifattura ta' prodotti b'ħajja estiża, il-ġestjoni tal-iskart u s-separazzjoni avvanzata.

5. L-Iskart, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u r-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart

5.1. L-iskart għandu valur importanti f'termini tal-irkupru ta' materja prima sekondarja, peress li jikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari tal-UE u l-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jnaqqas id-dipendenza minn materja prima primarja importata u jiffranka r-riżorsi naturali, filwaqt li jnaqqas il-konsum tal-enerġija meħtieġ għall-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-materja prima primarja fl-Ewropa u jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ fl-industrija tal-ħadid u mhux tal-ħadid.

5.2. Ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Iskart bl-għan li tiżdied il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika mill-effetti tal-immaniġġjar tal-iskart, jitnaqqas il-volum tal-iskart, jiżdied l-użu mill-ġdid u jittejjeb il-ġbir separat biex titħeġġeġ it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja hija importanti kemm għall-unitajiet domestiċi privati kif ukoll għall-industrija.

5.3. Il-KESE jemmen li l-kriterji rilevanti tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari għandhom jiġu ddeterminati u sussegwentement armonizzati fi ħdan l-UE. Il-Kumitat jemmen li l-koerenza ma' leġiżlazzjoni oħra, b'mod partikolari ir-Regolament dwar l-Ekedisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-UE, hija meħtieġa biex jiġu evitati ambigwitatiet, duplikazzjonijiet u trikkib.

5.4. Volumi akbar ta' skart ittrasportat internament u proċeduri aktar rapidi se jwasslu għal żieda fir-riċiklaġġ domestiku ta' materjali ferużi u mhux ferużi, u b'hekk jagħmluhom aktar kompetittivi u jgħinuhom inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom. Barra minn hekk, il-KE stmat li se jinħolqu bejn 9 000 u 23 000 impjeg ġdid fis-setturi tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid.

5.5. Il-KESE diġà kkonkluda li “l-esportazzjonijiet ta’ skart riċiklabbli ta’ kwalità għolja [...] huma ta’ detriment għas-sostenibbiltà tal-UE u jipperikolaw il-kompetittività globali tagħha billi jipprovdu riżorsi siewja lil kompetituri esterni”⁽⁴⁾. Sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ miż-żieda fil-volumi ta’ skart intern, il-Kumitat jitlob għal opportunitajiet ta’ finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp fl-iskoperta ta’ teknoloġiji avvanzati għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u għall-iżvilupp ta’ faċilitajiet avvanzati għat-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart.

5.6. L-esportazzjonijiet tal-iskart mill-UE għandhom ikunu permessi biss meta l-istandards ambjentali u soċjali jkunu ekwivalenti għal dawk fl-UE u jiġu rispettati bis-sħiħ fil-pajjiż tad-destinazzjoni. It-tnixxija tar-ruttam għandha tiġi evitata billi l-kontrolli fil-fruntieri tal-UE jsiru aktar stretti, filwaqt li l-iskart esportat għandu jkun soġġett għal regoli ta’ trasparenza aktar stretti u informazzjoni relatata dwar il-ġestjoni tiegħu u r-rispett tal-istandards għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Il-KESE jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni għal awditi minn partijiet terzi dwar faċilitajiet esterni tal-iskart u jqis li l-imsieħba soċjali u l-NGOs rilevanti għandhom ikunu parti mill-proċeduri”⁽⁵⁾.

5.7. Il-Kumitat jemmen li għandu jkun hemm kontroll partikolarment strett tal-kwistjonijiet ta’ klassifikazzjoni f’każ li l-esportaturi tal-iskart jippruvaw jikklassifikaw mill-ġdid l-esportazzjoni tal-iskart attwali tagħhom bħala esportazzjoni tat-tmiem tal-istadju tal-iskart. Riskju bħal dan jista’ jdgħajef kompletament ir-riforma kollha proposta mill-Kummissjoni għall-esportazzjoni tal-iskart.

5.8. Il-monitoraġġ *ex ante* jew il-kontroll *ex post* effettiv tal-kundizzjonijiet u r-regolamenti tal-ipproċessar tal-iskart lokali għandhom jingħataw prijorità u jitwettqu. Il-KESE jitlob l-introduzzjoni ta’ proċeduri ta’ salvagwardja adegwati u effettivi biex jiġu sospiżi l-esportazzjonijiet f’każ li l-kundizzjonijiet meħtieġa ma jiġux issodisfati.

5.9. Il-KESE jitlob għal perjodu ta’ tranżizzjoni mqassar ta’ sentejn għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar Vjeġġi ta’ Skart rivedut. Il-limitu ta’ żmien propost ta’ 30 jum għall-awtoritajiet ta’ tranżitu kompetenti biex iqajmu oġġezzjonijiet validi għal vjeġġ ipplanat għall-irkupru għandu jtnaqqas għal għaxart ijiem sabiex tiġi żgurata l-operabbiltà u jiġi evitat dewmien bla bżonn. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal restrizzjoni ċara fuq dawn l-awtoritajiet biex ma jitħallew joġġezzjonaw għall-istess vjeġġ aktar minn darba.

5.10. Sabiex tiġi żgurata l-integrità ambjentali, il-KESE jistieden lill-Parlament u lill-Kunsill japplikaw l-istess kriterji stretti fir-rigward tal-impenji ambjentali dwar l-iskart esportat kemm lejn pajjiżi tal-OECD kif ukoll lejn pajjiżi li mhumiex fl-OECD.

5.11. Nuqqasijiet fil-proċeduri ta’ infurzar eżistenti fir-Regolament dwar Vjeġġi ta’ Skart wasslu għal żieda fil-vjeġġi ta’ skart illeċitu minn gruppi kriminali organizzati, li huma smati li jammontaw għal 30 % tal-vjeġġi kollha tal-iskart fl-Ewropa⁽⁶⁾. Il-KESE jappoġġja l-infurzar tal-proċeduri ta’ spezzjoni u investigazzjoni u jappella għal kooperazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri u l-UE, f’konformità mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025⁽⁷⁾.

5.12. Il-partijiet interessati industrijali u l-NGOs għandhom rwol importanti fl-indirizzar tal-vjeġġi illegali tal-iskart. Id-data mhux kunfidenzjali għandha tkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha, peress li aktar trasparenza se tgħin biex jtnaqqsu l-vjeġġi illegali tal-iskart.

6. L-ekodisinn

6.1. Il-KESE jemmen li t-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ambizzjużi tal-UE stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari. Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli jirrappreżenta opportunità għall-produtturi tal-UE biex jiddifferenzjaw il-prodotti tagħhom minn dawk li għandhom prestazzjoni inqas tajba billi jużaw metodu ta’ valutazzjoni komuni. Il-parteċipazzjoni tal-esperti tal-industrija u partijiet interessati rilevanti oħra fil-katina tal-valur hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-prinċipji taċ-ċirkolarità japplikaw fil-livelli kollha tad-disinn tal-prodotti sabiex jiġu inklużi l-prevenzjoni tal-iskart u r-riżorsi minimi tal-kontenut riċiklat.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjeġġi ta’ skart u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056” (COM(2021) 709 final — 2021/0367 (COD)) (ĠU C 275, 18.7.2022, p. 95).

⁽⁵⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjeġġi ta’ skart u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056” (COM(2021) 709 final — 2021/0367 (COD)) (ĠU C 275, 18.7.2022, p. 95).

⁽⁶⁾ Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar ir-regoli l-ġodda tal-UE dwar il-vjeġġi tal-iskart.

⁽⁷⁾ L-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025.

6.2. Il-KESE jappella għall-inklużjoni tal-aspetti soċjali fid-definizzjoni tas-sostenibbiltà, u mhux biss tar-rekwiżiti ambjentali, kif inhu l-każ bħalissa. L-aspetti soċjali għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tax-xogħol, bħar-rispett għad-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv.

6.3. L-użu ta' materja prima sekondarja u prodotti sekondarji għandu jiġi rikonossut skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, peress li dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima. Bl-istess mod, id-disinn għar-riċiklabilità tal-prodotti, u l-materjali kostitwenti taġġhom, huwa essenzjali biex jizziedu ċ-ċirkolarità u d-disponibbiltà ta' materja prima sekondarja ta' kwalità għolja.

6.4. Il-passaport diġitali tal-prodotti huwa għodda importanti biex tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti dwar is-sostenibbiltà tal-prodotti lill-klijenti u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-produtturi, il-prevenzjoni tal-użu ħażin tad-data u biex jiġi evitat l-greenwashing. Bażi tad-data robusta, affidabbli u komprensiva hija essenzjali biex tiġi pprovduta tali informazzjoni kemm fis-suq tradizzjonali kif ukoll fis-suq online.

6.5. Barra minn hekk, l-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti se ssir dejjem aktar importanti għall-kompetittività tal-industrija Ewropea, speċjalment peress li l-UE spiss tiddependi minn pajjiżi terzi. Il-KESE jemmen li l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u s-sħubijiet pubbliċi-privati għandhom jissaħħu u jingħataw appoġġ finanzjarju.

7. Ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini

7.1. Flimkien mal-proposta tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini tipprovdi opportunità biex is-sostenibbiltà tal-prodotti tiġi allinjata mal-istess livell ta' ambizzjoni fis-setturi differenti tas-suq fil-konstruzzjoni. Filwaqt li l-proposta tar-Regolament dwar il-Prodotti tal-Konstruzzjoni rikonossiet l-importanza tal-użu ta' materjali riċiklati, l-użu ta' prodotti sekondarji jista' jgħin ukoll biex titnaqqas id-dipendenza mir-riżorsi naturali primarji u għalhekk jeħtieġ li jitqies fil-kriterji tal-prestazzjoni tal-prodott.

7.2. Il-KESE jemmen li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà ambjentali u soċjali, flimkien mat-tikkettar u l-inċentivi tas-suq, jgħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-prodotti sostenibbli u jiżguraw li dawn jiġu rikonossuti kif imiss.

7.3. Il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku għandhom jużaw il-limiti tal-prestazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini. Il-KESE jemmen li l-akkwist pubbliku ekoloġiku għandu rwol vitali fl-aċċellerazzjoni tax-xejriet tal-ekonomija ċirkolari, fil-promozzjoni tas-sostenibbiltà u fil-ħolqien ta' suq tal-UE għal prodotti sostenibbli. Il-KESE huwa konvint li standardizzazzjoni armonizzata tal-UE dwar il-prodotti għall-bini se tipprovdi qafas koerenti fl-Istati Membri, filwaqt li ttejjeb it-trasparenza f'termini ta' durabbiltà, kapaċità ta' tiswija, sikurezza, eċċ.

7.4. Il-KESE jisħaq li l-metodi ta' valutazzjoni użati bħalissa fis-settur tal-konstruzzjoni mhumiex armonizzati bis-sħiħ u jistgħu jwasslu għal riżultati differenti madwar l-UE u għalhekk għal nuqqas ta' komparabbiltà. Wieħed mill-prerekwiżiti huwa li jittejjbu l-konsistenza u l-komparabbiltà tal-valutazzjonijiet tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti għall-bini. Il-Kumitat iqis li l-iżviluppi dwar il-metodoloġija tal-Impronta Ambjentali⁽⁸⁾ huma pożittivi, u jistgħu jgħinu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

7.5. Il-KESE jfaħħar l-intenzjoni tal-KE li tippromovi għadd ta' proposti leġiżlattivi dwar it-titjib tal-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti, l-estensjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, l-introduzzjoni tat-tikkettar tal-enerġija u l-provvista ta' servizzi ta' tiswija disponibbli għall-konsumaturi.

8. Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ

8.1. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-materjal kollu tal-imballaġġ imqiegħed fis-suq ikun riċiklabbli jew jista' jerġa' jintuża. Id-disinn għar-riċiklabbiltà tal-imballaġġ għandu jqis mhux biss ir-rata ta' riċiklaġġ, iżda wkoll il-kapaċità tal-materjali li jiġu riċiklati mingħajr telf ta' proprjetajiet intrinżiċi u l-firxa tas-sostituzzjoni tal-materjal primarju. Dan se jgħin biex jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja fi tmiem il-ħajja. Ir-riċiklabbiltà tal-materjali tal-imballaġġ għandha tiġi kkunsidrata fi skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur permezz ta' taraffi abbażi tal-prinċipju tal-“ekomodulazzjoni”.

⁽⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 471, 30.12.2021, p. 1).

8.2. Filwaqt li l-kontenut riċiklat għandu rwol fl-istimulazzjoni tad-domanda għall-materjal riċiklat, fil-każ tal-imballaġġ tal-azzar, diġà hemm suq li jiffunzjona tajjeb għall-materjali sekondarji, u r-rata ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-azzar diġà hija iżjed minn 84 %. Għalhekk, obbligu li jiżdied il-kontenut riċiklat jista' fil-fatt iżid l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jekk ir-ruttam ikollu jiġi ttrasportat fuq distanzi kbar u ddevjat minn flussi minn sorsi oħra.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-indirizzar tan-nuqqasijiet strutturali u t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika fl-ekosistema tas-semikondutturi”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2023/C 140/02)

Relatur: **Anastasis YIAPANIS**

Korelatur: **Guido NELISSEN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.1.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adozzjoni fis-sezzjoni	9.12.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	179/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappella għal aktar trasparenza u monitoraġġ u ġestjoni aktar strateġiċi fil-ktajjen tal-provvista taċ-ċipep, tbassir aħjar tad-disponibbiltà taċ-ċipep, u sħubijiet aktar mill-qrib, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi fil-livell Ewropew.

1.2. Il-Kumitat iqis li l-istrateġija Ewropea dwar is-semikondutturi għandha tippromovi l-istadji kollha tal-katina tal-valur tas-semikondutturi, b'enfasi speċjali fuq id-disinn u l-manifattura taċ-ċipep u l-produzzjoni back-end. L-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep trid tiġi vvalutata u mmonitorjata bir-reqqa permezz ta' indikaturi ċari (indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni) stabbiliti flimkien mal-partijiet interessati industrijali u l-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

1.3. Il-KESE jinsab partikolarment imħasseb dwar id-dipendenza attwali tal-UE fuq il-manifattura back-end, speċjalment fir-rigward taċ-Ċina. Il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-gvernijiet, ir-raggruppamenti tas-semikondutturi u l-istituzzjonijiet tar-R&Ż hija vitali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet attwali, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti, u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-soċjetà inġenerali.

1.4. Il-Kumitat japprezza l-EUR 43 biljun li ġew imħabbra fl-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep u l-ħolqien futur tal-Fond għaċ-Ċipep, u jitlob li jsir użu sħiħ mill-Pjani Ewropej għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

1.5. Madankollu, il-Kumitat jinnota li l-Kummissjoni Ewropea f'it li xejn għamlet enfasi fuq l-importanza tal-materja prima, iċ-ċirkolarità tal-proċessi ta' produzzjoni u d-dipendenza eżistenti fuq il-pajjiżi terzi, u jappella għal aktar attenzjoni biex jiġi ggarantit l-aċċess għall-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tas-semikondutturi.

1.6. Il-KESE jappella għal rieżami bir-reqqa tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u s-sħubijiet internazzjonali eżistenti, bil-ħsieb ċar li tinkiseb awtonomija strateġika miftuħa u tiżdied ir-reżiljenza tal-Ewropa.

1.7. L-investiment għandu jkun immirat f'oqsma fejn id-dipendenza Ewropea fuq fornituri tat-teknoloġija barranin hija għolja ħafna. L-appoġġ pubbliku (filwaqt li jiġi evitat is-sussidjar żejjed) fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri għal investimenti f'teknoloġiji rivoluzzjonarji, pjattaformi ta' disinn virtwali, kapaċitajiet ta' disinn taċ-ċipep tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u faċilitajiet li huma l-ewwel tip ta' tagħhom (b'fokus fuq iċ-ċipep leading edge), huwa meħtieġ biex jitnaqqas ir-riskju u jittejbu l-perjodi ta' redditu fuq l-investiment.

1.8. Il-Kumitat jixtieq jara distribuzzjoni ekonomikament effiċjenti iżda bbilanċjata tal-fondi tal-UE bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, kif ukoll bejn kumpaniji kbar, negozji ġodda u SMEs. Il-KESE jappella wkoll għal pjan ta' azzjoni solidu biex jiġi attirat investment barrani minn kumpaniji internazzjonali ewlenin tas-semikondutturi.

1.9. Il-Kumitat iqis li kwalunkwe politika dwar il-ħiliet għandha tqis l-impatt tal-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni fuq il-pass tal-ħolqien tal-impjiegi u l-qerda tal-impjiegi, filwaqt li tinvolvi l-imsieħba soċjali mill-ekosistema tas-semikondutturi, mill-akkadema u miċ-ċentri ta' riċerka rilevanti. Huma meħtieġa sforzi sostanzjali għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, u t-tagħlim tul il-ħajja u l-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għandhom jgħinu lis-suq tax-xogħol tal-UE biex jikseb ħiliet speċifiċi essenzjali, speċjalment għall-ħaddiema mill-qasam STEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika).

1.10. Il-KESE jenfasizza l-fatt li ħafna mill-innovazzjonijiet żviluppatti mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija tal-UE qed jiġu adottati f'partijiet oħra tad-dinja, u jqis li s-setturi tal-utenti finali jridu jitqarrbu lejn il-bażi Ewropea tar-riċerka dwar is-semikondutturi.

1.11. Il-Kumitat jappella għal aktar appoġġ għar-raggruppamenti fit-teknoloġiji diġitali u għal sfruttament aħjar tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-SMEs li għandhom teknoloġija avvanzata. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal leġiżlazzjoni konsistenti fir-rigward tal-inċentivi fiskali li jstimulaw l-investimenti fir-R&Ż, b'enfasi speċifika fuq ir-R&Ż u d-disinn taċ-ċipep tagħhom.

1.12. Il-Kumitat jappella għal aktar innovazzjoni u protezzjoni kontra l-attakki ċibernetiċi u thejjiha aħjar għal aktar theddid innovattiv għaċ-ċibersigurtà.

2. Sfdi għall-istrateġija tal-UE dwar is-semikondutturi

2.1. Ir-rivoluzzjoni diġitali u t-tfittxija kontinwa għal teknoloġiji rivoluzzjonarji ġġeneraw żieda sinifikanti fid-domanda għas-semikondutturi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-perjodu ta' rkupru ta' wara l-pandemija huma kkaratterizzati minn nuqqasijiet mifruxin fil-katina tal-provvista li, flimkien ma' żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u konġestjonijiet fil-provvista ta' materja prima kruċjali, qed ixekklu l-irkupru ekonomiku u jnaqqsu l-produzzjoni industrijali fl-UE.

2.2. L-industrija Ewropea tal-mikroelettronika (455 000 impjeg dirett) tgawdi minn tmexxija globali fi proċessuri li huma ddedikati għal sistemi inkorporati, sensuri, ċipep tal-frekwenza tar-radju, elettronika tal-enerġija, wejfers tas-siliċju, sustanzi kimiċi, u tagħmir avvanzat għall-produzzjoni taċ-ċipep. L-UE għandha wkoll bażi ta' riċerka b'saħħitha minħabba ċ-ċentri ta' riċerka tagħha u inizjattivi ambizzjużi ta' R&Ż.

2.3. Id-domanda għas-semikondutturi fl-industrija tal-karozzi hija mbassra li tikber bi 300 % sal-2030, filwaqt li l-ħtiġijiet tas-settur elettroniku industrijali għaċ-ċipep huma mistennija li jirdupjaw sal-2030, xprunati minn xi xejriet ewlenin bħat-teknoloġiji ta' produzzjoni ta' livell għoli tal-Industrija 4.0. Is-settur tal-komunikazzjoni jirrappreżenta 15 % tad-domanda tal-UE għaċ-ċipep, b'komponenti kritiċi taċ-ċipep għat-tagħmir ta' komunikazzjoni għall-5G, prinċipalment iddisinjati u prodotti barra mill-UE. L-industrija tal-kura tas-saħħa, tal-enerġija, tal-ajruspazju, tad-difiża u tal-logħob tal-azzard, eċċ., kollha qed jevolvu b'mod teknoloġiku u qed ikollhom domanda akbar kemm għal ċipep maturi kif ukoll avvanzati għall-proċessi ta' produzzjoni u l-prodotti tagħhom. Iċ-ċipep huma wkoll vitali għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet industrijali emerġenti tal-IA u tal-IoT, suq li qed jikber b'50 % kull sena. Il-bini ta' strateġija taċ-ċipep fuq dawn is-swieq finali b'saħħithom eżistenti u emerġenti ser jiġġenera ċirku virtuoż: l-industrija ewlenin tal-manifattura fl-UE ser isiru aktar kompetittivi, filwaqt li ser jissaħħu l-kapaċitajiet tas-semikondutturi fl-Unjoni.

2.4. Min-naħa l-oħra, l-industrija tal-UE hija rappreżentata inqas tajjeb f'għadd ta' swieq finali importanti għas-semikondutturi, bħall-cloud u l-ħżin tad-data, l-informatika personali, il-komunikazzjonijiet bla fili (smartphones) u l-apparat tal-konsumatur (gaming). Barra minn hekk, b'50 impjant ta' manifattura ta' semikondutturi (fabs) biss fit-territorju tal-UE, il-bażi tal-manifattura hija pjuttost baxxa, u l-UE ma tistax tipproduċi ċipep b'daqsijiet ta' karatteristiċi inqas minn 22 nm u għandha pożizzjoni dgħajfa fl-għodod ta' awtomatizzazzjoni tad-disinn u tad-disinn. B'riżultat ta' dan, l-UE kellha defiċit kummerċjali fis-semikondutturi ta' EUR 19,5 biljun fl-2021 (EUR 51 biljun ta' importazzjonijiet meta mqabbla ma' EUR 31,5 biljun ta' esportazzjonijiet)⁽¹⁾.

(1) European Commission SWD – A Chips Act for Europe (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa) (mhux disponibbli bil-Malti)

2.5. Peress li d-domanda għaċ-ċipep u l-użu tagħhom ser jiżdedu biss fil-futur, il-KESE jappella għal programmi ambizzjużi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-settur permezz tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji rivoluzzjonarji.

3. Kompetittività u awtonomija strateġika

3.1. Il-ħafna riskji li jaffettwaw is-settur tas-semikondutturi (in-nuqqasijiet strutturali, ir-riskji tal-katina tal-provvista, is-setgħa monopolistika f'partijiet ewlenin tal-katina tal-valur, ir-riskji ġeopolitiċi) u l-impatt tagħhom fuq firxa wiesgħa ta' industriji, qajmu kuxjenza dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sovranità teknoloġika tal-Ewropa f'dan il-qasam.

3.2. It-tfixkil fil-provvista tas-semikondutturi qed ikollhom effetti negattivi ħafna fuq l-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa. Il-kumplessità tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi tagħmilha diffiċli li jiġu identifikati u vvalutati r-riskji relatati mat-tfixkil u li jittieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni adatti. Il-KESE huwa tal-fehma li l-katina tal-valur taċ-ċipep tista' tissaħħaħ billi jiżdedu t-trasparenza u l-viżibbiltà, jiġu żgurati monitoraġġ u ġestjoni aktar strateġiċi tal-katina tal-provvista, billi jkun hemm tbassir aħjar tad-disponibbiltà taċ-ċipep, u jinħolqu sħubijiet aktar mill-qrib fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi fil-livell Ewropew.

3.3. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib fit-tul dwar il-provvista u jkun hemm kompetizzjoni globali fid-disinn u fil-produzzjoni ta' komponenti tas-semikondutturi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, il-KESE jqis li l-istrateġija Ewropea dwar is-semikondutturi għandha tippromovi l-istadji kollha tal-katina tal-valur tas-semikondutturi, inklużi r-riċerka dwar is-semikondutturi, id-disinn, il-manifattura taċ-ċipep, l-immuntar, l-ittestjar u l-imballaġġ.

3.4. B'mod partikolari, il-KESE jqis li l-UE trid tinvesti f'oqsma fejn id-dipendenza Ewropea fuq il-fornituri tat-teknoloġija barranin hija għolja ħafna, bħall-awtomatizzazzjoni tad-disinn u tad-disinn elettroniku, il-kapaċitajiet tal-manifattura u l-imballaġġ avanzat.

3.5. Peress li huwa ċar li s-semikondutturi saru qasam teknoloġiku strateġiku u l-UE m'għandhiex kapaċitajiet ta' manifattura kemm għaċ-ċipep trailing edge kif ukoll għal dawk leading edge, l-UE jeħtieġ li tappoġġja l-investimenti fil-produzzjoni taċ-ċipep, peress li dan huwa essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-manifattura f'setturi ewlenin. Tabilħaqq, id-domanda diġà għolja għal ċipep maturi (teknoloġija ta' 12-40 nm) mis-setturi industrijali tal-Ewropa, għadha qed tiżded. Fl-istess ħin, id-domanda għal ċipep leading edge (nodi ta' inqas minn 10 nm) hija mbassra li tikber ħafna aktar malajr minħabba l-bidla lejn l-edge computing u l-computing kwantistiku, l-IoT, is-sewqan awtomatizzat u l-intelliġenza artifiċjali. Dawn it-teknoloġiji qegħdin iwasslu għal bidla radikal i f'ħafna setturi industrijali: l-iġinerija, is-settur awtomobilistiku, dak elettroniku, is-saħħa, id-difiża u l-enerġija rinnovabbli. Dawn l-industriji ċertament għandhom il-potenzjal li joħolqu suq Ewropew li jappoġġja l-produzzjoni Ewropea ta' nodi leading edge fuq medda twila ta' żmien.

3.6. Madankollu, sabiex tingħata prijorità lill-investimenti, il-Kumitat iqis li, l-ewwel nett, l-investimenti għandhom ikunu mmirati lejn kapaċitajiet ta' disinn taċ-ċipep tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, filwaqt li jitqies li l-Ewropa m'għandhiex kapaċitajiet ta' disinn taċ-ċipep għal semikondutturi loġiċi avanzati.

3.7. Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lill-manifattura back-end (inkluż l-assemblaġġ, l-ittestjar u l-imballaġġ), li tirrikjedi aktar ħaddiema, u li tista' tkun strateġikament ikkonċentrata fix-Xlokk tal-Ewropa, fejn l-ispejjeż tax-xogħol huma aktar kompetittivi. Il-KESE jinsab imħasseb dwar id-diversi riskji li l-UE hija esposta għalihom minħabba d-dipendenza attwali tagħha fuq il-manifattura back-end, speċjalment fir-rigward taċ-Ċina.

3.8. Il-garanzija tal-aċċess għall-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tas-semikondutturi, bħal sustanzi kimiċi ta' purità għolja (ġermanju, boron, indju), gassijiet speċjali (neon, elju, argon), sostituti għas-siliċju (eż. karbur tas-siliċju għal ġestjoni aħjar tal-enerġija), hija ta' importanza kbira. Id-domanda għal dawn il-materjali ser tikber biss hekk kif id-domanda għaċ-ċipep tiżded minħabba l-kumplessità dejjem akbar tagħhom.

3.9. Il-Kumitat jinnota li l-Kummissjoni Ewropea ftit li xejn għamlet enfasi fuq l-importanza tal-materja prima, iċ-ċirkolarità tal-proċessi ta' produzzjoni u d-dipendenza eżistenti fuq pajjiżi terzi. Il-KESE ddikjara li “[i]l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija għandhom jiddiskutu flimkien kif is-sorsi tal-provvista jistgħu jiġu ddiversifikati u, b'mod partikolari, kif il-materja prima kritika fil-mikroeletronika tista' tiġi rriċklata aħjar bħala parti minn ekonomija ċirkolari industrijalizzata fil-mikroeletronika”⁽²⁾.

3.10. Il-Kumitat jemmen li l-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep għandha tiġi vvalutata u mmonitorjata bir-reqqa u jappella għal indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ċari biex bihom jiġi vvalutat il-progress. L-indikaturi għandhom jiġu stabbiliti flimkien mal-partijiet interessati industrijali u l-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

4. L-involviment tal-partijiet interessati tal-UE, il-kooperazzjoni internazzjonali u s-sħubijiet strateġiċi

4.1. Il-Kumitat jemmen li l-Alleanza Ewropea dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi, immedija mill-Kummissjoni f'Lulju 2021, għandha rwol importanti ħafna x'taqdi fl-identifikazzjoni tal-lakuni eżistenti fil-proċess tal-produzzjoni u l-adozzjoni teknoloġika fl-UE. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE u l-iżgurar tas-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista għandhom jiġu diskussi bir-reqqa fi ħdan l-Alleanza, bl-involviment tal-imsieħba soċjali mill-ekosistema tas-semikondutturi, l-akkademja u ċ-ċentri ta' riċerka rilevanti.

4.2. Il-KESE jqis li l-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-gvernijiet, ir-raggruppamenti tas-semikondutturi u l-istituzzjonijiet tar-R&Ż hija vitali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet attwali u tiġi żgurata fiduċja reċiproka sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa se jwassal għal dipendenzi reċiproċi tul il-ktajjen tal-valur globali, li min-naħa tagħhom se joħolqu ingranaġġ' fuq in-negozjati internazzjonali u jsaħħu r-reżiljenza ġenerali tas-settur kollu. Madankollu, il-KESE diġà esprima pożizzjoni ċara li “trid tiġi evitata kompetizzjoni għal sussidji u l-fondi jridu jintefqu b'mod effiċjenti mingħajr ma jinħolqu kapaciċtajiet żejda u distorsjonijiet tas-suq”⁽³⁾.

4.3. Il-KESE jappella għal rieżami bir-reqqa tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u s-sħubijiet industrijali internazzjonali eżistenti, bil-ħsieb ċar li tinkiseb awtonomija strateġika miftuħa u tiżdied ir-reżiljenza tal-Ewropa, f'kuntest ġeopolitiku dejjem aktar ikkumplikat. Id-diskussjonijiet għandhom jiġu intensifikati fi ħdan il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, li għandu jżid is-sħubija billi jistieden il-partijiet interessati industrijali u l-imsieħba soċjali rappreżentattivi tal-UE, kif ukoll iċ-ċentri ta' riċerka l-aktar importanti.

4.4. Id-dibattiti fil-fora Ewropej għandhom jiffukaw ukoll fuq l-implimentazzjoni tat-tħaffif propost tal-proċessi tal-permessi għal faċilitajiet ġodda, li jista' jkun iċ-ċipep ta' investiment barranin sostanzjali⁽⁴⁾, li joħolqu domanda immedjata. Aktar importanti minn hekk, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-implimentazzjoni ta' faċilitajiet regolatorji fl-Istati Membri kollha se jnaqqsu l-frammentazzjoni u jiżguraw il-prevedibbiltà għal investiment futuri.

5. Finanzjament

5.1. Il-KESE japprezza t-EUR 43 biljun li ġew imħabbra fl-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep u l-ħolqien futur tal-Fond għaċ-Ċipep, iżda jitlob kjarifika dettaljata dwar kif dawn il-fondi pubbliċi u privati ser jinġabru u jiġu allokati. Barra minn hekk, il-Kumitat jenfasizza li għandu jsir użu sħiħ mill-Pjani Ewropej għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li għandhom l-għan li jiddedikaw 20 % tal-baġit tagħhom għat-trasformazzjoni diġitali tal-Istati Membri.

5.2. Il-KESE jqis li l-appoġġ pubbliku fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri għal investiment f'teknoloġiji rivoluzzjonarji, pjattaformi ta' disinn virtwali u faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom (b'fokus fuq ċipep leading edge) huwa meħtieġ sabiex jitnaqqsu r-riskji u jittejjeb ir-redditu fuq il-perjodi ta' investiment għall-faċilitajiet li jridu jinbnew mill-bidu nett.

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)” (COM(2022) 46 final — 2022/0032 (COD)) (ĠU C 365, 23.9.2022, p. 34).

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ‘Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa’” (COM(2022) 45 final) (ĠU C 365, 23.9.2022, p. 23).

⁽⁴⁾ Bħan-negozjati li għandhom għaddejnin ma' Intel mill-Istati Uniti tal-Amerika, Samsung mill-Korea t'Isfel u TSMC mit-Tajwan.

5.3. Peress li l-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi propost ser ikun qed jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Istati Membri, il-KESE jinsab imħasseb li ser ikunu l-Istati Membri li ser jiġġieldu bejniethom għal sehem akbar mill-fondi. Għalhekk, il-Kumitat jixtieq jara distribuzzjoni ekonomikament effiċjenti iżda bbilanċjata tal-fondi tal-UE bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, kif ukoll bejn kumpaniji kbar, negozji ġodda u SMEs, sabiex ħadd ma jitħalla barra. Barra minn hekk, rigward l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, il-KESE diġà ddikjara li għandhom jifasslu kriterji speċifiċi u li “[k]riterji soċjopolitiċi, bħall-attitudni tal-kumpanija konċernata fir-rigward tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, l-ġhoti ta’ prijorità lill-kooperazzjoni mal-fornituri bbażati fl-Unjoni, iżda wkoll l-għadd ta’ impjegi sostenibbli addizzjonali maħluqa mill-investimenti u l-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għandu jkollhom rwol f’dan ir-rigward”⁽⁵⁾.

5.4. Il-Fond taċ-Ċipep propost ser iżid id-disponibbiltà tas-self u tal-finanzjament minn kapital ta’ riskju u ser jiffaċilita t-tkabbir ulterjuri ta’ kumpaniji zġġar innovattivi tas-semikondutturi. Madankollu, huwa meħtieġ suq Ewropew sħiħ tal-kapital ta’ riskju biex jgħin lil dawn il-kumpaniji jaqsmu l-“Wied tal-Mewt” li jwassal mid-dimostrazzjoni sal-introduzzjoni fis-suq. Il-KESE jappella għal gwida Prattika, speċjalment għan-negozji ġodda u għall-SMEs, dwar kif dawn il-fondi jistgħu jiġu aċċessati.

5.5. Fl-aħħar nett, il-Kumitat jixtieq jara pjan ta’ azzjoni sod biex jiġi attirat ukoll l-investment barrani, speċjalment minn kumpaniji internazzjonali ewlenin tas-semikondutturi, sabiex jiġu attirati kemm il-kapital kif ukoll l-għarfien espert lejn it-territorju tal-UE.

6. Ħiliet

6.1. Il-ħiliet diġitali saru assijiet intanġibbli ewlenin tar-rivoluzzjoni industrijali diġitali u d-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol b’ħiliet speċjalizzati saret element importanti għad-deċiżjonijiet ta’ investment, filwaqt li n-nuqqas ta’ ħiliet qed inaqqas serjament l-użu tal-kapaċitajiet diġitali. L-edukazzjoni diġitali u s-sensibilizzazzjoni fost is-soċjetà dwar l-impatt soċjetali tal-applikazzjonijiet diġitali (kemm il-benefiċċji kif ukoll ir-riskji relatati mal-konċentrazzjoni tal-poter jew ir-rispett għall-ħajja personali) huma għodod kruċjali għall-konsumaturi u s-soċjetà ċivili biex jikkontribwixxu b’mod responsabbli għall-iżviluppi futuri fl-ekosistema taċ-Ċipep u biex jattiraw il-ġenerazzjoni żagħżuġha. Il-KESE jitlob ukoll li tingħata attenzjoni speċifika lill-ħtieġa li tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema fil-manifattura taċ-Ċipep li huma esposti għal sustanzi perikolużi.

6.2. Bħalissa, l-għadd ta’ pożizzjonijiet miftuħa għall-ingeniera, għall-ispeċjalisti fid-disinn u għat-tekniki qed jikber b’rata allarmanti. Il-KESE jilqa’ s-Sħubija tal-Ħiliet għall-Ekosistema Diġitali li nħolqot reċentement. Bħala parti mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, din għandha tgħin biex jintlaħqu l-miri tal-programm tad-Deċennju Diġitali (filwaqt li 80 % tan-nies jiġu mgħammra b’ħiliet diġitali bażiċi, jiġu mnaqqsa l-iżbilanċi bejn il-ġeneri u jkun hemm 20 miljun speċjalista fl-ICT sal-2030), dawk tal-Aġenda għall-Ħiliet tal-UE u dawk tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (fejn 60 % tal-adulti jattendu korsijiet ta’ taħriġ).

6.3. Kwalunkwe politika dwar il-ħiliet jeħtieġ li tqis l-impatt tal-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni fuq il-pass tal-ħolqien tal-impjegi u l-qedra tal-impjegi, inkluża t-trasformazzjoni tas-suq tax-xogħol ikkawżata minn żviluppi teknoloġiċi fl-IA. L-impjegi b’ħiliet baxxi u medji huma friskju partikolari li jisparixxu (jiġu sostitwiti b’għodod diġitali u bl-awtomatizzazzjoni), filwaqt li d-domanda għal ħiliet diġitali avvanzati ser tibqa’ tikber. Il-KESE jqis li l-indirizzar ta’ dawn l-isfidi ser jirrikjedi sforzi sostanzjali għat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, speċjalment għall-ħaddiema affettwati mill-obsolenzja tal-ħiliet teknoloġiċi. Barra minn hekk, it-tagħlim tul il-ħajja u l-programmi tal-VET għandhom jgħinu lis-suq tax-xogħol tal-UE jispeċjalizza billi jinkisbu ħiliet speċifiċi essenzjali. Għalhekk, ser ikun importanti ħafna li l-istudenti jingħataw aċċess għal tagħmir ta’ disinn u manifattura tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku u esperjenza ta’ taħriġ fil-ħajja reali.

6.4. Il-Kumitat iqis ukoll li l-UE teħtieġ qafas leġislativ koerenti biex tattira forza tax-xogħol barranija speċjalizzata fis-semikondutturi. Il-KESE japprezza l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE⁽⁶⁾ u jqis li dan irid jiġi kkomplementat minn programmi ta’ titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, inkluż għall-ħaddiema mill-qasam STEM.

⁽⁵⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta’ miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)” (COM(2022) 46 final — 2022/0032 (COD)) (ĠU C 365, 23.9.2022, p. 34).

⁽⁶⁾ COM(2022) 657 final – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE

6.5. Min-naħa l-oħra, il-KESE jinsab imħasseb dwar il-fatt li n-nuqqas ta' ħilet madwar id-dinja ser jirriżulta fi gwerra għat-talent, filwaqt li tirriżulta feżodu ta' mħuħ intern (fl-UE) jew internazzjonali. Għalhekk, il-KESE jistenna bil-ħerqa l-Komunikazzjoni li jmiss rigward "L-eżodu tal-imħuħ – il-mitigazzjoni tal-isfidi assoċjati mad-depopolazzjoni".

7. R&Ż&I

7.1. Il-KESE jenfasizza li, sfortunatament, ħafna mill-innovazzjonijiet żviluppatti mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija tal-UE, qed jiġu adottati f'partijiet oħra tad-dinja u għadhom ma wasslux għal bażi tal-manifattura tal-UE aktar b'saħħiħa. Għalhekk, il-KESE jqis li l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija tal-UE jridu jiġbru flimkien il-bażi industrijali kollha u l-għarfien eżistenti dwar is-semikondutturi, jaġġornaw u jibnu linji pilota tas-semikondutturi u jesploraw u jisfruttaw l-opportunitajiet għall-futur f'oqsma ewlenin bħall-edge computing, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà. F'dan ir-rigward, it-tqarrib tas-setturi tal-utenti finali lejn il-bażi tar-riċerka Ewropea ser ikun kruċjali.

7.2. Il-Kumitat jappella għal pjani direzzjonali għall-innovazzjoni fit-tul biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni diġitali, peress li dawn jippermettu approċċ proattiv biex jixprunaw l-investimenti fir-R&Ż f'miri strateġiċi aktar fit-tul u biex jiġu indirizzati l-lakuni fl-ekosistema tas-semikondutturi. Barra minn hekk, il-Kumitat jitlob li l-potenzjal tal-innovazzjoni tal-SMEs ta' teknoloġija avvanzata jiġi sfruttat aħjar; dawn il-kumpaniji spiss ikunu speċjalizzati ħafna, aġli u attivi fi swieq niċċa ta' valur għoli.

7.3. Il-KESE jirrimarka li għandha tiġi żgurata protezzjoni aħjar għall-proprjetà intellettwali prezzjuża tal-kumpaniji li hija integrata fiċ-ċipep u jilqa' r-regoli ċari mħabbra fl-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep. L-attività futura tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandha tinkludi konsultazzjonijiet f'waqthom mal-partijiet interessati tal-industrija dwar il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-UE.

7.4. Il-Kumitat jemmen li għandu jiġi dirett investment speċjali lejn ir-R&Ż fid-disinn taċ-ċipep, peress li dan jipprovdi l-akbar sehem ta' valur miżjud u jista' wkoll isaħħaħ l-argument kummerċjali għal kapaċità ta' manifattura aktar avvanzata. F'dan il-kuntest, il-bijoekonomija li qed tiżviluppa b'mod qawwi, b'applikazzjonijiet futuri vasti, għandha titqies ukoll. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-opportunitajiet li tadotta leġiżlazzjoni konsistenti fir-rigward tal-inċentivi fiskali li jstimulaw l-investimenti fir-R&Ż, speċjalment fir-rigward ta' konsorzji futuri li jinkludu kumpaniji kbar, SMEs, negozji ġodda u spinoffs minn istituzzjonijiet ta' riċerka.

7.5. Iċ-ċibersigurtà saret suġġett ewlieni għal ħafna setturi industrijali bħal dak tal-karozzi, l-inġinerija, il-komunikazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-ajruspazju u d-difiża. Il-KESE jappella għal aktar innovazzjoni u protezzjoni kontra l-attakki ċibernetiċi u l-ħtieġa li jkun hemm tħejjija għal aktar theddid innovattiv għaċ-ċibersigurtà. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta għal Att tal-UE dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika li ser jintroduċi rekwiżiti ġodda taċ-ċibersigurtà u joħloq fehim aħjar tat-theddid ċibernetiku fost il-produtturi u l-konsumaturi. Il-KESE jappella wkoll għal aktar tisħiħ tar-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “COVID-19: Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-rikostruzzjoni u r-reżiljenza tar-reġjun Ewro-Mediterranju”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2023/C 140/03)

Relatur: **Angelo PAGLIARA**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.3.2021
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	20.12.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	183/0/5

1. Introduzzjoni

1.1. Il-kriżi pandemika laqtet lir-reġjun Ewro-Mediterranju b'mod qawwi, u aggravat il-problemi eżistenti u ħolqot sfidi ġodda li jiżiedu ma' dawk ta' qabel. Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi pproduċew riskju li jiżiedu l-inugwaljanzi speċjalment f'dawk il-pajjiżi b'sistemi ekonomiċi u produttivi dgħajfa.

1.2. Il-Kumitat ta' monitoraġġ Euromed tal-KESE ddeċieda li jiffoka l-attenzjoni tiegħu fuq ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-rikostruzzjoni u r-reżiljenza fir-reġjun Ewro-Mediterranju.

1.3. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-reġjun Ewro-Mediterranju u l-kumitati ekonomiċi u soċjali ta' diversi pajjiżi ġew involuti fl-abbozzar tar-rapport. Ġiet żviluppata kooperazzjoni partikolari u mill-qrib mal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali tal-Marokk li ospita b'mod konġunt is-Summit Ewro-Mediterranju 2021.

1.4. Għalhekk, dan ir-rapport ta' informazzjoni għandu valur miżjud importanti li ġej mill-involvement tas-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran.

1.5. Dan ir-rapport jikkomplementa r-rapporti ta' informazzjoni preċedenti dwar it-temi L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fir-reġjun Ewro-Mediterranju, Id-diġitalizzazzjoni u l-SMEs fir-Reġjun tal-Mediterran u Żvilupp sostenibbli fir-reġjun tal-Mediterran ⁽¹⁾.

2. Konklużjonijiet

2.1. Is-soċjetà ċivili, fuq livell globali, irrispondiet immedjatament għall-pandemija billi kienet attiva fuq quddiem nett, u pprovdiet assistenza u għajnuma lill-popolazzjoni. Fiż-żona Ewro-Mediterranja wkoll, ir-rwol tas-soċjetà ċivili kien fundamentali biex jiġu mmitigati l-effetti negattivi tal-COVID-19.

2.2. Fir-reġjun Ewro-Mediterranju, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili appoġġjaw l-azzjoni tal-gvernijiet billi pprovdew servizzi essenzjali u assistenza fil-kura tas-saħħa, qasmu tagħmir protettiv personali u kkontribwew għat-tixrid ta' informazzjoni essenzjali, speċjalment f'żoni periferiċi. L-azzjoni tagħhom kienet ukoll ta' importanza fundamentali biex timmitiga l-effetti tal-pandemija fuq l-aktar sezzjonijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni, bħal nisa, żgħażagħ, immigranti u persuni b'diżabilità.

⁽¹⁾ Dan ir-rapport ta' informazzjoni huwa kkomplementat ukoll minn Opinjonijiet reċenti tal-KESE dwar dan is-suġġett, b'mod partikolari: Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u għar-Reżiljenza” (COM(2020) 408 final — 2020/0104 (COD)) — “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku” (COM(2020) 409 final — 2020/0103 (COD)) (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 132); ECO/515 Regolament dwar Inizzjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali); Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Emerġenza wara l-COVID-19: it-tfassil ta' Matriċi Multilaterali Ġdida” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja), (ĠU C 364, 28.10.2020, p. 53).

2.3. L-attiviżmu tas-soċjetà ċivili għamilha possibbli li tissaħħaħ is-solidarjetà fir-reġjun Ewro-Mediterranju; ħafna organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Viċinat tan-Nofsinhar kienu attivi billi ħolqu gruppi ta' solidarjetà ċivika, esperimentaw b'metodoloġiji innovattivi u intensifikaw l-informazzjoni u l-attivitajiet ta' koordinazzjoni tagħhom online.

2.4. Il-KESE huwa konvint li rkupru ekonomiku u soċjali ġust u ekwu huwa possibbli biss permezz tal-involvement tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-settur privat u. speċjalment l-SMEs. L-irkupru taż-żona tal-Mediterran u l-iżvilupp ta' mudelli soċjoekonomiċi sostenibbli u reżiljenti għandhom ikunu ispirati minn prinċipji bħar-rispett għall-istat tad-dritt, il-protezzjoni tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet soċjali u tal-bniedem, l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO, u impenn komuni għat-tilħiq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u n-newtralità klimatika.

2.5. Il-KESE jilqa' l-adozzjoni tal-Aġenda ġdida għall-Mediterran u jenfasizza l-ħtieġa li l-miżuri kollha biex jiġi appoġġjat l-irkupru jaqdu l-għanijiet doppji tal-iżvilupp u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni tar-reġjun.

2.6. Fil-Mediterran illum huma kkonċentrati sensiela ta' sfidi ta' natura soċjali, politika, ambjentali, ġeopolitika u ta' immigrazzjoni, li huma sfidi fundamentali mhux biss għall-Ewropa iżda għad-dinja kollha. Il-KESE jemmen li l-isfidi multidimensjonali dejjem jikbru taż-żona jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' multilateraliżmu mġedded u effettiv appoġġjat mill-Unjoni Ewropea.

2.7. L-effetti tat-tibdil fil-klima qed jaffettwaw ukoll iż-żona tal-Mediterran permezz tal-proċess ta' deżertifikazzjoni, l-iskarsezza tal-ilma u ż-żieda fit-temperaturi. Il-kriżi attwali enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza komuni u jinfetħu inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni fl-oqsm ta-ambjent u tad-diġitalizzazzjoni. Il-KESE jqis li huwa utli, anke bis-saħħa ta' għarfien dejjem akbar tas-soċjetà ċivili u permezz ta' parteċipazzjoni akbar tal-imsieħba soċjali, li inizjattivi bħal WestMED jiġu estenzi u msaħħa, bil-għan li jikkontribwixxu għat-tilħiq tal-oġġettivi dwar il-klima u l-ambjent permezz ta' mudelli ta' ekonomija blu mmirati lejn il-ħolqien tal-impjiegi u l-protezzjoni tal-ekosistema u d-diversità.

2.8. Għaxar snin wara r-Rebbiegħa Għarbija, l-Unjoni Ewropea ġeddet l-istrateġija tagħha ta' kooperazzjoni mal-viċinat tal-Mediterran. F'dan il-kuntest, il-KESE jqis li l-aġenda l-ġdida għall-Mediterran hija għodda fundamentali għall-irkupru soċjali u ekonomiku tar-reġjun wara l-kriżi tal-COVID-19. L-impenn imġedded għas-sħubija għandu jkun marbut mill-qrib mhux biss mal-isfidi ekonomiċi u soċjali, iżda wkoll mal-isfidi ambjentali, demografiċi u ta' immigrazzjoni b'rispett sħiħ tal-progress u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni. Is-sitwazzjoni tas-sistemi tas-saħħa wriet li hija fraġli f'ħafna oqsm ta-reġjun, u l-kriżi pandemika tirrappreżenta test importanti li jista' jaffettwa wkoll l-istabbiltà politika.

2.9. Fil-programmi ta' rkupru u rikostruzzjoni taż-żona tal-Mediterran, għandha tingħata importanza partikolari lil irkupru mgħaġġel tas-settur turistiku u speċjalment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jimpjegaw iktar minn nofs l-impjegati fl-UE. Il-kontinwazzjoni tal-konsegwenzi tal-kriżi, inkluż il-qgħad strutturali – speċjalment fost iż-żgħażaġh u n-nisa – jista' jkollha riperkussjonijiet soċjali serji.

2.10. L-iżvilupp tal-kapital uman tal-forza tax-xogħol huwa partikolarment importanti għall-iżvilupp sostenibbli tal-imsieħba Mediterranji tal-UE. B'mod speċjali fis-settur tat-turiżmu, għandu jiġi promoss it-taħriġ tal-persunal. Barra minn hekk, il-KESE jinnota li ostaklu kbir huwa l-problema tal-“eżodu ta' mħuħ” mill-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar lejn pajjiżi industrijalizzati żviluppati ħafna, b'mod partikolari għad-detriment tat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomiji tagħhom. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom għalhekk jiffaċilitaw il-permessi tax-xogħol għal żmien qasir u medju fl-UE kemm għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom kif ukoll għall-impjegati, speċjalment fis-settur tal-IT. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-implimentazzjoni ta' proġetti diġitali f'pajjiżi msieħba sabiex b'mod partikolari t-tekniki tal-IT isibu opportunitajiet tajbin ta' impjeg f'pajjiżhom.

2.11. Sabiex issaħħaħ id-djalogu mal-Viċinat tan-Nofsinhar, l-UE se tuża l-għodod u l-programmi eżistenti ta' kooperazzjoni. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jirrakkomanda l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz ta' djalogu soċjali u ċivili inklużiv fil-livelli kollha li jqis l-ispeċifitajiet u r-rwoli tad-diversi atturi involuti u li jivvaluta l-kontribut tagħhom fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri meħtieġa biex jimmaniġġjaw l-impatt li qed jiġġeneraw it-trasformazzjonijiet u l-kriżijiet attwali, billi jibdedw bl-effetti tat-tibdil fil-klima.

2.12. Huwa smat li ħafna pajjiżi fil-Viċinat tan-Nofsinhar se jesperjenzaw tnaqqis fil-PDG per capita u se jħabbtu wiċċhom ma' sfidi kbar fl-indirizzar tar-riskji soċjali, ekonomiċi u tal-faqar li qegħdin dejjem jikbru. Għal din ir-raġuni, huma meħtieġa pjani ta' rikostruzzjoni ekonomika u finanzjarja li fihom miżuri li jistgħu jindirizzaw ukoll il-problemi responsabbli għall-prekarjetà soċjali dejjem tikber.

2.13. L-irkupru ekonomiku ta' ħafna pajjiżi fil-viċinat tal-Mediterran huwa marbut mill-qrib mal-effettività ta' kampanja adegwata ta' tilqim, u għalhekk il-KESE jirrakkomanda t-tisħiħ tal-COVAX u l-appoġġ massimu loġistiku u ta' provvista mill-istituzzjonijiet Ewropej, anke permezz ta' ftehimiet bilaterali. Il-KESE jenfasizza li huwa partikolarment importanti li l-pajjiżi msieħba fin-Nofsinhar tal-Mediterran jiġu appoġġjati fl-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' produzzjoni awtodeterminati għall-vaċċini u l-prodotti mediċi f'pajjiżhom. F'dan il-kuntest, huwa jtenni l-appell tiegħu biex jiġi diskuss b'mod serju l-ħruġ ta' privattivi fuq vaċċini u prodotti mediċi sabiex jiġu miġġielda l-pandemija.

2.14. Il-KESE jemmen li, fil-kuntest tal-irkupru ta' wara l-COVID-19, l-involvement attiv tas-soċjetà ċivili huwa parti mill-proċess biex jintlaħqu għanijiet bħat-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-popli u l-iżvilupp ta' mudell ġdid ta' żvilupp sostenibbli. Għalhekk jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej biex, fil-qafas tas-sħubija mal-Viċinat tan-Nofsinhar, ikomplu jsaħħu l-istrumenti kollha għall-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

2.15. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kienu minn ta' quddiem nett fl-appoġġ tagħhom għar-rispons fil-qasam tas-saħħa u dak soċjali għall-pandemija, u l-attiviżmu tagħhom għamilha possibbli li jiġu mmitigati l-konsegwenzi soċjali u tas-saħħa fuq il-popolazzjoni. Madankollu, kif diġà enfasizzat mill-KESE, il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà hija kkundizzjonata mill-fatt li r-riżorsi huma ta' spiss limitati u soġġetti għal varjazzjonijiet. Il-KESE huwa konvint mill-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bil-għan ukoll li l-gruppi l-aktar vulnerabbli partikolarment affettwati mill-pandemija, bħaż-żgħażaġh, in-nisa, il-migranti u l-persuni b'diżabilità jkunu protetti aħjar.

2.16. Il-KESE jappella għal aktar azzjoni mill-istituzzjonijiet Ewropej biex jappoġġjaw il-paċi, id-demokraziji u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fiż-żoni ta' kunflitt tal-viċinat tal-Mediterran. Il-kundizzjonijiet tal-popli fiż-żoni ta' kunflitt komplew imorru għall-aġar minħabba l-pandemija u huma meħtieġa inizjattivi qawwija biex jiġi żgurat pjan ta' paċi komplet.

2.17. Fid-dawl tal-probabbiltà ta' rkupru diffiċli mill-kriżi pandemika, in-negozjati kummerċjali li għaddejjin bejn l-UE u l-Marokk u t-Tuneżija, kif ukoll in-negozjati li se jsiru mal-Ġordan, jassumu importanza akbar. L-UE għandha tikkunsidra aktar l-asimmetriji eżistenti u tilqa' lill-imsieħba kummerċjali tagħha tan-Nofsinhar b'mod adegwat. Il-KESE jappella għal involviment akbar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali fil-proċessi ta' negozjati u ankraġġ formali fit-Trattati sabiex huma jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-pajjiżi msieħba, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-kapitoli obbligatorji dwar is-sostenibbiltà tal-ftehimiet kummerċjali li jmiss.

2.18. Barra minn hekk, il-KESE jissuġġerixxi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jingħataw ir-responsabbiltà mhux biss għall-kapitoli dwar is-sostenibbiltà iżda wkoll għall-ambitu kollu tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investment bħala parti mill-involvement tagħhom strutturat b'mod formali.

2.19. Il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li l-UE għandha timmira parti mill-fondi tagħha għall-għajnuna għall-kummerċ biex tappoġġja l-parteċipazzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi sforzi ta' kummerċ u investment sostenibbli.

2.20. Il-KESE fil-passat kien diġà rrakkomanda t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran. Wara l-adozzjoni tal-istrateġija l-ġdida għall-Mediterran u fid-dawl tar-rikostruzzjoni ta' wara l-pandemija, il-KESE jfakkar fil-ħtieġa li jissaħħu l-investimenti fl-infrastrutturi diġitali u l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-SMEs bħala xpruni għall-impjeg u l-iżvilupp soċjali, inkluż permezz tal-involvement tal-imsieħba soċjali, u b'hekk jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' negozjar kollettiv u djalogu soċjali fid-diversi livelli.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-kriżi pandemika aggravat il-kwistjonijiet kritiċi tal-viċinat tal-Mediterran; 25 sena wara d-dikjarazzjoni ta' Barcellona u 10 snin wara r-Rebbieġha Għarbija, l-isfidi tal-Mediterran jibqgħu enormi. L-Unjoni Ewropea u l-imsieħba tagħha fir-reġjun tal-Mediterran dan l-aħħar iddeċidew li jerġgħu jniedu u jsaħħu l-kooperazzjoni permezz ta' Aġenda għall-Mediterran ġdida u ambizzjuża.

3.2. Din hija bbażata fuq it-tweġmin li l-uniku mezz biex l-isfidi strateġiċi tal-gejġieni jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'suċċess u f'interess reċiproku huwa jekk jaħdmu flimkien u fi spirtu ta' sħubija. L-Aġenda tinkludi pjan apposta ta' investimenti ekonomiċi biex jitrawwem l-irkupru soċjoekonomiku tal-Viċinat tal-Mediterran fil-perjodu 2021-2027. L-għan komuni, kif iddikjarat mir-Rappreżentant Għoli Josep Borrell, huwa li jinbena Viċinat tan-Nofsinhar paċifiku, sikur, aktar demokratiku, aktar favur l-ambjent, prosperu u inklużiv.

3.3. Fi studju reċenti ppubblikat minn Med Dialogue for Rights and Equality, bit-titolu *Bridging the Sea* ⁽²⁾, ħareġ li kważi 63 % tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li joperaw fil-Viċinat tan-Nofsinhar huma kkonċernati bi kwistjonijiet bħall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet, filwaqt li aktar minn 53 % huma kkonċernati, fost affarijiet oħra, bil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi. L-importanza tas-sensittività u l-attenzjoni tagħhom għal kwistjonijiet ekoloġiċi u ambjentali qiegħda dejjem tikber. Din id-data tikkonferma l-preżenza ta' bażi sodi u l-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ għas-soċjetà ċivili biex tiffaċċja aħjar l-isfidi tal-futur.

3.4. Is-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar saħħet il-preżenza tagħha matul l-aħħar għoxrin sena. Permezz tal-approċċ attiv tagħha kien possibbli li l-konsegwenzi soċjali u tas-saħħa fuq il-popolazzjoni jiġu mmitigati, iżda fl-istess ħin dan enfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni sabiex il-ħiliet u l-kompetenzi tas-soċjetà ċivili jaħdmu aħjar.

3.5. Iż-żona tal-Mediterran, bħall-bqija tad-dinja, sofriet xokk ekonomiku u soċjali qawwi wara l-pandemija tal-COVID-19. Il-konsegwenzi soċjali u tas-saħħa ġew aċċentwati min-nuqqas ta' infrastrutturi tas-saħħa pubblika adegwati, speċjalment fl-aktar pajjiżi fraġli. Il-kriżi pandemika żiedet mal-kriżijiet li diġà jeżistu f'diversi pajjiżi, minħabba sensiela ta' fatturi bħall-prestazzjoni diġà prekarja fil-qasam ekonomiku u soċjali, il-livelli għoljin ta' qgħad u l-konsegwenzi ta' kunflitti f'ċerti żoni bħal-Libja u s-Sirja.

3.6. Il-gvernijiet fir-reġjun tal-Mediterran, għalkemm b'differenzi sostanzjali, irreaġixxew minnufih biex irażżnu l-firxa tal-pandemija billi implimentaw miżuri ħalli jappoġġjaw lill-ħaddiema u n-negozji, b'kollaborazzjoni wkoll mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għalkemm ta' spiss irriżulta li l-involvement tagħhom kien insuffiċjenti u f'xi każijiet assenti. Sabiex jitrażżnu l-effetti tal-pandemija, kważi l-pajjiżi kollha fiż-żona tal-Mediterran adottaw miżuri ta' lockdown, bħal fil-Marokk, l-Eġittu, il-Ġordan u l-Libanu, kif ukoll curfews u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar.

3.7. Wara l-kriżi pandemika, bosta gvernijiet fiż-żona implimentaw politiki ta' espansjoni sabiex jindirizzaw il-kriżi ekonomika u jappoġġjaw setturi speċifiċi billi jinkoraġġixxu l-produzzjoni, jintroduċu benefiċċji tat-taxxa u ekonomiċi u miżuri bil-għan li jiġi attirat l-investment

3.8. Il-pandemija kellha konsegwenzi ekonomiċi negattivi fir-reġjun tal-Mediterran, mhux biss minħabba fatturi bħat-tnaqqis fid-domanda interna u esterna u t-tnaqqis fil-konsum, iżda wkoll minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja u d-dejn pubbliku li sejrjn għall-aħħar. Mill-bidu tal-kriżi pandemika 'l hawn, il-gvernijiet fir-reġjun bdew jallokaw riżorsi addizzjonali għas-sistemi tas-saħħa u tal-ekonomija sabiex jappoġġjaw ċerti setturi. Għal din ir-raġuni, id-defiċit pubbliku ta' kważi l-pajjiżi kollha tar-reġjun tal-Mediterran se jiżdied b'mod konsiderevoli.

3.9. Is-settur tat-trasport intlaqat ħażin mill-miżuri restrittivi li impedixxew jew naqqsu l-ivvjaġġar internazzjonali, u konsegwentement it-turiżmu kien wieħed mis-setturi l-aktar milquta mill-kriżi pandemika. L-OECD stmat li s-settur ra tnaqqis ta' bejn 45 % u 70 %, u tnaqqis fit-turiżmu internazzjonali ta' bejn 60 % u 80 % ⁽³⁾. It-turiżmu huwa wieħed mis-setturi ekonomiċi ewlenin għall-pajjiżi taż-żona tal-Mediterran u, skont il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD), l-Eġittu u l-Marokk se jkunu fost il-pajjiżi l-aktar milquta fid-dinja ⁽⁴⁾.

3.10. L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom huma wieħed mill-komponenti importanti tal-ekonomija tal-pajjiżi tax-xatt tan-Nofsinhar. Dawn raw tnaqqis konsiderevoli fil-fatturat tagħhom, u ħafna minnhom kellhom inaqqsu n-numru ta' impjegati. F'dan ir-rigward, se jkun meħtieġ li jiġu introdotti miżuri strutturali li jistgħu jgħinu lill-SMEs biex joħorġu mill-kriżi, jikbru u jinnovaw billi jiffaċċjaw l-isfida doppja tad-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni.

⁽²⁾ <https://meddialogue.eu/wp-content/uploads/2021/02/Publication-Bridging-the-sea.pdf>

⁽³⁾ https://read.oecd-ilibrary.org/view/?ref=124_124984-7uf8nm95se&title=Covid-19_Tourism_Policy_Responses&_ga=2.143901749.1647750476.1622806508-1692148678.1622806341

⁽⁴⁾ https://unctad.org/system/files/official-document/ditcinf2020d3_en.pdf

3.11. Il-kriżi pandemika fir-reġjun tal-Mediterran affettwat il-gruppi soċjali kollha iżda, b'mod partikolari, l-aktar affettwati kienu: iż-żgħażaġh, minħabba d-deterjorazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-miżuri ta' għeluq li affettwaw l-iskejjel u l-universitajiet; in-nisa, impjegati, f'xi żoni bħall-Viċinat tan-Nofsinhar, l-aktar fl-ekonomija informali, fl-agrikoltura u fis-settur tat-turiżmu li kien affettwat severament mill-miżuri ta' konteniment; kategoriji vulnerabbli bħal ħaddiema informali u refuġjati li ħafna drabi ma kinux fil-mira tal-miżuri ta' protezzjoni soċjali, u persuni b'diżabilità minħabba li s-servizzi ta' spiss kienu insuffiċjenti.

3.12. F'xi żoni tal-Viċinat tan-Nofsinhar, fatturi bħall-iskarsezza tal-ilma u f'it li xejn aċċess għas-sanità aċċentwaw l-impatt tal-pandemija, speċjalment fl-aktar strati soċjalment iżolati, fiż-żoni ta' kunflitt u l-kampijiet tar-refuġjati.

4. Sfidi u opportunitajiet

4.1. Kif enfasizzat mis-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran⁽⁵⁾, il-kriżi attwali tas-saħħa qed tipperikola l-progress soċjoekonomiku taż-żona miksub f'dawn l-aħħar snin. Il-kriżi, madankollu, tirrappreżenta opportunità biex tissaħħaħ l-integrazzjoni u biex l-ekonomiji jsiru aktar reżiljenti.

4.2. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-reġjun Ewro-Mediterranju huwa ta' importanza fundamentali fil-bini ta' soċjetà aktar ġusta u inklużiva wara l-pandemija; bl-istess mod, kif ġie enfasizzat fis-Summit Soċjali ta' Porto⁽⁶⁾, l-involvement attiv tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa kruċjali biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u għall-implimentazzjoni effettiva tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

4.3. Il-COVID-19 u miżuri relatati jpoġġu s-sostenibbiltà tas-soċjetà ċivili friskju. Il-gvernijiet u ħafna donaturi ssuspendew l-għotjiet u ffriżaw il-finanzjament, u dderiġew mill-ġdid il-fondi lejn l-isforzi ta' għajnuma minħabba l-COVID-19. Ir-riżultat qed jhedded is-sostenibbiltà diġà fraġili tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-possibbiltà li jkomplu jaqdu lill-komunitajiet, u l-impjegati ta' ħafna ħaddiema tas-soċjetà ċivili, għalkemm hemm aspettattivi kbar għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-KESE jenfasizza li l-għotjiet għas-sostenibbiltà organizzattiva u l-finanzjament ta' appoġġ ewlieni huma kruċjali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jadattaw għal sitwazzjonijiet li jinbidlu malajr u biex ikomplu joperaw waqt kriżi.

4.4. Il-KESE enfasizza li l-Mediterran huwa waħda mill-aktar żoni fid-dinja vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Il-COVID-19 affettwat is-sitwazzjoni soċjali u l-iżvilupp b'mod negattiv, u żiedet l-urġenza li jiġu adottati strateġiji għal żvilupp sostenibbli u l-ekonomija ekoloġika.

4.5. L-adozzjoni ta' pjani ta' rkupru fiż-żona tal-Mediterran tirrappreżenta opportunità potenzjali biex jiġi ggarantit l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali tar-reġjun. Huwa essenzjali li l-opportunitajiet ta' żvilupp jintrabtu mar-rispett għal prinċipji bħas-solidarjetà, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, il-protezzjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt. L-involvement attiv tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet kollha.

4.6. Fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, il-pjani futuri ta' rikostruzzjoni ta' wara l-COVID-19, flimkien mat-tkabbir ekonomiku, għandu jkollhom rilevanza primarja f'azzjonijiet li għandhom l-għan li jnaqqsu l-problemi ambjentali marbuta mat-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma, id-deżertifikazzjoni u t-tniġġis. Il-miżuri għall-konservazzjoni u protezzjoni ambjentali jista' jkollhom impatt pożittiv fir-reġjun tal-Mediterran billi jiddiversifikaw l-ekonomija u joħlqu impjegati ta' kwalità tajba. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-potenzjal għoli ħafna tal-enerġiji rinnovabbli (speċjalment l-enerġija mix-xemx u mir-riħ) fil-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar u jstieden lill-UE u lill-pajjiżi membri tagħha biex jinsistu għal investimenti komuni li jkunu aktar sostenibbli f'dan il-qasam.

4.7. Il-KESE diġà enfasizza l-hteġa li tiġi promossa tranżizzjoni ġusta fiż-żona tal-Mediterran sabiex ikun hemm ukoll benefiċċji f'termini tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-ġeneru. Sabiex jiġi ggarantit irkupru li huwa tassew orjentat lejn il-prinċipji tat-tranżizzjoni u d-diġitalizzazzjoni, se jkun ta' importanza fundamentali li jiġu promossi l-għarfien u l-iżvilupp ta' attitudnijiet intraprenditorjali partikolari u l-ħiliet diġitali. Il-KESE jappoġġja s-sejħa tal-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar tiegħu għal impenn aktar b'saħħtu tal-UE u l-Istati Membri tagħha fil-qasam tar-riċerka u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-Mediterran.

⁽⁵⁾ Il-ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UgħM stabbilixxew oqsma ta' prijorità għal kooperazzjoni u integrazzjoni aktar b'saħħithom fir-reġjun Ewro-Mediterranju – Unjoni għall-Mediterran – UgħM (ufmsecretariat.org)

⁽⁶⁾ <https://www.2021portugal.eu/en/porto-social-summit/porto-social-commitment/>

4.8. L-irkupru tal-Viċinat tan-Nofsinhar, f'kuntast ikkaratterizzat minn perċentwal importanti ta' impjieg fl-ekonomija informali, huwa wkoll marbut mill-qrib mal-iżvilupp ta' mudell effettiv ta' taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni. Il-KESE jtenni l-ħtieġa li jissaħħu l-ħiliet professjonali, speċjalment dawk taż-żgħażaġh u n-nisa, sabiex ikunu jistgħu jintużaw f'ambjenti nazzjonali u transnazzjonali, bħala parti minn approċċ ta' "moħħ ċirkolari". L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ukoll rwol importanti fit-tisħiħ tal-ħiliet permezz tal-edukazzjoni mhux formali, l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma u taħriġ u permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali. Il-Kumitat jenfasizza wkoll il-ħtieġa li, kif diġà ġie enfasizzat fid-djalogu reġjonali tal-UgħM mal-imsieħba soċjali, fost l-oħrajn, jiġu involuti l-imsieħba soċjali, bil-għan li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' qbil bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Boxxla Strateġika tal-UE”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2023/C 140/04)

Relatur: **Christian MOOS**Korelatur: **Peter CLEVER**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	14.7.2022
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	20.12.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	163/1/5

1. Sommarju u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Boxxla Strateġika hija pass importanti 'l quddiem. Hija katalogu ta' proġetti u miżuri konkreti importanti ħafna li jsaħħu s-sigurtà tal-Ewropa. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jemmen li din għandha titwessa' biex tiffirma strateġija komprensiva għall-politika estera u ta' sigurtà Ewropea u li s-soċjetà ċivili għandha tkun involuta f'dan il-proċess.

1.2. Il-KESE jisħaq li s-sigurtà tmur ferm lil hinn mid-difiża u li strateġija komprensiva tal-UE ta' sigurtà trid tagħmel enfasi fuq aspetti ċivili u preventivi wkoll, sabiex tappoġġja u tikkomplementa l-miżuri konkreti ta' difiża.

1.3. Il-KESE jisħaq dwar l-importanza preventiva tal-ġustizzja soċjali, tal-prospetti ekonomiċi u tas-sostenibbiltà ambjentali. Il-paċi soċjali u l-istabbiltà ekonomika huma prerekwiżiti importanti għan-nonvjolenza. It-trażżin tat-tisħin globali u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tiegħu huma fundamentali għaż-żamma tal-ordni soċjali u l-paċi fid-dinja.

1.4. Il-Boxxla Strateġika ma tqisx biżżejjed ir-rwol li s-soċjetà ċivili Ewropea jista' u jrid ikollha fil-kisba ta' reżiljenza akbar għall-attakki ibridi u l-periklu sistematiku għall-koeżjoni u s-solidarjetà fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u bejniethom minn forzi ostili.

1.5. Il-politika ta' sigurtà ċivili u preventiva jimxu id f'id mal-kapaċità ta' difiża militari. Din tal-aħħar hija kundizzjoni indispensabbli għas-sigurtà, u għandha titqies ukoll bħala preventiva fid-dawl tal-effett dissważiv tagħha.

1.6. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Boxxla Strateġika tagħti stampa pożittiva wisq tal-politika Ewropea ta' sigurtà u ta' difiża.

1.7. In-NATO mhijiex biss imsieħeb strateġiku tal-UE, iżda l-fornitur kruċjali tas-sigurtà tagħha. L-Ewropej jeħtiġilhom jipprovdu valur miżjud akbar lin-NATO, permezz ta' miżuri li jsaħħu l-kapaċità tagħhom stess li jaġixxu. L-UE u n-NATO sa issa għadhom ma sfruttawx bis-sħiħ il-potenzjal tal-kooperazzjoni tagħhom. It-tisħin tal-pilastru Ewropew tas-sigurtà u tad-difiża jfisser it-tisħin tan-NATO.

1.8. Fl-aħħar mill-aħħar, l-UE trid tieħu aktar responsabbiltà u toħloq Unjoni Ewropea tad-Difiża bħala l-pilastru Ewropew tan-NATO, filwaqt li tiżgura li tirrispetta bis-sħiħ u li tkun kompatibbli man-newtralità ta' xi wħud mill-Istati Membri tagħha.

1.9. L-UE għandha tiżviluppa fehim aħjar tal-importanza kruċjali tas-sħubija trans-Atlantika għan-NATO — u b'hekk għas-sigurtà tal-Ewropa.

1.10. Għal żmien twil, ħafna membri tal-UE ttraskuraw l-impenni u l-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom, u dan wassal għal nuqqas drammatiku ta' riżorsi, ta' preparazzjoni u ta' interoperabbiltà għall-forzi armati tagħhom.

1.11. L-Istati Membri tal-UE jeħtiġilhom jikkoordinaw aħjar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet nazzjonali u l-ippjanar tad-difiża u jimplimentaw akkwist konġunt. Effikaċja akbar tal-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej għandha tinkiseb permezz ta' koordinazzjoni ħafna aħjar tal-politiki industrijali nazzjonali.

1.12. Jeħtieġ li l-kapaċità tal-Ewropa li taġixxi tissaħħaħ bl-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza fil-politika estera u ta' sigurtà.

1.13. Bħala element addizzjonali importanti tal-Boxxla Strateġika, irid jiġi identifikat ir-rwol li s-soċjetà ċivili Ewropea tista' taqdi f'termini ta' solidarjetà, kooperazzjoni u reżiljenza.

1.14. Il-KESE jissuġġerixxi forums pubbliċi għal dibattiti strateġiċi fil-livell Ewropew u nazzjonali.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Din l-opinjoni fuq inizjattiva proprja teżamina l-impatt tal-Boxxla Strateġika u għandha l-għan li twettaq valutazzjoni tal-politika tal-oġġettivi u tal-opportunitajiet Ewropej assoċjati magħha mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili. Il-KESE jilqa' l-inizjattivi tal-Unjoni Ewropea biex jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa.

2.2. Is-soċjetà ċivili mhijiex spettatriċi fi kwistjonijiet ta' sigurtà u l-vuċi tagħha trid tinstema'. Fil-każ ta' kunflitt, l-istituzzjonijiet ċivili jintlaqtu ħażin u l-persuni ċivili jsofru l-konsegwenzi devastanti tal-gwerra.

2.3. Mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili, il-Boxxla Strateġika adottat perspettiva ristretta tas-sigurtà, b'enfasi partikolari fuq id-difiża. Il-KESE jenfasizza li s-sigurtà tmur ferm lil hinn mid-difiża u li strateġija tal-UE għas-sigurtà trid tagħmel enfasi akbar fuq aspetti ċivili u preventivi milli tagħmel il-Boxxla Strateġika attwalment.

2.4. L-Unjoni Ewropea (UE) hija l-antiteżi tal-vjolenza u l-gwerra. Hija jeħtiġilha tagħmel użu aħjar mir-riżorsi politiċi, materjali u kulturali tagħha biex tikkontribwixxi għas-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti u tipprevjeni l-eskalazzjoni militari. Huwa hawnhekk fejn jistgħu jinsabu l-potenzjal tal-UE għal valur miżjud importanti, u l-influenza tagħha fid-dinja sal-lum. Hija jeħtiġilha tħeġġeġ b'mod iżjed effettiv għal ritorn għal ftehimiet multilaterali dwar il-kontroll tal-armi, għall-konformità mat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u għall-impenn tad-diżarm nukleari.

2.5. Ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli huwa essenzjali għad-difiża tad-drittijiet universali tal-bniedem. L-UE, flimkien mal-imsieħba tagħha kollha tal-istess fehma madwar id-dinja, jeħtiġilha tagħmel l-almu tagħha biex issaħħaħ u, jekk meħtieġ, tirrestawra u ġġedded l-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli. Il-politika rigoruża tal-poter u l-"liġi tal-iżjed wieħed b'saħħtu" ma humiex kompatibbli mad-demokrazija u mal-istat tad-dritt. Is-sigurtà mingħajr il-libertà ma tagħmilx sens. Fl-istess ħin, is-sigurtà hija wkoll prekondizzjoni importanti għal-libertà.

2.6. Il-politika ta' sigurtà ċivili u preventiva ma tmurx kontra l-kapaċità ta' difiża militari. Għall-kuntrarju, din tal-aħħar trid titqies bħala prerekwiżit indispensabbli għas-sigurtà, u għandha titqies ukoll bħala preventiva fid-dawl tal-effett dissważiv tagħha.

2.7. L-investimenti politiċi u finanzjarji fis-sigurtà u fid-difiża jirrikjedu valutazzjoni soda u serja tas-saħħiet u tad-dgħufijiet a) sistemiċi u b) materjali tal-UE, kif ukoll il-kapaċità tagħha i) li tipprovdi għas-sigurtà tagħha stess, ii) li toħloq stabbiltà fil-viċinat tagħha, iii) li tiżgura rotot ta' traffikar globali u aċċess għal oġġetti u materjali kritiċi, u, fl-aħħar iżda mhux l-inqas, iv) li, bl-għajnuna tal-Istati Membri tagħha, tkun imsieħeb affidabbli u li jimpenja ruħu biċ-ċar f'alleanzi li mhumix essenzjali biss għas-sigurtà tal-Ewropa.

2.8. Is-sigurtà u l-libertà ma jistgħux jinkisbu permezz tal-kapaċitajiet militari biss. Dan jirrikjedi approċċ soċjali, ekonomiku u ambjentali olistiku, u intelliġenza u prospettiva aħjar. Il-politika preventiva u r-riżoluzzjoni tal-konflitti permezz ta' mezzi diplomatiċi u ċivili jridu ikunu prijorità. L-użu tal-qawwa militari jrid jibqa' l-aħħar għażla ("ultima ratio"). Madankollu, dan jinvolvi wkoll kapaċitajiet militari kredibbli u rieda ċara biex dawn jintużaw jekk ma jkunux jistgħu jiġu evitati. L-UE jeħtiġilha tkun aktar determinata fil-protezzjoni tal-interessi tagħha.

2.9. Iż-żamma ta' paċi ġusta hija l-għan aħħari tas-sistema ta' sigurtà globali, u l-multilateraliżmu huwa l-aħjar strument biex jintlaħaq dak l-għan. Madankollu, jinsab taħt pressjoni dejjem akbar, u l-KESE jtenni r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport dwar il-Paċi Globali tal-2022 fis-sejħa għal azzjoni biex tissaħħaħ l-arkitettura globali tal-paċi⁽¹⁾.

2.10. L-implimentazzjoni tal-miżuri biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża u tiżdied is-sigurtà teħtieġ aktar konsistenza interistituzzjonali, l-ebda operazzjoni kompartmentalizzata, u fuq kollox impenn qawwi mill-Istati Membri.

2.11. Huma meħtieġa kapaċitajiet ta' deterrenza effettivi fil-konfront tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u r-ritorn tal-gwerra lejn l-Ewropa u l-politika rigoruża tal-poter. Għalkemm il-politika tal-poter ewlieni qatt ma kienet l-għan tagħha, issa li r-Russja u ċ-Ċina qed jisfidaw is-sistema internazzjonali u s-sigurtà, l-UE jeħtiġilha tadatta għall-kompetizzjoni sistemika li qed tikber bejn il-potenzi l-kbar. Ir-Russja qed tikser apertament il-Karta tan-NU, u ċ-Ċina qed tikser id-drittijiet universali tal-bniedem, kif jidher b'mod ċar f'Xinjiang u f'Hong Kong.

2.12. L-Istati Uniti, il-Kanada u demokraziji oħra fid-dinja huma msieħba importanti fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' dak li l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti impenjaw ruħhom għalih formalment u volontarjament: id-drittijiet universali tal-bniedem — drittijiet li mkien u qatt ma tista' ssir deroga minnhom.

2.13. L-UE għandha tiżviluppa fehim aħjar tal-importanza kruċjali tas-šhubija trans-Atlantika, jiġifieri relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti, għan-NATO u b'hekk għas-sigurtà tal-Ewropa. Għalkemm f'dawn l-aħħar snin l-Istati Uniti żiedu dejjem aktar l-enfasi ta' interess tagħhom lejn ir-Reġjun Asjatiku u Paċifiku, l-aggressjoni mir-Russja madankollu turi li l-ordni globali jrid ikompli jiġi żgurat u, jekk meħtieġ, difiż fl-Ewropa wkoll.

2.14. In-NATO mhijiex biss imsieħeb strateġiku tal-UE; id-difiża militari tal-Ewropa hi żgurata min-NATO, u l-Pilastru Ewropew tad-Difiża għandu jiġi żviluppat b'komplementarjetà šhiha. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u l-ordni ta' sigurtà internazzjonali jirfdu dan il-fatt f'kull aspett. Aktar kooperazzjoni Ewropea fid-difiża tista' ssaħħaħ in-NATO u żżid il-kapaċità tal-Ewropa li taġixxi f'termini ta' kontribut aktar effettiv għas-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali tagħha stess.

2.15. Għalkemm l-UE bħala entità politika u n-NATO bħala alleanza mhuma xejn identiċi, hemm livell dejjem akbar ta' duplikazzjoni bejn it-tnejn li huma, mhux biss f'termini ta' valuri u għanijiet. Bl-adeżjoni tal-Finlandja u l-Iżvezja man-NATO, 23 pajjiż se jappartjenu għaż-żewġ organizzazzjonijiet. L-Ewropej jistgħu u jeħtiġilhom jipprovdur valur miżjud akbar lill-alleanza, permezz ta' miżuri li jsaħħu l-kapaċità tagħhom stess li jaġixxu b'mod strateġiku. Fl-aħħar mill-aħħar, l-UE trid tieħu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha u toħloq Unjoni Ewropea tad-Difiża bħala l-pilastru Ewropew tan-NATO, filwaqt li tirrispetta bis-šhih in-newtralità ta' wħud mill-Istati Membri tagħha.

2.16. Għal snin twal wisq, ħafna Stati Membri ttraskuraw il-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom. In-nefqa fid-difiża li xi kultant tkun baxxa wisq, iżda fuq kollox tkun ineffettiva, wasslet għal nuqqas drammatiku ta' riżorsi, ta' preparazzjoni u ta' interoperabbiltà għall-forzi armati f'ħafna Stati Membri tal-UE. Meta dawn l-Istati Membri tal-UE jkunu wkoll membri tan-NATO, ikunu qed jittraskuraw l-obbligijiet tagħhom ta' alleanza.

2.17. Il-kapaċità ta' difiża tal-Ewropa ma tiddependix biss mill-ammont ta' approprjazzjonijiet tal-baġit allokati lilha, iżda primarjament mill-użu effiċjenti tagħhom. Attwalment, is-sistemi tal-armi differenti fl-UE joħolqu duplikazzjoni, kostijiet għoljin u ineffiċjenzi. L-Istati Membri tal-UE jeħtiġilhom jikkoordinaw aħjar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet nazzjonali

⁽¹⁾ Sigurtà Komuni — *Għall-futur komuni tagħna*, Stokkolma, 2022.

u l-ippjanar tad-difiża u jimplimentaw akkwist konġunt. Għandhom jiġu adottati politiki ta' akkwist konsistenti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali sabiex jintlaħqu l-ekonomiji ta' skala meħtieġa biex jitnaqqsu l-kostijiet u biex tkun tista' tiġi ġġenerata attività suffiċjenti biex tiġi żgurata l-eżistenza ta' negozji ġodda li għadhom jibdew⁽²⁾. Il-prattiki attwali fis-suq tad-difiża Ewropew jirriflettu l-kostijiet għoljin tan-non-Ewropa.

2.18. Minkejja l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (Coordinated Annual Review on Defence — CARD) u l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), l-UE ftit li xejn għamlet progress fl-iżvilupp ta' strutturi konġunti effettivi li bihom tkun tista' tipprovdi għas-sigurtà tagħha stess. B'mod korrispondenti, id-Dikjarazzjoni ta' Versailles ta' Marzu 2022 hija sinifikanti, u hija bbażata fuq id-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ta' Diċembru 2021 li tgħid li "l-Unjoni Ewropea ser tieħu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess u, fil-qasam tad-difiża, issegwi linja ta' azzjoni strateġika u żżid il-kapaċità tagħha li taġixxi awtonomament".

2.19. Il-kapaċità tal-UE li taġixxi fil-politika estera u ta' sigurtà tissaħħaħ billi titbiegħed minn deċiżjonijiet unanimi (il-kapaċità ta' kull Stat Membru li jimblokka lill-oħrajn kollha) fil-Kunsill fil-qasam tal-politika estera. Bħala soluzzjoni intermedja, tista' tiġi kkunsidrata fażi ta' ttestjar temporanja ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata jew b'maġġoranzi superkwalifikati (jiġifieri limiti ogħla għall-maġġoranza kwalifikata). Madankollu, mhuwiex il-qafas istituzzjonali li primarjament ixejkel l-azzjoni koerenti mill-Istati Membri. Minflok, l-Istati Membri qed jevitaw il-qafas istituzzjonali eżistenti, mhux qed jużaw il-potenzjal tiegħu u mhux qed jinvolvu ruħhom fih.

2.20. Bħala fornitur tas-sigurtà, l-Ewropa jista' jkollha bżonn narrattiva ġdida u azzjonijiet konkreti appoġġati mis-soċjetà ċivili u miċ-ċittadinanza attiva biex issaħħaħ l-identità u s-solidarjetà tal-Ewropa mingħajr ma tirriskja li tissostitwixxi n-nazzjonaliżmu b'xoviniżmu Ewropew. Il-parteċipazzjoni pubblika għandha tkun miftuħa, trasparenti u inklużiva.

3. Aspetti pożittivi tal-Boxxla Strateġika

3.1. L-għan tal-Boxxla Strateġika li tinkiseb aktar sigurtà permezz ta' bini tal-kapaċitajiet ("aġixxi"), tħejjija aħjar ("żgura"), investment immirat ("investi") u aktar kooperazzjoni ("issieħeb"), kif ukoll it-tisħiħ tas-sħubijiet u tal-alleanzi huwa magħżul sew.

3.2. Il-Boxxla Strateġika hija maħsuba biex tafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tal-Ewropa li tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, tirrestawra l-paċi u tiddefendi l-libertà fl-Ewropa.

3.3. F'termini ta' sigurtà, iċ-Ċina hija msemmija fil-Boxxla Strateġika bħala "rivali sistemiku": dan ġie kkonfermat mill-ksur massiv universali tiegħu tad-drittijiet tal-bniedem, mit-theddida kostanti tiegħu fil-konfront tat-Tajwan u mill-appoġġ tiegħu għall-aggressur Russu. Il-Boxxla Strateġika tenfasizza li ċ-Ċina u r-Russja qed jisfidaw l-ordni internazzjonali. Huma qed jespandu l-ħażniet tal-armi nukleari tagħhom u qed jiżviluppaw sistemi ta' armi ġodda.

3.4. Din tenfasizza ukoll l-erożjoni perikoluża tal-arkitettura tal-kontroll tal-armi u l-effetti negattivi ta' dan il-"vojt ġuridiku" fuq is-sigurtà tal-UE.

3.5. L-UE għandha interessi leġittimi fir-reġjuni kollha tad-dinja. Il-Boxxla Strateġika ma tkoprix b'mod sistematiku dawn kollha iżda ġustament issostni li, kif jidher speċifikament fil-Balkani tal-Punent, in-nuqqas ta' azzjoni tal-Ewropa hija stedina għal setgħat oħra biex jimlew il-vojt.

3.6. Fil-Boxxla Strateġika, huwa enfasizzat li l-UE jeħtiġilha taġixxi b'urġenza u determinazzjoni akbar b'mod sinifikanti u li l-Istati Membri jeħtiġilhom ikunu jistgħu jserrħu fuq l-appoġġ reċiproku. Għalhekk, l-importanza tal-Artikolu 42(7) tat-TUE hija enfasizzata. L-UE għandha tiċċara l-koerenza ta' din il-bażi legali primarja mal-obbligu ta' assistenza skont l-Artikolu 5 tat-Trattat tan-NATO.

⁽²⁾ Il-pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji għas-sigurtà u d-difiża (COM(2022) 61 final), punt 4.9.

3.7. Livell imtejjeb ta' tħejija operazzjonali u interoperabbiltà huma identifikati fil-Boxxla Strateġika bħala prijoritajiet li jridu jkunu konformi man-NATO. Fil-Boxxla Strateġika, l-UE hija rrappreżentata u mħabbra bħala faċilitatur ta' difiża Ewropea aħjar, peress li se tagħlaq il-lakuni fil-kapaċitajiet kritiċi, se ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet Ewropej, u se toħloq stabbiltà fil-viċinat Ewropew. L-ewwel pass huwa l-ħolqien tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu (Rapid Deployment Capacity), li se tikkonsisti f'5 000 persunal u għandha tkun operattiva bis-sħiħ sal-2025. Il-KESE jirimarka li wasal iż-żmien li nwettqu fil-prattika, peress li l-UE kienet diġà ħabbret miri aktar ambizzjużi f'dan ir-rigward aktar minn għoxrin sena ilu, li għadhom ma ntlaħqux.

3.8. Għalkemm il-Boxxla Strateġika ma tirreferix għall-introduzzjoni tal-votazzjoni b'magħġoranza kwalifikata fil-politika estera, hija tappella għal astensjonijiet kostruttivi sabiex l-Istati Membri li huma lesti jaġixxu jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem. Hawnhekk, jista' jsir użu akbar mill-Artikolu 44 tat-TEU biex jippermetti li l-Istati Membri li huma lesti u li għandhom il-kapaċitajiet xierqa fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jikkooperaw permezz ta' delega mill-Kunsill.

3.9. Il-Boxxla Strateġika għandha l-għan li tikkombina b'mod sinifikanti l-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari fi ħdan il-PSDK. L-importanza tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK fil-kuntest tar-risponsi mhux militari hija enfasizzata. Il-Boxxla Strateġika tfittex kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-PSDK u l-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni fl-UE.

3.10. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Boxxla Strateġika ssegwi approċċ orjentat lejn l-azzjoni u tistabbilixxi proposti u passi konkreti kif ukoll dati pplanati u objettivi intermedji biex tkejjel il-progress, li għandhom jiġu rieżaminati b'mod regolari mill-Kunsill tal-UE u mill-Kunsill Ewropew.

3.11. Il-Boxxla Strateġika tenfasizza wkoll miżuri importanti biex jiġi introdott aħjar il-kunċett ta' "ġeneru, paċi u sigurtà" u l-effiċjenza klimatika għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. B'mod partikolari, sal-2023, l-UE ser issaħħaħ in-network tagħha ta' konsulenti dwar id-drittijiet universali tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħha tal-PSDK, u l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u d-difiża ser twassal lis-settur militari lejn in-newtralità klimatika.

4. Kummenti kritiċi dwar il-Boxxla

4.1. Il-Boxxla Strateġika hija dokument ambizzjuż ħafa li jistabbilixxi aktar minn 80 azzjoni konkreta li għandhom jittieħdu sal-2025. F'dan ir-rigward hija meħteġa rieda politika qawwija mill-Istati Membri, inkella d-dokument jirriskja li jirrifletti aktar UE li m'għandhiex kompetenza fi kwistjonijiet ta' politika barranija u ta' difiża.

4.2. Il-Boxxla Strateġika hija kkaratterizzata minn kunċett restrittiv ta' sigurtà. Is-sigurtà hija aktar minn difiża. Aktar prevenzjoni u prospettiva huma kruċjali biex jiġu evitati konflitti militari. Il-Boxxla Strateġika tpoġġi enfasi fuq id-definizzjoni ta' katalogu ta' proġetti u azzjonijiet konkreti. Il-KESE jilqa' dan il-fatt. Madankollu, din ftit li xejn tagħmel referenza għal żoni ġeografiċi speċifiċi, u ftit li xejn tiddefinixxi fejn l-UE trid tipproġetta l-istabbiltà u s-sigurtà f'termini tal-valuri u l-għanijiet tagħha anke barra mit-territorju tagħha, pereżempju fil-viċinat immedjat tagħha. Għandha titwessa' biex tiffirma strateġija komprensiva li tinkludi l-involvement tas-soċjetà ċivili.

4.3. Il-Boxxla Strateġika tagħti stampa pjuttost pożittiva tal-koerenza tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE u l-kapaċitajiet potenzjali tagħha, pereżempju, billi tiddikjara li s-saħħa tal-UE fil-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' konflitti u kriżijiet esterni tinsab fil-kapaċità tagħha li tiskjera assi kemm militari kif ukoll ċivili. Il-Boxxla ma tagħtix eżempji speċifiċi fejn dan kien ta' suċċess. Madankollu, analiżi mhux realistika ma tistax tiffirma bażi solida għal strateġija ta' sigurtà. L-awtovalutazzjoni tal-UE bħala pijunier konsistenti f'soluzzjonijiet multilaterali u t-tifħir espliċitu tagħha stess espress fil-Boxxla Strateġika, pereżempju, b'rabta mat-teħid tar-responsabbiltà tagħha għas-sigurtà globali, ma jippermettux li jsir rendikont onest.

4.4. L-UE setgħet investiet ħafa riżorsi politiċi u finanzjarji fil-multilateraliżmu; iżda għall-anqas sal-attakk mir-Russja, l-Istati Membri tal-UE kienu qed isegwu biss għanijiet koordinati tal-politika estera Ewropea meta dawn kienu direttament jaqblu mal-interessi nazzjonali tagħhom stess. Dan in-nuqqas fundamentali ta' prospettiva strateġika jista' jintwera b'diversi eżempji, li wħud minnhom jinkludu: il-proċess tat-tkabbir fil-Balkani tal-Punent, ir-reazzjonijiet tal-Ewropej għall-gwerra fil-Libja, id-dipendenzi mill-provvisti tal-enerġija, tal-materja prima u tipi oħra ta' provvisti, ir-rappreżentanza tal-Ewropa fin-Nazzjonijiet Uniti, u l-livelli differenti ta' investment fil-kapaċitajiet militari nazzjonali meta mqabbla mal-PDG.

4.5. Il-Boxxla Strateġika tirrikonoxxi lin-NATO bħala importanti għas-sigurtà Ewropea, iżda dan ma huwiex biżżejjed. Il-Boxxla titkellem dwar sħubija strateġika man-NATO, il-komplementarjetà u l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Madankollu, f'tit Stati Membri biss għadhom newtrali, jiġifieri mhux membri tan-NATO, u l-alleanza hija aktar minn sempliċi msieħeb strateġiku għall-Ewropa. In-NATO hija, u se tkun għal żmien imprevedibbli, l-uniku garanti reali tas-sigurtà tal-Ewropa. Madankollu, l-UE tista' tgħin lill-Ewropej jorganizzaw aħjar il-kontribut tagħhom għas-sigurtà Ewropea billi tiġbor flimkien il-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom u tabbanduna politiki nazzjonali mhux ikkoordinati favur approċċ Ewropew komuni. Minkejja ħafna approċċi tajbin fil-Boxxla Strateġika, kemm l-UE kif ukoll in-NATO sa issa għadhom ma sfruttawx bis-sħiħ il-potenzjal tal-kooperazzjoni tagħhom.

4.6. Il-kunċett ta' awtonomija strateġika Ewropea jrid jiġi definit b'mod ċar meta jiġi applikat għal kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża, kif inhu l-każ fil-Boxxla Strateġika. L-awtonomija strateġika mhijiex dwar il-fatt li l-UE taġixxi waħedha, iżda li ssir imsieħeb aħjar, kapaċi taġixxi meta jkun meħtieġ, anke meta l-appoġġ jista' ma jkunx disponibbli. Din ma għandhiex tfisser ekwidistanza mill-qawwiet dinjin, u l-KESE diġà enfasizza dan fl-Opinjoni reċenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi. L-Istati Uniti tal-Amerka huma u jibqgħu l-alleat u msieħeb l-aktar importanti tal-Ewropa. Madankollu, l-UE għandha ssegwi triq biex tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, inkluż fis-setturi tas-sigurtà u tad-difiża, kif iddikjarat fl-Opinjoni tal-KESE dwar il-*Pjan Direzzjonali dwar it-teknoloġiji għas-sigurtà u d-difiża* ⁽³⁾.

4.7. Id-dipendenzi Ewropej unilaterali għandhom jitnaqqsu, u mhux biss fil-qasam tad-difiża. Dan huwa ta' importanza kruċjali għas-sigurtà tal-Ewropa. Madankollu, il-KESE jemmaen li l-interdipendenzi, speċjalment bejn l-imsieħba tal-istess fehma, mhumiex biss ta' benefiċċju iżda huma *sine qua non* għal ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli.

4.8. Dwar il-kapaċitajiet futuri militari tal-UE, il-“Forza ta' Reazzjoni Rapida”, imħabbra fil-Boxxla Strateġika, tikkorrispondi ma' kunċetti ta' forzi iżgħar li jistgħu jiġu skjerati malajr f'missjonijiet ikkoordinati internazzjonalment. Madankollu, dawn l-isforzi ma jistgħux jitqiesu indipendentement minn kontribut adegwat mill-Ewropa għas-sigurtà tagħha stess fil-qafas tan-NATO. L-isforzi Ewropej iridu jappoġġjaw l-effikaċja tal-pilastru Ewropew tan-NATO. Bħalissa ma huwiex ċar kif l-UE u l-Istati Membri tan-NATO se jkun jistgħu jipprovd u biżżejjed riżorsi kemm għall-Forza ta' Reazzjoni tan-NATO kif ukoll għall-Forza ta' Reazzjoni Rapida tal-UE f'każ li dawn ir-riżorsi jridu jiġu attivati fl-istess ħin. Barra minn hekk, xi wħud mill-miżuri ppreżentati fir-rigward ta' truppi li jistgħu jiġu skjerati malajr parzjalment ma jirrispettawx għalkollox id-deċiżjonijiet meħuda għexieren ta' snin ilu (Helsinki 1999).

4.9. Il-Boxxla Strateġika ma tqisx ir-rwol li s-soċjetà ċivili fl-Ewropa jista' u jrid ikollha fil-kisba ta' reżiljenza akbar għall-periklu sistematiku minn forzi ostili fir-rigward tal-koeżjoni u tas-solidarjetà fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u bejniethom.

4.10. It-titjib tal-UE bħala garanti tas-sigurtà tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt jirrikjed mhux biss istituzzjonijiet tal-UE b'saħħithom jew aktar b'saħħithom u previżjoni akbar min-naħa tal-Istati Membri, iżda wkoll alleanzi soċjali transfruntiera estensivi li huma inkonċepibbli mingħajr soċjetà ċivili organizzata pan-Ewropea b'saħħitha u vibranti u msieħba soċjali Ewropej impenjati b'mod komprensiv.

4.11. L-attakki ostili ma jinkludux biss operazzjonijiet militari, iżda wkoll diżinformazzjoni, attacchi ċibernetiċi, rikatt ekonomiku, eċċ. Il-Boxxla Strateġika ssemmi l-iżvilupp ta' Sett ta' Għodod Ibridu kontra theddid ibridu u s-Sett ta' Għodod għall-Infommazzjoni Barranija, il-Manipulazzjoni u l-Interferenza, kif ukoll it-tisħiħ tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija. Madankollu, jeħtieġ li l-Boxxla Strateġika telabora aktar dwar dan l-aspett kruċjali. L-UE teħtieġ b'mod urġenti approċċ interistituzzjonali biex tiġġieled tali attacchi u interferenza, li jinvolvi s-soċjetà ċivili rappreżentattiva sabiex tistabbilixxi l-pedamenti għal solidarjetà, kooperazzjoni u reżiljenza effettivi fost iċ-ċittadini tal-UE, speċjalment fil-livell lokali, fejn l-impatt ta' tali attacchi jinħass l-aktar direttament.

4.12. Is-sigurtà tal-Ewropa mhijiex biss mhedda minn attacchi militari fis-sens tradizzjonali. L-attakki ċibernetiċi u s-sabotaġġ kontra kumpaniji privati, istituzzjonijiet pubbliċi u infrastruttura kritika għandhom jitqiesu wkoll bħala attacchi ibridi tal-gwerra li jistgħu jikkawżaw ħsara devastanti. Dan l-aspett huwa ttraskurat fil-Boxxla Strateġika, speċjalment fir-rigward ta' miżuri effettivi ta' salvagwardja u kontromiżuri.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji għas-sigurtà u d-difiża” (COM (2022) 61 final) (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 112).

5. Kalibrar mill-ġdid tal-Boxxla

5.1. Il-KESE jaqbel għalkollox li l-UE jeħtiġilha tipprepara lilha nnifisha għal setgħat reviżjonisti dejjem aktar aggressivi li jiksru l-Karta tan-NU. Ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli jista' jiġi restawrat jekk id-demokrazzija liberali jaderixxu mal-prinċipji tagħhom, jirfduhom b'kapaċitajiet diplomatiċi, ċivili u militari u ma jċedux għat-tentazzjonijiet, għall-pressjoni u għat-theddid ta' setgħat awtoritarji.

5.2. Il-politiki Ewropej iridu iservu l-għan li jipprevjenu l-kunflitti armati; wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li d-dinja hija ħafna inqas paċifika milli kienet tidher wara t-tmiem tal-Gwerra Bierda. Għalhekk, is-soċjetà Ewropea teħtieġ kunsens politiku dwar kif tibni b'mod effettiv id-difiża tagħha kontra aggressuri potenzjali, u speċjalment kif tibni l-kapaċitajiet tagħha ta' difiża ċivili. Dibattitu pubbliku akbar u parteċipazzjoni attiva tal-atturi tas-soċjetà ċivili huma kruċjali.

5.3. Is-sħubija trans-Atlantika tirrikjedi ħafna aktar investimenti politiċi. Filwaqt li tmur lil hinn min-NATO, din hija pilastru ta' appoġġ tal-alleanza. L-Ewropej jeħtiġilhom jagħmlu sforzi akbar biex iżommu u jappfondixxu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti. Sħubija stabbli mal-Istati Uniti, kemm f'termini ta' relazzjonijiet kummerċjali kif ukoll f'termini ta' sigurtà, hija tal-akbar importanza.

5.4. Dinja ħielsa mill-armi nukleari hija għan Ewropew. Sakemm dan jintlaħaq, il-garanzija tas-sigurtà nukleari tal-Istati Uniti għall-Ewropa, id-deterrenza nukleari tan-NATO u l-forza ta' dissważjoni Franċiża jibqgħu essenzjali għas-sigurtà Ewropea.

5.5. L-imsieħba Ewropej jeħtiġilhom jagħmlu enfasi urġenti fuq iż-żieda fl-effiċjenza tan-nefqa tagħhom fuq l-armi. Dan jista' jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' interoperabbiltà ferm akbar tas-sistemi militari konvenzjonali nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jridu jegħlbu d-diffikultajiet u n-nuqqas ta' fehim attwali dwar ix-xiri tagħhom ta' kapaċitajiet ta' difiża fuq terminu qasir meħtieġa b'mod urġenti u jsibu approċċ komuni għat-tisħiħ tas-sistemi ta' difiża tagħhom f'perspettiva fuq terminu medju sa twil permezz ta' akkwist konġunt u proġetti kollaborattivi konġunti. Il-proġetti konġunti Ewropej m'għandhomx jeskludu l-alleanzi u l-imsieħba mill-qrib, iżda l-aċċess tagħhom għas-suq Ewropew tad-difiża għandu jkun strettament ibbażat fuq ir-riċiproċità.

5.6. Is-sehem tan-nefqa fuq id-difiża fil-PDG huwa importanti sal-livell li ġie miftiehem bejn l-alleanzi tal-Punent — pacta sunt servanda! F'termini ta' kapaċitajiet effettivi, huwa aktar importanti li dawn jiġu definiti b'mod preċiż u li jinkisbu fil-ħin. Jekk dan jeħtiġx sehem tal-PDG ta' eżattament 2% jew possibbilment perċentwali akbar huwa ta' importanza minuri. B'mod kruċjali, l-aggressur potenzjali jista' jqis li l-kost ta' attakk huwa għoli wisq. L-UE jeħtiġilha tibni fuq l-istrumenti u l-istituzzjonijiet tagħha, bħall-PESCO, il-CARD, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi, sabiex l-infiq għad-difiża tal-Istati Membri tagħha jsir aktar effettiv.

5.7. L-akkwist fil-qasam tad-difiża u l-istrutturi tal-industrija tad-difiża Ewropea huma ta' importanza kruċjali għas-sigurtà Ewropea. Dawn ma humiex soġġetti biss għar-regoli tas-suq. Madankollu, is-sigurtà Ewropea ma għandhiex tiġi mxekkla minn compromessi għaljin u ineffettivi. Il-proġetti konġunti għandhom ikunu determinati mill-kapaċità tal-industriji kompetittivi u innovattivi li jagħtu r-riżultati u mhux minn kwoti nazzjonali fuq proġetti kooperattivi.

5.8. Il-Boxxla tkopri ħafna aspetti importanti tas-sigurtà, iżda ma titkellimx biżżejjed dwar l-intelliġenza. L-UE għandha taġġorna l-Boxxla billi tinkludi analiżi ċara tal-kapaċitajiet ta' intelliġenza Ewropej u proposti konkreti dwar kif dawn jistgħu jittejbu.

5.9. Il-forzi tad-difiża nazzjonali jridu jiġu ssimplifikati, jiġifieri jridu jinħolqu strutturi ta' kmand konġunti effiċjenti, li fl-aħħar mill-aħħar se jiffurmaw il-bażi għall-forzi armati Ewropej konġunti. Il-persunal militari tal-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jeħtieġ li jsiru realtà.

6. Kontributi tas-soċjetà ċivili għas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa

6.1. Il-Boxxla Strateġika hija pass importanti 'l quddiem. Din għandha tiġi mwessa' biex tinkludi strateġija ta' politika estera Ewropea, ikkaratterizzata minn kunċett aktar komprensiv ta' sigurtà li huwa wkoll konformi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u li jinvolvi b'mod attiv is-soċjetà ċivili.

6.2. Aktar intelliġenza, prevenzjoni u prospettiva huma kruċjali biex jiġu evitati kunflitti militari. Ħafna Stati Membri tal-UE jridu jinvestu aktar fil-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom u l-biċċa l-kbira minnhom diġà bdew jagħmlu dan. Dan għandu jkun impenn fit-tul, u jeħtieġ l-appoġġ tas-soċjetà ċivili. Il-Pilastru Ewropew tan-NATO għandu jiżgura d-deterrenza militari iżda l-UE għandha żżid il-kapaċità tagħha, inkluż permezz tal-mezzi militari tagħha stess, biex tagħmel kontributi preventivi konkreti għall-paċi u għall-istabbiltà reġjonali.

6.3. L-UE għandha tappoġġja lill-Istati Membri, kif tissuġġerixxi l-Boxxla, fit-titjib tal-kooperazzjoni tagħhom sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni ineffettiva u d-duplikazzjoni għalja tal-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom; madankollu, sakemm ma jkollhiex kompetenza ġenwina għad-difiża, l-UE għandha tkompli tinvesti r-riżorsi limitati tagħha primarjament f'politiki u f'mekkaniżmi ċivili biex tippermetti l-prevenzjoni tal-kunflitti. Dan huwa fejn is-soċjetà ċivili tista' tagħmel differenza reali permezz tan-networks soċjali u ekonomiċi tagħha u tal-potenzjal qawwi tagħha għad-diplomazija pubblika u kulturali.

6.4. Soċjetà ċivili ħielsa u vibranti tista' tkun stabbilizzatur awtomatiku fi żminijiet ta' kriżi li jaffettwaw is-sigurtà tal-Ewropa. Hija wriet li tagħmel dan pereżempju fir-rigward tal-aggressjoni Russa, b'miljuni ta' ċittadini tal-UE f'ħafna Stati Membri jospitaw u jgħinu lir-refuġjati Ukreni, b'rieda eċċezzjonali li jgħinu speċjalment fl-Istati Membri tal-UE ġirien tal-Ukrajna. Approċċ komprensiv għas-sigurtà għandu jinvolvi wkoll it-tħejjija Ewropea għall-emerġenzi u l-appoġġ kontinwu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

6.5. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza tal-ġustizzja soċjali, tal-prospetti ekonomiċi u tas-sostenibbiltà ambjentali għas-sigurtà. Il-paċi soċjali hija prerekwiżit importanti għan-nonvjolenza. It-trażżin tat-tisħin globali u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tiegħu huma fundamentali għaż-żamma tal-ordni soċjali u l-paċi fid-dinja.

6.6. Il-KESE jipproponi forums pubbliċi għal dibattiti strateġiċi, sabiex is-soċjetà ċivili tkun tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' Ewropa li tiproteġi kontra attacki ostili u ssir aktar reżiljenti għal attacki maħsuba biex jikkompromettu l-moral u l-istabbiltà politika fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom. "Fil-ġlieda tas-setgħat dinjin għall-benefiċċji, mhijiex is-saħħa militari jew ekonomika li hija kruċjali, iżda l-karatteristiċi fundamentali ta' soċjetà" ⁽⁴⁾.

6.7. Il-KESE, is-Sezzjoni tiegħu għar-Relazzjonijiet Esterni (REX) u, fid-dawl tal-industrija tad-difiża, il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) ⁽⁵⁾ jista' jkollhom rwol ċentrali fid-djalogu bejn il-politika u s-soċjetà dwar is-sigurtà fl-Ewropa u fid-dinja. Il-KESE se jkompli jitlob għal aġġornamenti regolari għall-Boxxla Strateġika u jivvaluta bir-reqqa inizzjattivi relatati ġodda bħall-Pakkett tad-Difiża.

6.8. L-aggressjoni Russa u r-rivalità sistemika maċ-Ċina jissottolinjaw li l-UE m'għandha l-ebda żmien x'titlef fl-adattament għar-realtajiet ġeopolitiċi. F'demokraziji liberali dan jista' jinkiseb biss f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili u bl-appoġġ politiku tagħha.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁴⁾ Mazarr, M. J.: *What Makes a Power Great. The Real Drivers of Rise and Fall*, Foreign Affairs, Luġu/Awwissu 2022, p. 52.

⁽⁵⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/sections-other-bodies/sections-commission/consultative-commission-industrial-change-ccmi>

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-575 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 14.12.2022–
15.12.2022**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adattament tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili mhux kuntrattwali għall-intelliġenza artifiċjali (Id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA)”**

(COM(2022) 496 final — 2022/0303 (COD))

(2023/C 140/05)

Relatur ġenerali: **Wautier ROBYNS DE SCHNEIDAUER**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew. 6.10.2022 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 14.10.2022
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Deċiżjoni tal-Bureau	20.9.2023
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	154/1/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE ilu jiżviluppa l-fehmiet tiegħu dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) sa mill-ħidma pijuniera tiegħu fl-2017, u jinsisti li huwa meħtieġ li s-sorveljanza umana tal-applikazzjonijiet tal-IA tinkludi wkoll ir-responsabbiltajiet u li tistabbilixxi l-fiduċja f'din it-teknoloġija. Huwa appella għal regoli ċari li jinkludu, fil-każ ta' użu ħażin (jew preżumibbilment ħażin), ir-responsabbiltà ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi, kif espress fl-Opinjoni tiegħu tal-2019 ⁽¹⁾.

1.2. Il-KESE jilqa' u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex jittejbu d-drittijiet tal-vittmi li jkunu sofrew kwalunkwe ħsara — kif ammissibbli skont il-liġi nazzjonali — minħabba tali użu ħażin tal-IA billi jiġu pprovduti drittijiet speċifiċi minbarra l-liġi nazzjonali eżistenti dwar ir-responsabbiltà stretta jew dik ibbażata fuq id-danni, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti u l-liġi kriminali.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Nibnu l-fiduċja fl-intelliġenza artifiċjali ċentrata fuq il-bniedem” (COM(2019) 168 final) (ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64).

1.3. Il-KESE jirrikonoxxi li armonizzazzjoni minima hija l-aħjar mod biex jintlaħaq dan l-oġjettiv, iżda huwa konxju tar-riskju ta' interpretazzjonijiet diverġenti mill-partijiet interessati involuti fl-iżvilupp u l-katina tal-provvista, u mill-imħallfin. Għalhekk jinsisti fuq definizzjonijiet legali ċari u l-ħtieġa li jissaħħaħ aktar l-għarfien espert meħtieġ ta' dawk li se jkollhom japplikaw din il-leġiżlazzjoni l-ġdida fl-UE kollha b'kapaċità diġitali adegwata. L-għan aħħari tal-Kummissjoni għandu jkun li ssegwi u tiżviluppa skema ta' responsabbiltà li tkun kemm jista' jkun uniformi fl-applikazzjoni tagħha fl-UE kollha.

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-interazzjoni bejn ir-regoli ta' prevenzjoni u ta' sigurtà, minn naħa, u l-opportunitajiet ta' rimedju min-naħa l-oħra, minbarra r-rwol superviżorju tal-awtoritajiet pubbliċi, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-iżvilupp responsabbli tal-IA. Huwa jappella għall-istabbiliment ta' network ta' korpi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim biex ikun aktar faċli għall-vittmi li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u biex tinġabar aktar evidenza dwar l-eżiti tad-Direttiva.

1.5. Il-KESE japprezza l-bilanċ li d-Direttiva ssib bejn id-drittijiet tal-vittmi u l-interessi tal-iżviluppaturi tal-IA. Dan jagħmilha possibbli li jinkisbu l-benefiċċji tat-tranżizzjoni diġitali u jista' jstabbilixxi standard għall-pajjiżi terzi li jikkunsidraw li jsegwu din it-triq.

1.6. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-iżvilupp ta' assigurazzjoni jew garanziji finanzjarji li jkopru r-responsabbiltà tal-IA, filwaqt li tqis id-disponibbiltà u l-firxa tagħhom peress li l-qafas il-ġdid għandu jipprovdi ċertezza legali kemm għall-operaturi kif ukoll għall-assiguraturi. L-evidenza tal-inċidenti hija kruċjali biex jiġi vvalutat jekk hemmx b'żonn ta' miżuri f'dan ir-rigward: għalhekk id-dokumentazzjoni u r-rappurtar ta' dawk l-inċidenti huma kruċjali.

1.7. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinkludi d-drittijiet mogħtija lill-vittmi ta' dannu kkawżat mill-IA fl-istrategġja ta' komunikazzjoni tagħha, sabiex tiżded il-fiduċja fit-tranżizzjoni diġitali.

1.8. Meta wieħed iqis il-ħeffa tal-iżviluppi teknoloġiċi, il-KESE jappoġġja l-intenzjoni li din il-leġiżlazzjoni tiġi riveduta hekk kif l-evidenza tiġġustifika dan. Huwa tal-fehma li ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jkun dewmien eċċessiv u jirrakkomanda li dan ir-rieżami jsir tliet snin wara d-dħul fis-seħħ. Il-KESE huwa lest li jevalwa dan ir-rieżami u jivvaluta l-esperjenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE, b'mod aktar speċifiku fir-rigward tal-feedback mill-utenti finali fir-rigward tal-oneru tal-provi u ta' definizzjonijiet potenzjalment diverġenti ta' dannu eliġibbli skont il-liġijiet nazzjonali.

1.9. Peress li l-użu tal-IA jista' jwassal għal għażliet ta' politika sensitivi li ma għandhomx jitħallew biss għall-partijiet involuti fil-katina tal-provvista tal-IA, il-KESE jappella wkoll sabiex ikun involut u kkonsultat fl-istabbiliment ta' standards etiċi.

2. Sommarju tal-proposta

2.1. Il-proposta għal Direttiva dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali ("id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-AI") tibni fuq il-White Paper tal-Kummissjoni tal-2020 dwar l-IA, ir-rapport simultanju tagħha dwar is-sikurezza u r-responsabbiltà fil-qasam tal-IA, u l-proposta tal-Att dwar l-IA tal-2021 li tiffoka fuq il-prevenzjoni u s-sikurezza. Hija marbuta mar-rieżami tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti tal-1985 ("id-Direttiva riveduta dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti"), li ġiet ippreżentata fl-istess data li fiha ġiet ippreżentata d-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA eżaminata f'din l-Opinjoni. Iż-żewġ proposti jippermettu lir-rikorrenti jressqu talbiet kontra ċerti partijiet, b'xi differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ strumenti.

2.2. L-għan tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA huwa li tistabbilixxi regoli uniformi dwar xi aspetti tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali għal dannu kkawżat bl-użu ta' sistemi tal-IA. B'dan il-mod, għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq uniku u tistabbilixxi protezzjoni usa' għall-vittmi (kemm jekk ikunu individwi kif ukoll jekk ikunu negozji), u trawwem il-fiduċja fl-IA permezz ta' regoli armonizzati. Dan ikopri, pereżempju, ksur tal-privatezza, telf ta' data jew danni kkawżati minn kwistjonijiet ta' sikurezza. Pereżempju, ir-regoli l-ġodda se jagħmluha aktar faċli biex jinkiseb kumpens jekk xi ħadd ikun ġie diskriminat fi proċess ta' reklutaġġ li jinvolvi t-teknoloġija tal-IA minkejja li għad fadal diversi ostakli (legali). Sabiex titneħħa l-inċertezza legali li fadal, il-KESE jirrakkomanda li tiġi pprovduta definizzjoni legali ta' deċiżjoni kif tittieħed mill-magni li jagħmlu użu mill-IA.

2.3. B'din id-Direttiva, il-Kummissjoni għall-ewwel darba qed tipproponi armonizzazzjoni mmirata tar-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà għall-IA, li tagħmilha aktar faċli għall-vittmi ta' ħsara relatata mal-IA biex jiksbu kumpens. F'konformità mal-oġjettivi tal-White Paper dwar l-IA u mal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar l-IA tal-2021 — li jstabbilixxi l-prinċipji tal-istat tad-dritt permezz ta' qafas għall-affidabbiltà u l-fiduċja fl-IA — ir-regoli l-ġodda se jiżguraw li l-vittmi jibbenefikaw minn protezzjoni ġusta meta jsufri danni minn prodotti jew servizzi tal-IA, daqslikieku tiġi kkawżata ħsara fi kwalunkwe ċirkostanza oħra.

2.4. Filwaqt li tieħu ħsieb li ma tipperikolax jew ma timmirax il-progress teknoloġiku fl-Ewropa, id-Direttiva tintroduċi qafas legali armonizzat li jindirizza l-kumplessità tas-sistemi tal-IA mil-laboratorju għas-suq u tissemplifika l-proċess legali għall-vittmi tal-ħsara kkawżata mis-sistemi tal-IA permezz ta' żewġ innovazzjonijiet legali ewlenin li jissodisfaw il-ħtiġijiet eżistenti:

- l-ewwel nett, meta jkun għe stabbilit nuqqas rilevanti ta' konformità ma' (dmir ta' diliġenza li jsegwi) regolamenti tal-UE jew nazżjonali u jkun jidher raġonevolment probabbli li jkun hemm rabta kawżali mas-sistema (tal-output) tal-IA, "preżunzjoni ta' kawżalità" konfutabbli se tindirizza d-diffikultajiet esperjenzati mill-vittmi biex ikollhom jispjegaw fid-dettall kif id-dannu għe kkawżat minn tort jew ommissjoni speċifika, li tista' tkun partikolarment diffiċli meta wieħed jipprova jifhem sistemi kumplessi tal-IA. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi għall-fornituri ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli (ara punt 4.1), għall-persuni li jaġixxu fisem dawn tal-aħħar u għall-utenti. Il-proposta tnaqqas is-severità tal-preżunzjoni meta s-sistema tal-IA tintuża minn utent mhux professjonali li ma jkunx interferixxa mat-tħaddim tas-sistema tal-IA;
- it-tieni nett, filwaqt li fir-responsabbiltà legali għall-prodott huwa aktar faċli li jiġi identifikat min għandu jitħarrek, l-ambjent tal-IA huwa aktar kumpless. Skont id-Direttiva proposta, il-vittmi se jkollhom aktar għodod biex ifittxu rimedju legali, permezz ta' dritt ta' aċċess għal evidenza minn kumpaniji u fornituri, f'każijiet fejn tkun involuta IA ta' riskju għoli u meta jkun meħtieġ li tinkiseb tali evidenza, u f'miżura proporzjonata. Il-vittmi se jkunu jistgħu jiksibu ordni mill-qorti li tagħti aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ddeterminat x'ikkawża d-dannu li għarrbu u liema konvenut fiżiku jew legali jistgħu jindirizzaw għal dan id-dannu. Meta l-evidenza tkun faċilment aċċessibbli, il-preżunzjoni ma tibqax applikabbli, u dan jipprovdi inċentiv serju biex tali informazzjoni ssir disponibbli.

Permezz ta' dawn iż-żewġ miżuri, id-Direttiva proposta tgħin lill-vittmi jiksibu rimedju, individwalment jew kollettivament (jekk applikabbli), mingħajr ma tabolixxi l-kunċett ta' kawżalità.

3. L-iżgurar ta' evoluzzjoni teknoloġika ċċentrata fuq il-bniedem

3.1. Il-KESE huwa konxju tal-benefiċċji u r-riskji potenzjali li tinkludi l-IA. L-użu tagħha ma għandux ikun limitat biss għal titjib fil-produttività billi jiġu sostitwiti l-kompiti tal-bniedem u jitnaqqsu l-ispejjeż. Dan l-iżvilupp jitlob attenzjoni għar-riskji rigward l-impatt tagħha fuq is-saħħa bħala riżultat ta' kundizzjonijiet tax-xogħol modifikati, drittijiet, bħall-privatezza, u biex jiġi kkunsidrat mill-ġdid il-bilanċ bejn il-magna u l-bniedem fuq il-post tax-xogħol, peress li l-kontroll tal-bniedem għandu jkun privileġġat, filwaqt li titqies il-persistenza possibbli tal-preġudizzju tal-bniedem u l-preġudizzju fil-funzjonament tal-magni. Ir-responsabbiltà għat-tfassil inizjali u r-responsabbiltà aħħarija għall-fallimenti possibbli tagħha għandha tibqa' fidejn l-atturi umani, kif rikonoxxut mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar l-intelliġenza artifiċjali fil-linji gwida tagħhom dwar l-etika. Ħafna evoluzzjonijiet oħra llum huma ddokumentati inqas tajjeb, bħall-impatt ambjentali tan-nanoteknoloġiji. Il-KESE jemmen li kemm l-operaturi tal-IA kif ukoll partijiet interessati oħra, pereżempju l-konsulenti tal-ġestjoni tar-riskju u l-assiguraturi kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, għandhom jimmonitorjaw l-impatt potenzjali permezz tal-analiżi tar-riskju, l-awditjar u l-iġinerija tas-sikurezza permezz ta' testijiet f'ambjent simili għad-dinja reali. Kif esprima fl-Opinjoni preċedenti tiegħu (?), il-KESE jilqa' l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni li jiżguraw is-sikurezza u l-allinjament mal-interessi tal-bniedem.

3.2. Il-KESE huwa konxju tal-esponiment tal-applikazzjonijiet tal-IA għal fallimenti u għal atti ċibernetiċi malizzjużi u jirreferi għall-Opinjonijiet reċenti tiegħu dwar l-Att dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (DORA) (?) u dwar il-proposti tad-Direttiva dwar iċ-Ċibersigurtà u r-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (*). Dawk ir-riskji u t-theddid evidentement jiġġustifikaw il-preskrizzjonijiet eżistenti ta' prevenzjoni u monitoraġġ kif ukoll iżviluppi futuri hekk kif jistgħu jitfaċċaw vulnerabbiltajiet ġodda.

(?) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Nibnu l-fiducia fl-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem" (COM(2019) 168 final) (ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64).

(?) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014" (COM(2020) 595 final — 2020/0266 (COD)) u dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u (UE) 2016/2341" (COM(2020) 596 final — 2020/0268 (COD)) (ĠU C 155, 30.04.2021, p. 38).

(*) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi" (COM(2020) 823 final — 2020/0359(COD)) — COM(2020) 829 final — 2020/0365(COD)) (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 170).

3.3. Il-KESE jappoġġja l-intenzjoni li jinżamm il-pass ma' żviluppi futuri rapidi u li jiġu rieżaminati l-effetti tad-Direttiva kif tiġġustifika l-evidenza, u dan iwassal għal aġġornament soġġett għan-neċessità u l-proporzjonalità. Huwa jqis li l-mira ta' ħames snin stabbilita fil-proposta hija 'l bogħod wisq u jissuġġerixxi li tittieħed azzjoni aktar kmieni, mhux aktar tard minn tliet snin wara li d-Direttiva tidħol fis-seħħ. Huwa jinsisti fuq l-involvement tas-soċjetà ċivili f'din l-evalwazzjoni, peress li l-KESE jirrifletti l-fehmiet taċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema u n-negozji kbar u żgħar bil-mod uniku tiegħu, filwaqt li tingħata attenzjoni adegwata lid-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema, kif ukoll l-opportunitajiet u l-ostakli ekonomiċi.

4. Is-salvagwardja tal-valuri fundamentali tal-UE

4.1. Il-KESE jappoġġja l-approċċ li ħadet il-Kummissjoni fl-Att dwar l-IA, li jiddistingwi l-użi pprojbiti tal-IA bħal "punteġġ għaċ-ċittadini" taċ-ċittadini minn gvernijiet intrużivi, applikazzjonijiet ta' riskju għoli min-negozji inklużi r-reklutaġġ u l-punteġġ tal-klassifikazzjoni tal-mertu kif ukoll infrastrutturi kritiċi u taġġmir tekniku użati fil-kura tas-saħħa, u għadd kbir ta' attivitajiet inqas riskjużi. Il-KESE jappella għal definizzjoni mhux ambigwa tal-attivitajiet ta' riskju għoli. Il-KESE jtenni l-appell tiegħu biex tiżdied il-ħsara potenzjali lill-ambjent bħala wieħed mill-fatturi li għandhom jiġu inklużi fil-kategorija ta' riskju għoli. Il-KESE josserva li għandu jingħata kumpens lill-vittmi irrispettivament mill-klassifikazzjoni ta' applikazzjonijiet tal-IA riskjużi u inqas riskjużi.

4.2. Kif iddikjarat fl-Opinjoni tiegħu tal-2020 dwar il-White Paper dwar l-IA, il-KESE jinsisti fuq l-impenn tiegħu li jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-ġestjoni tal-bniedem fl-istadju tad-deċiżjoni finali bħala l-pedamenti tal-iżvilupp responsabbli tal-IA fl-Unjoni Ewropea. L-għażliet u d-deċiżjonijiet li jsiru mill-magni jistgħu ma jkollhomx il-fehim uman tal-konsegwenzi mhux intenzjonati speċjalment meta dawn l-għażliet u d-deċiżjonijiet jaffettwaw persuni vulnerabbli bħat-tfal jew l-anzjani.

4.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-fiducia tal-pubbliku fl-iżviluppi tal-IA fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza, it-trattament ġust u r-rimedju meta jkun adegwat. Id-Direttiva proposta għandha l-għan li tiżgura mill-inqas kumpens ugwali għad-danni kkawżati jew ikkawżati parzjalment mill-użu tas-sistemi tal-IA meta mqabbla mal-ħsara mġarrba f'sitwazzjonijiet fejn is-sistemi tal-IA ma jkunux involuti. Huwa importanti li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-utenti tas-sistemi tal-IA jgħaqqdu l-isforzi tagħhom biex iwasslu dan il-messaġġ lil udjenza wiesgħa.

5. L-iffaċilitar tal-kumpens għall-vittmi ta' danni kkawżati mill-IA

5.1. Id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA tippredvi aktar protezzjoni taċ-ċittadini, tal-ħaddiema u tal-atturi ekonomiċi kontra d-danni kif rikonoxxuti fl-ambjent legali nazzjonali ta' dawk il-vittmi, u testendi din il-protezzjoni lil hinn minn ħsara fuq il-persuna u telf materjali biss, kif previst fil-proposta għal Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti. Din l-estensjoni tippermetti l-kumpens ta' danni purament ekonomiċi kkawżati, pereżempju, f'każijiet ta' diskriminazzjoni inġusta, ċaħda ta' aċċess għall-kura jew l-edukazzjoni, tfassil żbaljat ta' profili mill-pulizija jew permezz ta' telf ta' data. Il-KESE jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut fehim ċar tal-ħsara eliġibbli, sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti mhux mixtieqa skont il-ġurisprudenza nazzjonali, u li jiġi pprovdut taħriġ għal dan l-għan lill-prattikanti inklużi l-imħallfin nazzjonali bl-użu ta' mezzi adegwati. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-possibbiltà li l-qrati nazzjonali jitolbu lill-QĠUE għal deċiżjonijiet preġudizzjali dwar punti fejn l-interpretazzjonijiet jistgħu jiddevjaw.

5.2. Il-KESE jqis li l-aċċess għar-rimedju u l-kumpens mhuwiex ugwali għaċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema jew in-negozji fl-Unjoni Ewropea kollha. Ir-rieda tajba fil-konfront tar-rikorrenti, ir-regoli tal-proċeduri u l-ispejjeż assoċjati ma' talba permezz tas-sistema ġudizzjarja u l-grad sa fejn ir-rikorrenti huma koperti kontra spejjeż legali f'każijiet ta' responsabbiltà ċivili jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-klassijiet soċjali. Għalhekk, u kif diġà ġie espress bħala prinċipju fl-Opinjoni aktar ġenerali dwar ir-Regolament dwar l-IA ⁽⁵⁾, il-KESE jirrakkomanda l-istabbiliment ta' skemi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim faċilment aċċessibbli, mingħajr hłas u obbligatori fi kwistjonijiet li jinvolvu r-responsabbiltà ċivili fl-applikazzjonijiet tal-IA fil-livell nazzjonali b'koordinazzjoni mal-UE kollha bħal pereżempju fil-qasam tas-servizzi finanzjarji (FIN-NET), u li dan isir f'kooperazzjoni mal-korpi rappreżentattivi rilevanti tas-soċjetà ċivili. Tali servizzi jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-effetti tad-Direttiva billi jżommu rekord ta' soluzzjonijiet barra mill-qorti miġjuba għall-attenzjoni tagħhom.

⁽⁵⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni" (COM(2021) 206 final — 2021/106 (COD)) (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 61).

5.3. Il-KESE jilqa' l-isforzi li saru biex il-vittmi jingħataw aktar mezzi biex jitolbu kumpens ġust meta jsofru danni kkawżati minn applikazzjonijiet tal-IA, li altrimenti jistgħu ma jkunux disponibbli jew ikunu kkomplicati u għaljin, minħabba l-opaċità u l-kumplessità tal-applikazzjonijiet tal-IA. Ħafna ċittadini u konsumaturi ma jafdawx ir-“robots” u l-algoritmi. Il-KESE jirrakkomanda azzjoni biex titrawwem il-fiduċja taċ-ċittadini, b'mod partikolari permezz ta' tutorials fuq midja soċjali użata b'mod wiesa', bħala parti mill-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

5.4. Il-vittmi tal-ħsara kkawżata mis-sistemi tal-IA se jkunu jistgħu jinvokaw il-preżunzjoni tal-operaturi li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-UE jew dawk nazzjonali. Il-fatt li l-operaturi se jkollhom jirreġistraw il-konformità tagħhom ma' tali regoli jservi bħala difiża kontra l-imġiba traskurata.

6. L-integrazzjoni ta' prinċipji legali ġodda fis-suq uniku

6.1. Id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà tal-IA ġiet fi żmien meta r-responsabbiltà għall-fallimenti tal-IA tinsab fuq l-aġenda leġislattiva ta' diversi Stati Membri. Il-KESE jifhem l-approċċ tal-proposta fis-salvagwardja, f'dan l-istadju, tal-prinċipji legali nazzjonali u jappoġġja l-użu ta' Direttiva sabiex jiġu evitati inkonsistenzi eċċessivi fil-prinċipji tar-responsabbiltà madwar l-UE, kif ukoll biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirfinaw il-protezzjoni li jqisu meħtieġa u proporzjonata fl-interess ġenerali. Jiġbed l-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika lejn l-iżvantaġġi ta' ambjenti legali frammentati, li jimpedixxu r-realizzazzjoni ta' suq uniku diġitali reali, iżommu d-differenzi bejn iċ-ċittadini u n-negozji Ewropej u jistgħu jfixklu l-innovazzjoni teknoloġika Ewropea. Huwa jemmen li r-riskju ta' interpretazzjoni ħażina tal-prinċipju ta' interess ġenerali ma għandux jiġi sottovalutat, peress li l-proċeduri biex dan jiġi kkontestat huma kkomplicati u l-awtorità tagħhom ma testendix lil hinn mill-kwistjoni involuta f'kull proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

6.2. Il-KESE jifhem sa liema punt is-sistemi legali nazzjonali applikabbli għal talbiet għal responsabbiltà ċivili għadhom ivarjaw fost l-Istati Membri, u matul is-snin ta' attenzjoni kbira lill-isforzi biex jingħelbu dawk id-differenzi, pereżempju permezz ta' reġim alternattiv għall-istandards nazzjonali (“it-28 reġim”). Fid-dawl ta' dan, huwa jifhem l-għażla tal-istrument legali propost f'dan l-istadju mill-Kummissjoni, iżda jindika r-riskju li diversi kunċetti jistgħu jwasslu għal interpretazzjonijiet differenti taħt sistemi legali nazzjonali differenti. Il-KESE jinsisti li l-Kummissjoni għandha ssewgi skema ta' responsabbiltà kemm jista' jkun uniformi fl-applikazzjoni tagħha fl-UE kollha bħala għan aħħari.

6.3. Il-KESE jenfasizza d-dritt tal-parti konvenuta, b'mod partikolari inklużi l-bejjieġha bl-imnut (żgħar), biex tagħmel talba legali fil-konfront tal-fornitur tagħha jew tal-partijiet ikkonċernati rilevanti upstream fil-katina tal-provvista, u d-dmir ta' dawn tal-aħħar li jerfgħu r-responsabbiltà għall-konsegwenzi tal-imġiba negliġenti jew preżumibbilment ħażina tagħhom. Dawk il-fornituri għandhom, f'każijiet bħal dawn, ikunu marbuta legalment li jipprovdu indennifikazzjoni lil dawn il-konvenuti.

7. Appoġġ għall-kompetittività tal-iżviluppi Ewropej tal-IA

7.1. Il-KESE jqis iċ-ċertezza legali bħala iċ-ċertezza ekonomika għar-riċerka u l-iżvilupp Ewropej minn ċentri xjentifiċi, awtoritajiet pubbliċi u impriżi u tikkontribwixxi għal innovazzjonijiet pijunieri f'ambjent globali. Id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA proposta tipprovdi gwida f'waqtha meħtieġa biex l-innovaturi jingħataw aktar fiduċja meħtieġa dwar ir-riskji legali, speċjalment meta jaħdmu fil-livell transfronter, peress li ġurisdizzjonijiet differenti għandhom ir-reġimi ta' responsabbiltà tagħhom stess. Dan se jkun ta' valur sinifikanti għal negozji ġodda u SMEs li ma għandhomx l-istess aċċess għal pariri legali bħal intrapriżi akbar. Il-qafas il-ġdid jista' jgħin ukoll lill-iżviluppaturi jniedu applikazzjonijiet ġodda tal-IA b'fehim aħjar tal-implikazzjonijiet legali, li jikkontribwixxu għall-istrateġija tal-UE dwar it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

7.2. Id-Direttiva proposta dwar ir-Responsabbiltà għall-IA ma tinkludix assigurazzjoni obligatorja għall-applikazzjonijiet tal-IA f'dan l-istadju. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet tal-IA għadhom qed jiġu żviluppatti bis-sħiħ, speċjalment sistemi kumplessi, ikun diffiċli li jiġu stabbiliti metodi ta' klassifikazzjoni għan-nuqqas ta' esperjenza tal-passat li jkunu raġonevolment affidabbli biżżejjed biex ikunu rappreżentattivi ta' danni u pretensjonijiet futuri, speċjalment fir-rigward tal-fatt li l-okkorrenza ta' danni u pretensjonijiet tista' tkun interkonnessa u tikkawża replikazzjoni ta' fallimenti u għalhekk eskalazzjoni tas-severità tal-inċidenti u l-akkumulazzjoni tat-telf, filwaqt li l-kapaċità bħalissa hija limitata ma' intrapriżi ta' (ri)assigurazzjoni. Għalhekk, il-KESE jifhem l-għażla tal-Kummissjoni li ma tinvolvi ruħha aktar fil-kwistjoni ta' jekk, għal liema attivitajiet u sa liema punt l-assigurazzjoni obligatorja jew garanziji finanzjarji oħra għandhom jiġu introdotti f'dan l-istadju, iżda jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib id-disponibbiltà u l-firxa tal-assigurazzjoni. Hija meħtieġa skema ta' monitoraġġ li tipprovdi għarfien dwar inċidenti li jinvolvu sistemi tal-IA biex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali bħal responsabbiltà stretta jew assigurazzjoni obligatorja.

7.3. Il-KESE josserva li diversi riskji huma soġġetti għal assigurazzjoni obligatorja jew garanziji finanzjarji oħra skont il-liġi nazzjonali jew tal-UE. Dan huwa b'mod aktar speċifiku l-każ tal-użu ta' vetturi bil-mutur, fejn għaddej l-iżvilupp ta' vetturi awtonomi. F'tali każijiet, fejn l-assigurazzjoni obligatorja testendi mhux biss għall-imġiba tas-sewwieq jew tal-passiġġieri iżda wkoll għal funzjonament ħażin tat-tagħmir, b'mod aktar speċifiku fil-modalità ta' awtopilota, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet⁽⁶⁾ il-kumpens huwa garantit lill-vittmi skont il-leġiżlazzjoni u l-kuntratti attwali. Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni jistgħu, meta applikabbli, jitolbu rimborż għall-ispejjeż tagħhom mingħand il-manifatturi. Dan għandu jnaqqas l-ispejjeż għas-sewwieqa u jċaqlaq iċ-ċentru tal-gravità ekonomika tal-linji tal-assigurazzjoni rilevanti minn suq min-negozju għall-konsumatur għal mudell minn negozju għal negozju. Għalhekk, il-KESE jemmen li mhi meħtieġa l-ebda azzjoni leġiżlattiva ulterjuri sinifikanti f'oqsma fejn diġà teżisti jew għandha tiġi introdotta assigurazzjoni obligatorja fil-livell tal-UE. Madankollu, il-KESE se jimmonitorja mill-qrib l-għażliet etiċi li jippresjedu fuq kwistjonijiet bħall-evitar ta' kollizzjonijiet u xenarji ta' ġestjoni tal-inċidenti.

7.4. Il-KESE jqis ir-restrizzjonijiet tal-konformità u tal-ġestjoni tar-riskju inkorporati fid-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA kif ukoll il-preżunzjoni li tpoġġi l-oneru tal-konfutazzjoni fuq il-fornituri, il-persuni li jaġixxu f'isem dawn tal-aħħar u l-utenti tas-sistemi tal-IA bħala miżuri proporzjonati mmirati lejn il-livelli t-tajba ta' riskju ta' dannu kkawżat mill-applikazzjonijiet tal-IA.

7.5. Fir-rigward tal-aċċess għall-evidenza, il-KESE japprova l-miżuri meħuda biex jiġu protetti s-sigrieti kummerċjali, li huma aspetti importanti tal-kompetittività tal-innovaturi Ewropej, kif ukoll informazzjoni kunfidenzjali meta tiġi invokata b'mod leġittimu u bir-rispett dovut għad-drittijiet stabbiliti bħall-privileġġi rikonossuti legalment tal-informaturi li jeżistu fuq il-post tax-xogħol, pereżempju.

7.6. Il-KESE jemmen li l-adozzjoni ta' preżunzjoni moderata aktar milli responsabbiltà stretta tiffaċilita l-iżviluppi għat-teknoloġija tal-IA fl-Unjoni Ewropea u tista' tikkonferma r-rwol tal-UE bħala entità li tistabbilixxi l-istandards globali, peress li pajjiżi oħra jistgħu jallinjaw il-leġiżlazzjonijiet tagħhom ma' dan ir-reġim. Dan l-aspett għandu jkun ukoll parti mir-reviżjoni futura, flimkien mal-kjarifika ta' kunċetti li jistgħu jkunu meħtieġa bħala riżultat ta' din l-ewwel esperjenza.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁶⁾ Il-persuna li tkun qiegħda ssuq hija intitolata li tippreżenta pretensjoni skont il-liġi dwar ir-responsabbiltà tal-prodott.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi”

(COM(2022) 495 final — 2022/0302 (COD))

(2023/C 140/06)

Relatur Ġenerali: **Émilie PROUZET**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 17.10.2022 Kunsill, 28.10.2022
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Deċiżjoni tal-Bureau	20.9.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	156/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jirrikonoxxi r-rilevanza tar-reġim ta' responsabbiltà ċivili kif ippreżentat fil-Proposta tal-Kummissjoni u li jipprovdi lil kull ċittadin il-mezzi biex jikseb kumpens għad-danni li jkun sofra minħabba difett ta' prodott. Dan ir-reġim huwa aktar u aktar rilevanti fid-dawl taż-żieda fit-trattament ġudizzjarju tal-konsegwenzi tar-riskji emerġenti.

1.2. Min-natura tagħha s-sistema ta' responsabbiltà stretta għandha l-għan li tistabbilixxi mill-ġdid bilanċ bejn id-drittijiet tal-manifattur u dawk tal-vittima potenzjali. Il-KESE jistieden lill-koleġislaturi u lill-awtoritajiet nazzjonali biex iżommu l-bilanċ miksub f'din il-Proposta meta tiġi adottata u trasposta.

1.3. Il-KESE għalhekk jappoġġja l-ħtieġa li tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali lil kulħadd: għall-ilmentatur billi jingħata aċċess għal qafas legali semplifikat biex jikseb kumpens, u għall-manifattur li jkun jista' jkompli jinnova filwaqt li jkun konxju tar-responsabbiltajiet tiegħu u jkopri r-riskji fil-proċess tal-ibbaġitjar tiegħu.

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi li r-reviżjoni ta' din id-Direttiva twieġeb għal għadd ta' talbiet tal-konsumatur, bħall-identifikazzjoni tal-persuna responsabbli, l-aċċess għall-informazzjoni u l-kumpens jew l-estensjoni tal-kopertura għal ħsara diġitali u psikoloġika.

1.5. Il-KESE jagħraf il-ħtieġa li dan ir-reġim jiġi adattat għall-isfidi tat-teknoloġija diġitali u jappoġġja l-miżuri rakkomandati f'din il-Proposta biex jindirizzaw l-istess sfidi. Il-Kumitat għalhekk jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tinkludi l-intelliġenza artifiċjali (IA) f'din il-Proposta permezz tar-reġim ta' responsabbiltà stretta u ta' reġim ta' responsabbiltà bbażata fuq ħtija fil-proposta għal Direttiva parallela. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li wieħed jibqa' teknoloġikament newtrali fil-qafas tar-responsabbiltajiet għall-prodott.

1.6. Il-KESE jitlob li l-Proposta tkun allinjata mal-acquis communautaire fir-rigward tad-definizzjoni u l-ġerarkija tar-responsabbiltajiet, iżda wkoll li tkun semplifikata b'mod koerenti meta mqabbel mal-leġislazzjonijiet li qed jiġu adottati bħalissa.

1.7. Għalhekk, il-KESE jitlob ukoll li jkun hemm aktar konsistenza fl-abbozzar tal-istess obbligu, preżentat b'mod differenti fid-diversi testi legali. Il-KESE jirakkomanda li l-miżuri jiġu ssemplifikati aktar milli duplikati, b'mod partikolari b'referenza għall-obbligi eżistenti jew l-estensjoni tagħhom.

2. Kuntest

2.1. Ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti u dik dwar ir-regoli ta' responsabbiltà għall-IA għandhom l-għan li jaġġornaw ir-reġim Ewropew ta' responsabbiltà stretta, li jmur lura għall-1985. L-għan ta' dawn iż-żewġ proposti huwa li dan il-qafas jiġi adattat għat-tranżizzjonijiet diġitali u f'termini ta' sostenibbiltà. Ir-regoli l-ġodda għalhekk għandhom l-għan li jagħtu lill-produtturi ċ-ċertezza legali meħtieġa għall-innovazzjoni u lill-ilmentatur il-kopertura għal ħsarat u difetti ġodda, l-assigurazzjoni li tinstab persuna responsabbli fl-Ewropa, u għalhekk li jinkiseb kumpens quddiem imħallef.

2.2. Fil-prattika, id-Direttiva tirrikjedi lill-Istati Membri jstabilixxu reġim speċifiku ta' responsabbiltà ċivili. F'dan il-kuntest, kwalunkwe **persuna fiżika** tista' tikseb kumpens fil-każ ta' telf materjali relatat ma' ħsara li tirriżulta mid-difett ta' prodott. A priori, il-maġġoranza l-kbira tal-ilmenti skont id-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti huma relatati ma' ħsarat fuq il-persuna u, f'ċerti każijiet, ħsara serja lill-proprietà. Talbiet żgħar ħafna ġeneralment jiġu trattati b'mod amikevoli. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi għalhekk japplikaw fil-kuntest ta' ftehim amikevoli, soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jew soluzzjoni online għat-tilwim, jew proċedura legali ⁽¹⁾. Sabiex jiġu vvalutati aħjar il-każijiet trattati, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tikseb aktar informazzjoni u statistika dwar każijiet trattati b'soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jew soluzzjoni online għat-tilwim.

2.3. It-talbiet għal responsabbiltà ta' prodotti difettużi huma parti mill-għadd ta' azzjonijiet li qed jiżdedu bl-aktar rata mgħaġġla fl-UE. Fuq bażi ta' sentenzi tal-qorti bbażati fuq dan it-tip ta' proċedura kif ukoll fuq bażi ta' dibattiti reċenti dwar **riskji emerġenti**, nistgħu ninnotaw il-prodotti/ħsarat li jinsabu fil-mira llum: l-asbestos, il-vaċċini, il-pestiċidi, il-bisfenol A, l-opjojdi ⁽²⁾ iżda wkoll il-mewġ elettromanjetiku għal persuni sensitivi għall-elettriku jew saħansitra il-biża' ta' kanċer minħabba l-espożizzjoni għal sustanza perikoluża ⁽³⁾. Tali reġim huwa indispensabbli minħabba l-multiplikazzjoni tar-riskji emerġenti matul dawn l-aħħar snin. Konxju mill-isfidi futuri li għalihom jista' jiġi applikat dan ir-reġim, il-KESE jappella lill-partijiet interessati kollha f'din il-leġiżlazzjoni biex iqisu dan il-kuntest.

2.4. Tħassib ewlieni ieħor jirriżulta mill-fatt li dan it-test il-ġdid għandu jirnexxi fiż-żamma ta' qafas legali li joffri **ċertezza legali** lill-atturi kollha (atturi u konvenuti). Ikun jaqbel li niżguraw li ma jinħoloqx dubju (id-definizzjoni, id-dritt ċivili, eċċ.) dwar il-pedamenti tal-acquis communautaire tagħna.

2.5. Għandna niżguraw ukoll li l-proċess joħloq **bilanċ** bejn l-għanijiet Ewropej tagħna li nappoġġjaw **l-innovazzjoni** industrijali u teknoloġika u **l-ħarsien** tal-konsumaturi u d-dritt tagħhom għall-kumpens ġust tal-ħsarat kkawżati. Kif indikat il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁴⁾, il-qafas propost ma għandux ixejjel l-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali tal-UE li ġiet adottata dan l-aħħar. Fl-istess ħin, l-UE għandha wkoll toffri lill-konsumaturi, u b'mod aktar wiesa' liċ-ċittadini Ewropej, l-ogħla livell ta' protezzjoni.

2.6. Fl-aħħar nett, id-Direttiva li qed tiġi kkunsidrata għandha l-għan li tarmonizza l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri kollha. Din l-armonizzazzjoni hija aktar u aktar importanti peress li s-sitwazzjonijiet koperti minn dan ir-reġim ta' responsabbiltà ġeneralment jmorru lil hinn mill-fruntieri bejn l-Istati Membri. **L-armonizzazzjoni massima** hija għalhekk ħtieġa li, sabiex tkun ottimali, għandha tinvolvi miżuri ċari u definiti sew.

3. Kummenti ġenerali dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-Proposta u l-acquis communautaire

3.1. **Kamp ta' applikazzjoni wiesa' ħafna biex jiġi implimentat b'mod koerenti fuq livell nazzjonali.** L-abbozz ta' Direttiva huwa ta' benefiċċju għal kull persuna fiżika li ġarrbet ħsara minħabba d-difett fil-prodott u li trid tikseb kumpens mill-manifattur tal-prodott. Għalhekk din ma hijiex kwistjoni ta' konsumatur jew utent finali, minn negozju għal ieħor jew minn negozju għal konsumatur. Madankollu, fil-forma oriġinali tagħha d-Direttiva xorta ntużat minn ċerti Stati fil-każ ta' kunflitti bejn l-impjegat u l-impjegatur jew bejn professjonist u ieħor li jaqgħu taħt reġimi oħra barra dak tar-responsabbiltà stretta għall-prodotti. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet għall-implimentazzjoni u t-traspożizzjoni xierqa ta' dan ir-reġim.

⁽¹⁾ Ara l-istimi li saru fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽²⁾ Din is-sustanza hija suġġett ta' dibattitu, partikolarment fl-Iżvezja. Ta' min jinnotta li fi Franza, matul l-għaxar snin ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19, l-użu tal-opjojdi żdied b'aktar minn 150 %.

⁽³⁾ Franza tirrikonoxxi l-kumpens għall-ħsara kkawżata minn ansjetà abbażi tat-tħassib ta' persuna dwar mard li jirriżulta fil-futur. Spanja u l-Italja jidheru li jridu jagħmlu l-istess. Dan ir-rikonoxximent ġie stabbilit fl-2019 fil-każ ta' esponiment għall-asbestos u ġie estiż għal kwalunkwe sustanza jew prodott perikoluż ftit wara. B'riżultat ta' dan, l-asbestos ġie pprojbit fl-1997, u għoxrin sena wara għad hemm riskju sinifikanti ta' kumpens għan-negozji tagħna.

⁽⁴⁾ F'Jannar 2020, fil-kuntest ta' seduta li organizzat dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, il-Kummissjoni Ewropea fakkret li dan is-suġġett huwa tal-akbar importanza sabiex tissaħħaħ il-kapaċità industrijali tal-UE li tkun teknoloġikament sovrana u sabiex jingħata vantaġġ kompetittiv lill-produtturi biex jinnovaw u jikkompetu maċ-Ċina u l-Istati Uniti.

3.2. **Xi definizzjonijiet għandhom jiġu ċċarati għall-fini tal-koerenza tar-reġim.** Skont l-Artikolu 4, id-definizzjonijiet tal-komponent, il-manifattur u l-prodott għandhom ikunu marbuta billi huma kollha msemmija fl-Artikolu 7 li jiddefinixxi r-responsabbiltà tal-operatur. Skont l-Artikolu 4(10), id-definizzjoni ta' tqegħid fis-servizz għandha tirreferi għall-ewwel użu mill-utent aħħari bħal fil-Gwida Blu u f'leġiżlazzjonijiet oħra dwar l-armonizzazzjoni. Id-data tal-ewwel użu hija importanti għax tiddetermina l-perjodi ta' preskrizzjoni. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 6, il-kunċett tal-użu tal-prodott għandu jkun allinjat mal-leġiżlazzjoni Ewropea. Fil-fatt, użu ħażin tal-prodott ma jistax jiġi invokat biex jiġi vvalutat u ppruvat id-difett tiegħu. L-użu ħażin ma jistax jiġi invokat biex tiġi vvalutata l-konformità u s-sikurezza tal-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-armonizzazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-ġugarelli. Kif tfakkar il-Gwida Blu, il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-armonizzazzjoni tapplika meta l-prodotti li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni jew jitqiegħdu fis-servizz fis-suq jintużaw f'konformità mal-għan maħsub tagħhom. Fi kwalunkwe każ, il-manifattur ma jistax jinżamm responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tirriżulta mill-użu ħażin ta' prodott.

3.3. **Il-ġerarkija tar-responsabbiltajiet bejn l-operaturi ekonomiċi għandha tkun proporzjonali għar-rwol tagħhom fil-katina.** Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Proposta tinkludi l-atturi differenti responsabbli għall-konformità u s-sigurtà, kif definiti fir-Regolament (UE) 2019/1020 ⁽⁵⁾ u l-Proposta għar-Regolament dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) ⁽⁶⁾. Il-Proposta b'hekk tallinja r-responsabbiltà għall-konformità u s-sikurezza tal-prodott mar-reġim ta' responsabbiltà għall-prodotti difettużi. Madankollu, il-punt 2 tal-Artikolu 7 ma jirrispettax il-ġerarkija tar-rwoli u r-responsabbiltajiet stabbiliti fil-qafas Ewropew għall-prodotti armonizzati ⁽⁷⁾. Għal raġunijiet ta' koerenza, dan il-punt għandu jiġi rivedut biex jesprimi b'mod ċar il-ġerarkija tal-operaturi awtomatiċi u mhux ir-responsabbiltà konġunta tagħhom.

4. Evalwazzjoni tal-miżuri bħala tweġiba għad-domandi ta' vittmi potenzjali

4.1. It-tfittxija għall-operatur responsabbli biex jingħata kumpens issa hija ggarantita minn bosta miżuri. L-ewwel nett, il-manifattur tal-prodott u l-manifattur tal-komponent li kkawża d-difett tal-prodott jistgħu jkunu responsabbli b'mod konġunt. Il-KESE japprezza l-fatt li din ir-responsabbiltà doppja hija inkluża fir-rakkomandazzjonijiet tal-BEUC ⁽⁸⁾. It-tieni, tapplika l-ġerarkija tar-responsabbiltà bejn l-operaturi ekonomiċi u l-atturi fil-katina tal-provvista tal-prodott difettuż. Jekk l-ewwel parti responsabbli tkun assenti, il-parti li tinsab aktar 'l isfel tal-katina tal-provvista terfa' r-responsabbiltà. F'każ li l-manifattur ma jkunx fl-UE, l-importatur jew, fin-nuqqas ta' dan, ir-rappreżentant awtorizzat/ir-rappreżentat delegat jista' jinżamm responsabbli. Bl-istess mod, ir-responsabbiltà tad-distributur u tas-suq tiddependi mill-kapaċità tagħhom li jipprovdu informazzjoni dwar il-fornituri jew in-negożjant tagħhom.

4.2. Il-KESE jirrikonoxxi li dawn iż-żewġ miżuri jippermettu li tiġi identifikata b'mod aktar faċli l-persuna responsabbli fis-suq Ewropew u b'hekk itejbu l-aċċess għall-kumpens.

4.3. Barra minn hekk, l-obbligi tad-distributur huma marbuta ma' dawk deskritti fid-Direttiva riveduta dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti ⁽⁹⁾ u mal-leġiżlazzjonijiet riveduti dwar il-prodotti armonizzati (regoli dwar it-traċċabilità).

4.4. L-istess japplika għas-swieq. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali jstabilixxi l-obbligu li "tkun taf lin-negożjanti tiegħek", li notevolment jimplika li għandu jkollok id-dettalji ta' kuntatt tal-manifattur u tal-persuna responsabbli fl-UE. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(3) tal-istess Direttiva, jiġifieri l-proposta oriġinali fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali, jiddefinixxi wkoll il-kundizzjonijiet għat-telf tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-pjattaformi fil-każ ta' nuqqas ta' informazzjoni dwar il-bejjiegħ. Obbligu simili jinsab fid-Direttiva Omnibus: jekk l-informazzjoni meħtieġa mid-Direttiva (UE) 2019/2161 ⁽¹⁰⁾ dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur ma tkunx ipprovduta, il-pjattaforma tassumi r-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-konsumatur li normalment taqa' fuq il-bejjiegħ. Għalkemm l-obbligi huma komparabbli, dawn mhumiex inklużi b'mod identiku f'din il-Proposta. Għalhekk, il-KESE jappella għal aktar konsistenza fit-tfassil tal-istess obbligu.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

⁽⁶⁾ COM(2020) 825 final — 2020/0361 (COD).

⁽⁷⁾ (i) manifattur stabbilit fl-Unjoni; (ii) importatur (skont id-definizzjoni stabbilita fl-Unjoni) meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni; (iii) rappreżentant awtorizzat (skont id-definizzjoni stabbilita fl-UE) li jkollu mandat bil-miktub mingħand il-manifattur biex iwettaq kompiti fisem il-manifattur; jew (iv) fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni tal-ordnijiet stabbilit fl-Unjoni fejn ma jkun hemm l-ebda manifattur, importatur jew rappreżentant awtorizzat stabbilit fl-Unjoni.

⁽⁸⁾ Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi — www.beuc.eu

⁽⁹⁾ Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (ĠU L 328, 18.12.2019, p. 7).

4.5. **Permezz ta' dan ir-reġim il-ġdid issa huwa possibbli wkoll li jiġi kkompensat it-telf li jirriżulta mid-difetti tas-servizzi diġitali.** L-ewwel nett, permezz tal-proposta għal proġett parallel dwar ir-responsabbiltà għall-IA, il-Kummissjoni Ewropea qed tippovdi rispons speċifiku. Fl-istess ħin, fil-Proposta tagħha, il-Kummissjoni Ewropea qed twieġeb lill-utenti rigward id-difett ta' "komponent diġitali" permezz ta' bosta miżuri:

- l-applikazzjonijiet u software ieħor integrati jew interkonnessi ma' prodott se jkunu koperti bis-saħħa tad-definizzjonijiet tal-komponent (l-Artikolu 4(3)), tas-servizz ta' interkonnessjoni (l-Artikolu 4(4)) u tal-manifattur (l-Artikolu 4(11));
- barra minn hekk, it-telf materjali kkawżat minn telf jew korruzzjoni ta' data huwa rikonoxxut bħala ħsara li tintitola għal kumpens;
- fl-aħħar nett, il-manifattur tas-servizzi relatati mhux se jkun eżentat mir-responsabbiltà fuq il-premessa li d-difett ma kienx jeżisti meta l-prodott tqiegħed fis-suq.

4.6. Il-KESE jappoġġja l-miżuri ta' din il-Proposta intiżi biex jirregolaw it-teknoloġija diġitali. Madankollu, jistieden lill-koleġiżlaturi jqisu l-leġiżlazzjonijiet paralleli adottati reċentement jew li qed jiġu nnegozjati, inkluż il-GDPR⁽¹¹⁾, il-proposta dwar ir-responsabbiltà tal-IA, l-Att dwar l-IA, l-Att dwar id-Data, ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti, id-Direttiva NIS 2⁽¹²⁾ u l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika). Ikun jaqbel li niżguraw il-koerenza u nevitaw id-duplikazzjoni tal-miżuri legali.

4.7. Il-Proposta tindirizza d-diffikultajiet biex tinkiseb jew tintfiehem l-informazzjoni teknika b'diversi modi. Il-qafas legali inkwistjoni japplika meta prodott ikun ikkawża ħsara materjali lil persuna jew lill-proprjetà tagħha. Ħafna drabi dawn il-prodotti jkunu xjentifikament jew teknoloġikament kumplessi. Fl-1985, il-Kummissjoni Ewropea wieġbet għall-komplessità tal-prodotti kkonċernati billi introduċiet responsabbiltà stretta fid-dritt ċivili. F'dan il-kuntest, l-ilmentatur għandu jagħti prova tad-difett fil-prodott, tad-dannu u tar-rabta kawżali bejn it-tnejn sabiex jikseb kumpens ġust għad-dannu tiegħu. It-tort tal-produttur ma għandux għalfejn jiġi ppruvat. Fil-preambolu, l-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet li r-responsabbiltà stretta kienet meħtieġa biex tindirizza t-teknikalità ta' żmienna, li dejjem qiegħda tikber. Din id-devjazzjoni mid-dritt ċivili diġà kienet ta' semplifikazzjoni kbira għall-ilmentatur. Madankollu, fil-proċess ta' reviżjoni leġiżlattiva li għaddej bħalissa, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi talbu miżuri ulterjuri u li l-oneru tal-provi jmur fuq in-naħa l-oħra jew li tiġi projbita l-eżenzjoni tal-għarfien xjentifiku. Il-Kummissjoni Ewropea ma aċċettatx dawn l-aħħar żewġ miżuri iżda introduċiet proposti ġodda biex tissodisfa d-domandi tal-konsumaturi.

4.8. Il-Proposta li qed titqies għalhekk tinkludi miżuri ġodda dwar l-iżvelar ta' evidenza u l-preżunzjoni ta' difett jew rabta kawżali. Fir-rigward tal-ewwel punt, l-ewwel nett, hija fuq kollox kwistjoni li dan id-dritt jinħoloq fil-livell Ewropew. Illum, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom regoli simili. It-tieni punt huwa kodifika tal-ġurisprudenza, meqjusa bħala favorevoli għall-ilmentatur u li hija indirizzata fil-punt 5.

4.9. **Il-Proposta tal-Kummissjoni tindirizza wkoll sitwazzjonijiet fejn il-ħsara sseħħ snin jew għexieren ta' snin wara li l-prodott ikun inxtara jew tqiegħed fis-suq.** Din tippovdi żewġ reazzjonijiet differenti. Fil-każ tal-qasam diġitali (relatat mas-servizz), ma hemm l-ebda eżenzjoni relatata mal-probabbiltà li d-difett ma kienx jeżisti fil-mument tat-tqiegħid fis-suq jew tat-tqiegħid fis-servizz. Barra minn hekk, jidher pjuttost kumpless li wieħed jargumenta dwar l-eżenzjoni marbuta mal-aħħar żviluppi tekniċi. Fl-aħħar nett, għal sustanzi perikolużi li jikkawżaw latenza ta' ħsara fuq il-persuna, il-perjodu ta' preskrizzjoni żdied għal 15-il sena.

5. Evalwazzjoni tal-miżuri li jirrispondu għad-domanda tan-negozju

5.1. **Il-kunċett ta' modifika sostanzjali huwa essenzjali f'dan ir-reġim u jistħoqqlu li jiġi ddefinit u ċċarat.** Il-modifika sostanzjali ta' prodott timplika r-responsabbiltà tal-awtur tiegħu u l-estensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni. Għalhekk, il-KESE jitlob li dan il-kunċett jiġi ċċarat fuq il-bażi tal-Gwida Blu⁽¹³⁾.

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽¹²⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

⁽¹³⁾ Prodott li jkun għadda minn modifiki jew alterazzjonijiet sinifikanti wara d-dħul tiegħu fis-servizz għandu jitqies bħala prodott ġdid jekk: i) il-prestazzjoni, l-użu maħsub jew it-tip oriġinali tiegħu jiġu mmodifikati, mingħajr ma dan ikun previst fil-valutazzjoni tar-riskju inizjali; ii) in-natura tal-periklu tkun inbidlet jew il-livell ta' riskju jkun żdied fir-rigward tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni; iii) il-prodott jitqiegħed għad-dispożizzjoni (jew jitqiegħed fis-servizz jekk il-leġiżlazzjoni applikabbli tkopri wkoll it-tqiegħid fis-servizz fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha). Għandha għalhekk issir evalwazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ u, b'mod partikolari, skont is-suġġett tal-leġiżlazzjoni u tat-tip ta' prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

5.2. **Evalwazzjoni tal-każijiet fejn parti mit-tliet elementi (difett/ħsara/rabta kawżali) ma hemmx għalfejn tiġi ppruvata.** L-Artikolu 9 jistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilmentatur ikun responsabbli għall-oneru tal-provi tad-difett, tal-ħsara u r-rabta kawżali tagħhom. Huwa għalhekk meħtieġ li tingħata prova tad-danni materjali relatati ma' ħsara materjali jew immaterjali fuq il-persuna jew il-proprjetà personali jew mat-telf/mal-korruzzjoni tad-data U d-difett tal-prodott jew ta' wieħed mill-komponenti tiegħu (artikolu/servizz) U r-rabta ta' bejniethom, ħlief f'żewġ każi. Għandu jiġi nnotat li l-oneru tal-provi jkun stabbilit fi ħdan il-qafas ta' proċediment legali diġà mibdi. L-ilment għalhekk ikun tqies li kien ammissibbli biżżejjed u l-ħsara sostanzjali biżżejjed biex l-individwu jkun jista' jieħu azzjoni legali, li l-ispiża tagħha hija a priori finanzjarjament għalja għall-ilmentatur.

5.2.1. L-ewwel nett, l-Artikolu 9 dwar l-oneru tal-provi jispeċifika, fil-punt 3, il-każijiet fejn ir-rabta kawżali bejn il-ħsara u d-difett hija preżunta, jiġifieri fejn id-difett fil-prodott huwa stabbilit u l-ħsara hija ta' natura ġeneralment speċifika għal dak id-difett. F'dan il-każ, ladarba d-difett ikun ġie ppruvat, għandu jiġi stabbilit biss it-telf materjali assoċjat mal-ħsara. Prova ta' rabta kawżali hija permessa permezz ta' preżunzjonijiet. Din id-dispożizzjoni hija simili wkoll għal rikonoxximent tal-potenzjal ta' difett. F'dan il-kuntest, manifattur li jkun identifika difett fil-prodott ikollu jirtira mis-suq il-prodotti kollha tal-istess lott. Ġestjoni bħal din twassal għal skart sinifikanti.

5.2.2. It-tieni, l-Artikolu 9(4) jispeċifika l-każijiet li fihom il-prova tad-difett u r-rabta kawżali hija bbażata fuq probabbiltajiet. Dan jista' jseħħ f'każijiet fejn il-Qorti tiddeċiedi li l-attur ikun qed jesperjenza diffikultajiet żejda minħabba l-kumplessità teknoloġika jew xjentifika biex juri l-evidenza. Għaldaqstant, l-ilmentatur għandu juri li l-prodott ikkontribwixxa għall-ħsara U l-probabbiltà tad-difett jew ir-rabta bejn id-difett u l-ħsara. F'dan il-każ, la d-difett u lanqas ir-rabta ta' kawżalità ma għandhom jiġu pprovati xjentifikament.

5.2.3. Għall-evalwazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għandha ssir referenza għall-ġurisprudenza li fuqha tkun bbażata. Għalhekk, fil-każ ta' Sanofi Pasteur⁽¹⁴⁾, il-qorti jqisu li fin-nuqqas ta' kunsens xjentifiku, il-prova tad-difett ta' vaċċin u tar-rabta kawżali bejn id-difett u l-marda tista' tiġi pprovdata minn evidenza serja, preċiża u konsistenti. Il-proċedura hija ssemplifikata ħafna għall-ilmentatur li finalment għandu jipprovi sett ta' evidenzi fattwali u mhux xjentifiċi. Il-KESE jirrikonoxxi li għal ċerti każijiet kumplessi l-kunċett ta' "probabbiltà ta' inadempjenza" għandu jiġi vvalutat minn imhalled mingħajr ma dan iwassal għal preżunzjoni awtomatika ta' kawżalità.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁴⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ġunju 2017, N. W. et vs Sanofi Pasteur MSD SNC et, C-621/15, ECLI:EU:C:2017:484.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ‘L-Istrateġija Ewropea għall-Kura’”

(COM (2022) 440 final)

(2023/C 140/07)

Relatur: **Kinga JOÓ**

Korelatur: **Zoe TZOTZE-LANARA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.10.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	11.1.2023
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	169/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-proposti tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura għal azzjonijiet fil-livell tal-UE u nazzjonali biex tissaħħaħ l-infrastruttura tal-kura fl-Ewropa bbażata fuq approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha, u jfaħħar l-appell tagħha permezz tal-proposti għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għal servizzi ta' kwalità aħjar matul iċ-ċiklu tal-ħajja.

1.2. Il-KESE jġedded il-proposta tiegħu li titnieda **Garanzija Ewropea għall-Kura**, sabiex jiġi żgurat aċċess tul il-ħajja għal servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi ta' kura ta' kwalità affordabbli għal kull min jgħix fl-UE. Dan l-istrument jikkontribwixxi għal implimentazzjoni b'suċċess tal-miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-kura u jippromovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-persuni li jindukraw, inklużi dawk li jindukraw b'mod informali.

1.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza li l-**familji jiġu appoġġjati fir-rwol fundamentali tagħhom**. Dan jinkludi investiment lil hinn mill-politiki soċjali u **fil-komunitajiet**. Familji appoġġjati sew bid-differenzi kollha tagħhom jaġixxu bħala xibka ta' sikurezza, u huma elementi essenzjali għal sistema ta' kura sostenibbli bbażata fuq is-solidarjetà. Huwa kruċjali li tiġi enfazizzata l-importanza li tingħata prijorità lill-affordabbiltà u l-kontinwità tas-servizzi tal-kura b'reazzjoni għax-xokkijiet.

1.4. Il-KESE jaqdi rwol ewlieni fis-**sensibilizzazzjoni billi jiġbor u jxerred elementi ewlenin ta' prattiki tajba** fost l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rigward l-ġhodod u l-infrastruttura, kif ukoll jikkondividi forom ġodda ta' servizzi tal-kura. Huwa jappella għall-allokazzjoni ta' baġits speċifiċi biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' dawk li jirċievu l-kura u ta' dawk li jipprovdu l-kura u tal-persuni li jipprovdu kura fid-djar.

1.5. **L-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tibqa' ċentrali** għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija, inkluż permezz ta' azzjonijiet li jikkuntrastaw l-istereotipi dannużi tal-ġeneru dominanti fis-setturi tal-kura formali u informali. Il-KESE jtenni li għandhom isiru sforzi biex jiġu iċċentivati aktar irġiel biex jingħaqdu mal-forza tax-xogħol tal-kura u tiġi żgurata distribuzzjoni aħjar tal-kura fl-unitajiet domestiċi

1.6. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja **li jippromovi t-tixjiħ attiv u b'saħħtu**, u fl-istess ħin jiġu evitati u tingħata protezzjoni kontra l-etaiżmu u forom oħra ta' diskriminazzjoni, l-abbuż fuq l-anzjani, it-trattament ħażin u l-istereotipizzazzjoni. Il-KESE jappella għall-iżvilupp ta' Strateġija Ewropea għall-Persuni Akbar fl-Età.

1.7. Il-KESE jappella sabiex **jiġu mmobilizzati r-riżorsi kollha** biex jissodisfaw id-domanda dejjem tikber u diversa għall-kura: irid jiġi allokat **finanzjament adegwat** għall-infrastruttura tal-kura u għall-persuni li jindukraw sabiex jissaħħu t-tkabbir u l-impjiegi. Il-**firxa sħiħa ta' fornituri tal-kura** trid tiġi mobilizzata, fl-ambitu ta' oqfsa b'saħħithom għall-assigurazzjoni tal-kwalità. L-Istati Membri jeħtiġilhom jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u jiżguraw li l-impjiegi fil-kura soċjali jkunu attraenti, imħallsa u apprezzati b'mod adegwat u joffru prospettivi tajbin ta' karriera.

1.8. Il-KESE jħeġġeġ **provvista** aħjar **tad-data** dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal biex jiġu żgurati l-komparabbiltà u d-disponibbiltà ta' informazzjoni aktar komprensiva għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi.

1.9. Il-KESE jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jstabbilixxu **Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Kura fit-Tul** li huwa b'bilanċjat bejn il-ġeneri, biex jifformalizzaw il-kooperazzjoni, billi jlaqqgħu flimkien l-atturi kollha u l-organizzazzjonijiet tagħhom biex joħolqu b'mod konġunt is-servizz tal-kura tal-futur⁽¹⁾. Huwa rrakkomandat ukoll li dawk li jirċievu l-kura u dawk li jipprovdu l-kura, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tagħhom, **jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod sinifikanti** matul iċ-ċiklu tal-politika.

1.10. Il-KESE jenfasizza li **l-mobbiltà tal-professjonisti tal-kura u l-migrazzjoni tal-ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE** jeħtieġ li jiġu kkunsidrati, flimkien ma' għodod għat-tqabbil tad-domanda mal-provvista kif ukoll ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, u jinnota li l-Istrateġija ma tqisx biżżejjed il-ħafna **ħaddiema mingħajr dokumenti** li diġà jipprovdu l-kura fl-Ewropa.

1.11. Il-KESE jappella għal **rieżami ta' nofs it-terminu tar-Rakkomandazzjonijiet** ibbażata fuq il-monitoraġġ tal-miri ta' Barċellona u l-oġġettivi ġenerali tar-riformi tal-kura fit-tul, wara iċ-ċiklu ta' finanzjament tal-UE.

2. L-oġġettivi u l-ambitu tal-Opinjoni

2.1. Il-KESE jilqa' l-proposti tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura (l-Istrateġija) għal azzjonijiet fil-livell tal-UE u nazzjonali biex tissaħħaħ l-infrastruttura tal-kura fl-Ewropa, jiġu appoġġjati kemm dawk li jirċievu l-kura (mit-twelid sa età avvanzata) kif ukoll dawk li jipprovdu l-kura (formali u informali), u jfaħħar l-approċċ analitiku tal-Komunikazzjoni għall-identifikazzjoni tad-dgħufijiet, l-ostrakli u l-oqsma problematiċi li jaffettwaw l-għoti ta' kura ta' kwalità integrata.

2.2. Din l-Istrateġija hija konformi mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2021 għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u tipprovdi gwida utli lill-Istati Membri dwar kura aċċessibbli, adegwata u ta' kwalità biex jiġu ssodisfati d-domandi dejjem akbar u diversi għall-kura, flimkien ma' miri ambizzjużi dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u għodod ta' governanza tajba għall-monitoraġġ ta' azzjonijiet ta' kura fit-tul. Hija tibni fuq l-oqfsa eżistenti tal-UE⁽²⁾, li jagħtuha natura trasversali biex tindirizza d-defiċits tal-kura u tavvanza d-drittijiet tal-persuni li jindukraw u ta' dawk li jirċievu l-kura.

(1) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kokreazzjoni tas-servizzi ta' interess ġenerali bħala kontribut għal demokrazzija aktar parteċipattiva fl-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 76).

(2) L-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030, il-Garanzija għat-Tfal, l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xoġhol u l-Ħajja Privata, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u inizjattivi rilevanti oħra taħt il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

2.3. Għadd ta' studji u Opinjonijiet huma disponibbli biex jiggwidaw l-implimentazzjoni, joffru informazzjoni u data dwar diversi aspetti tal-kura, fosthom il-ġeneru ⁽³⁾, ⁽⁴⁾, l-ispiża tal-kura informali ⁽⁵⁾, ⁽⁶⁾, is-sistemi tal-kura fit-tul fl-Ewropa ⁽⁷⁾, il-forza tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tal-impjeg ⁽⁸⁾, ⁽⁹⁾.

2.4. Il-Parlament Ewropew enfasizza l-importanza tal-aċċessibilità u d-disponibilità tal-kura pubblika u li kull persuna għandu jkollha d-dritt għal għażla ġenwina fir-rigward ta' servizzi li huma adattati għaliha u għall-familji tagħha (kura tal-familja, kura bbażata fil-komunità, kura ċċentrata fuq il-pazjent, kura personalizzata jew forom oħra ta' kura ⁽¹⁰⁾).

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Istrateġija tirrikonoxxi li l-kura hija **responsabbiltà tas-soċjetà kollha** u mhux biss tal-familji, u li ż-żewġ proposti għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill jappellaw għal **servizzi ta' kwalità aħjar matul iċ-ċiklu tal-ħajja**. Huwa jappoġġja bidla fil-paradigma tas-soċjetà dwar il-mod kif il-kura hija apprezzata u pprovduta fl-UE, li tnaqqas l-aspetti kulturali differenti u d-differenzi nazzjonali.

3.2. L-Istrateġija għandha l-għan li tibdel id-dibattitu Ewropew dwar il-kura lejn **modell ta' kura sostenibbli u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem** li jrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kura formali u informali u jggarantixxi dinjità tal-bniedem, għajxien indipendenti, u inklużjoni fil-komunità. Ir-**reżiljenza u l-adeqwatezza tas-sistemi tal-kura** madwar l-UE ġew ittestjati matul il-pandemija tal-COVID-19, li ħarġet fid-dieher il-problemi strutturali bħan-nuqqas ta' finanzjament u n-nuqqas ta' persunal.

3.3. Strateġija effettiva tirrikjedi approċċ trasformattiv u ambizzjuż, li jqiegħed id-drittijiet u l-ħtiġijiet fundamentali ta' dawk li jirċievu l-kura u ta' dawk li jipprovdu l-kura fil-qalba tiegħu, inkluż permezz tal-**parteċipazzjoni sħiħa u sinifikanti tagħhom fil-konsultazzjonijiet u d-deċiżjonijiet**.

3.4. Il-KESE jenfasizza li l-**miżuri ta' prevenzjoni, ta' abilitazzjoni u ta' riabilitazzjoni** għandhom ikunu parti integrali mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija. L-azzjonijiet għandhom jiffukaw dejjem aktar fuq intervent bikri, tixjij san u attiv, miżuri preventivi u appoġġ għall-awtonomija li jistgħu jimminimizzaw il-ħtieġa li persuna tirrikorri għall-kura fit-tul, u jżidu l-inklużjoni fis-soċjetà u ċ-ċittadinanza attiva, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' Strateġija Ewropea komprensiva għall-Persuni Akbar fl-Età.

3.5. Filwaqt li jfakkar fl-esperjenza tal-awsterità fil-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi reċenti, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li **tingħata prijorità lill-affordabbiltà u l-kontinwità tas-servizzi tal-kura** b'reazzjoni għax-xokkijiet attwali marbuta mal-gwerra fl-Ukrajna, mal-kriżijiet attwali tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja.

3.6. L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Istrateġija kollha hija milqugħa. Is-settur tal-kura, formali u informali, huwa ddominat min-nisa. Fl-UE, 29 % tan-nisa iġhidu li r-raġuni ewlenija għaliex mhumiex attivi fis-suq tax-xogħol jew għala jaħdmu part-time hija minħabba d-dmirijiet ta' indukrar, meta mqabbla ma' 6 % biss tal-irġiel ⁽¹¹⁾. Din id-distribuzzjoni żbilanċjata tar-responsabbiltajiet ta' kura hija stmata li tiswa EUR 242 biljun fis-sena ⁽¹²⁾. Ir-rakkomandazzjonijiet huma linji gwida utli għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, id-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi, il-pensjonijiet u l-kura.

⁽³⁾ Gender inequalities in care and pay in the EU (L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kura u l-pagi fl-UE (mhux disponibbli bil-Malti): <https://eige.europa.eu/publications/gender-inequalities-care-and-pay-eu>

⁽⁴⁾ Gender Equality Index (Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (mhux disponibbli bil-Malti): <https://eige.europa.eu/gender-equality-index/2022>

⁽⁵⁾ What if care work were recognised as a driver of sustainable growth? (U kieku x-xogħol tal-kura kellu jiġi rikonoxxut bħala xprun tat-tkabbir sostenibbli? (mhux disponibbli bil-Malti): <https://epthinktank.eu/2022/09/07/what-if-care-work-were-recognised-as-a-driver-of-sustainable-growth/>.

⁽⁶⁾ Study on exploring the incidence and costs of informal long-term care (Studju dwar l-esplorazzjoni tal-inċidenza u l-ispiża tal-kura informali fit-tul fl-UE (mhux disponibbli bil-Malti): <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8423&furtherPubs=no>

⁽⁷⁾ 2021 Long-term care in the EU (Il-kura fit-tul fl-UE 2021 (mhux disponibbli bil-Malti): <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8396>

⁽⁸⁾ Long-term care workforce: Employment and working conditions (Il-forza tax-xogħol tal-kura fit-tul: l-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol (mhux disponibbli bil-Malti): <https://www.eurofound.europa.eu/nb/publications/customised-report/2020/long-term-care-workforce-employment-and-working-conditions>

⁽⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Strateġija dwar il-forza tax-xogħol u l-kura fil-qasam tas-saħħa għall-futur tal-Ewropa" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 37).

⁽¹⁰⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ġunju 2022 lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura

⁽¹¹⁾ EIGE, idem.

⁽¹²⁾ Riċerka tal-PE, idem

3.7. Il-KESE jenfasizza l-importanza **tal-kura tal-familja u dik informali bħala element ta' sistemi ta' kura sostenibbli u jappella għal immappjar rapidu tal-ħtiġijiet u r-realtajiet ta' dan it-tip ta' kura**. Jeħtieġ li dawn jiġu rikonnoxxuti bħala msieħba fl-iżgurar tal-kontinwità fil-kura u li jingħataw appoġġ komprensiv, bħal opportunitajiet ta' taħriġ permezz ta' **skemi ta' validazzjoni tal-ħiliet**, u li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali permezz ta' taħlita ta' riżorsi, servizzi u arranġament tal-ħin (marbuta mad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata), filwaqt li jiġi żgurat ukoll l-aċċess għad-drittijiet soċjali, il-kura ta' solliet u s-servizzi tas-saħħa mentali⁽¹³⁾.

3.8. Il-KESE jilqa' l-enfasi fuq il-protezzjoni aħjar tad-**drittijiet tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa**. L-Istrateġija tistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-lakuni fl-infurzar tal-liġi tax-xogħol tal-UE, jirratifikaw il-Konvenzjoni 189 tal-ILO li tipprovi standards għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti tal-ħaddiema domestiċi, u jieħdu passi biex jirregolaw is-sitwazzjoni tal-**indokraturi residenti**⁽¹⁴⁾, inklużi l-ħaddiema migranti u l-ħaddiema mobbli. Madankollu, jinnota li l-Istrateġija ma tqisx biżżejjed il-ħafna ħaddiema mingħajr dokumenti li diġà jipprovdu l-kura fl-Ewropa, u għandha tiffoka fuq il-ħaddiema kollha tal-kura tas-saħħa li jgħixu fl-UE – irrispettivament mill-istatus ta' migrazzjoni u ta' residenza tagħhom.

3.9. Il-KESE jfaħħar l-impenn li **jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol** fis-settur tal-kura billi jiġu pprovduti taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet u validazzjoni tal-ħiliet, jiżiedu l-pagi, jiġu promossi d-drittijiet soċjali u tal-ħaddiema, tingħata attenzjoni lir-riskji tas-saħħa fiżika u psikosoċjali, u jiġu indirizzati r-riskji ta' vjolenza u fastidju fuq il-post tax-xogħol. Hija tappella lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni 190 tal-ILO dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol. L-imsieħba soċjali u l-gvernijiet jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex itemmu forom prekarji ta' xogħol ta' kura u jibnu oqfsa regolatorji, finanzjarji u ta' negozjar kollettiv b'saħħithom. In-nuqqas ta' persunal kwalifikat fi kważi l-Istati Membri kollha jipperikola l-istandards tas-saħħa u tal-kura, speċjalment fl-isfond tat-tibdil demografiku, il-mobbiltà tal-ħaddiema u t-tixjiħ.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jtenni l-urġenza li tiġi elaborata **Garanzija Ewropea għall-Kura**⁽¹⁵⁾ **ddedikata**, bħala element essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija abbażi ta' taħlita ta' għodod ta' politika, ta' Prattiki u finanzjament biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tal-Istrateġija jiġu integrati bis-siħh fl-oqfsa nazzjonali legali, ta' politika, ta' finanzjament u tas-servizzi. L-iffissar ta' standards huwa kruċjali biex jiġi żgurat titjib fis-settur, bħalma huwa l-monitoraġġ tagħhom⁽¹⁶⁾.

4.2. L-Istrateġija Ewropea għall-Kura għandha tiġi ssupplimentata bi **pjan ta' implimentazzjoni u skemi ta' finanzjament** Ewropej strutturati. L-investiment pubbliku fil-kura mhuwiex biżżejjed f'ħafna Stati Membri. Il-fondi strutturali u ta' investiment tal-UE (FSE+, FEŻR), kif ukoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jridu jiġu mobilizzati biex jappoġġjaw lill-Istati Membri f'oqfsa speċifiċi relatati mal-kura (mit-tfassil tal-politika għall-implimentazzjoni tas-servizz u l-monitoraġġ tal-impatt), b'mod partikolari permezz ta' akkwisti pubbliċi soċjalment responsabbli.

4.3. **L-evalwazzjoni tal-progress u l-impatt** fuq il-persuni li jirċievu l-kura u dawk li jipprovdu l-kura se tkun fundamentali. Linji gwida tekniċi speċifiċi għall-bini ta' oqfsa ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni jistgħu jappoġġjaw lill-ministeri nazzjonali bi gwida speċifika dwar l-iżvilupp ta' mudelli ta' servizzi ta' kura sostenibbli, indikaturi u kejl tal-impatt. Il-monitoraġġ tal-Kummissjoni Ewropea għandu jinkludi rapporti kemm dwar il-politika kif ukoll dwar il-finanzjament u sejħa għal **rieżami ta' nofs it-terminu** tar-Rakkomandazzjonijiet. **Is-Semestru Ewropew** għandu jimmira aħjar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jgħin lill-Istati Membri jiprijoritizzaw finanzjament adegwat għall-kura bħala investiment produttiv u sostenibbli aktar milli piż ekonomiku.

⁽¹³⁾ European Charter for Family Carers (Karta Ewropea għall-Persuni li Jindukraw lill-membri tal-familja): <https://coface-eu.org/european-charter-for-family-carers/>

⁽¹⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-drittijiet tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 7).

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Strateġija dwar il-forza tax-xogħol u l-kura fil-qasam tas-saħħa għall-futur tal-Ewropa" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 37).

⁽¹⁶⁾ OECD (2019), Improving healthcare quality in Europe – Characteristics, effectiveness and implementation of different strategies (It-titjib tal-kwalità tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa – Karatteristiċi, effettività u implimentazzjoni ta' strateġiji differenti).

4.4. Wara l-adozzjoni taż-żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, il-miżuri u l-linji gwida għandhom **jigū integrati malajr fil-politika nazzjonali u fl-oqfsa legali**. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-koordinaturi nazzjonali tal-kura fit-tul biex tiġi żgurata l-koerenza u biex il-kura tiġi integrata f'oqfsa oħra, ministeri u livelli ta' governanza, li jmorru lil hinn mill-politiki soċjali u tas-saħħa (akkomodazzjoni, trasport, enerġija, ekonomija, eċċ.).

4.5. L-għażla tar-riskji bil-għan li jigū eliminati dawk mhux mixtieqa, il-kummerċjalizzazzjoni u l-massimizzazzjoni tad-dħul u l-qligħ a skapitu tal-kura u s-saħħa jistgħu jaggravaw l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-kura. Huma meħtieġa miżuri ta' kontroll proporzjonati biex jigū evitati prattiki ħżiena għas-saħħa u biex jigū żgurati garanziji b'saħħithom ta' servizzi ta' kwalità għolja u użu tajjeb tal-fondi pubbliċi. Il-kura fit-tul u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fil-livell tal-Istati Membri jeħtieġu **sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom u servizzi pubbliċi ta' kwalità bbażati fuq is-solidarjetà, l-investiment soċjali u atturi tal-ekonomija soċjali** – eż. assoċjazzjonijiet mutwi – biex jigū pprovduti diversi tipi ta' sistemi ta' finanzjament u tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż għall-kura fil-komunità u kura fid-djar minn **indokraturi mħarrġa b'mod adegwat** ⁽¹⁷⁾. Biex jigū ffinanzjati d-dispożizzjonijiet, għandhom jigū previsti alternattivi għall-kontribuzzjonijiet soċjali ⁽¹⁸⁾. L-inkorporazzjoni ta' appoġġ volontarju minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jibbenefikaw kemm is-sistema tal-kura kif ukoll tas-saħħa għandha tiġi kkunsidrata, iżda mhux bħala miżura ta' tnaqqis tal-ispejjeż.

4.6. Fir-rigward tal-kompetenzi nazzjonali u s-sussidjarjetà, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li **s-servizzi ta' kura ta' kwalità għolja** żviluppjati mill-Istati Membri huma **inklużivi**. L-Istrateġija jeħtieġ li tiżgura li kull persuna fil-bżonn ta' kura jkollha aċċess sħiħ u ugwali għas-servizzi, b'mod partikolari permezz ta' oqfsa ta' kwalità b'saħħithom u vinkolanti. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil gruppi li huma tipikament esklużi bħal persuni Rom, migranti eċċ., u l-effett ta' diskriminazzjoni intersezzjonali u strutturali. Dan ifisser ukoll li l-infrastruttura tal-kura ssir aċċessibbli f'żoni remoti u f'żoni b'densità baxxa ta' popolazzjoni.

4.7. **L-investiment fl-infrastruttura diġitali** jista' jiffaċilita l-ippjanar u l-għoti effettivi tal-kura, il-ħżin, l-iskambju u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni bejn fornituri differenti tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali, li jippermetti l-monitoraġġ effettiv ta' aċċess ta' kwalità u ugwali. Diversi opportunitajiet, bħat-teknoloġija assistiva, il-miżuri ta' prevenzjoni, ir-robotika, it-telesaħħa u aktar, jekk ikunu kompletament inklużivi u aċċessibbli, jistgħu jappoġġjaw is-sensibilizzazzjoni, il-kontinwità, il-koordinazzjoni u l-kwalità għolja tas-servizzi tal-kura.

4.8. Ir-Rakkomandazzjoni proposta dwar il-kura fit-tul tinnotta li s-sistemi jridu **jaqdu wkoll il-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-persuni b'diżabbiltà**, filwaqt li tirreferi b'mod ċar għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-fondi tal-UE mobilizzati taħt l-Istrateġija jirrispettaw l-oġettiv tad-deistituzzjonalizzazzjoni u jappoġġjaw l-inklużjoni permezz tal-iżvilupp ta' servizzi bbażati fil-komunità b'forza tax-xogħol imħarrġa sew ⁽¹⁹⁾. Il-KESE jtenni l-ħtieġa li jigū appoġġjati t-tfal u l-ġenituri b'diżabbiltà ⁽²⁰⁾, u jilqa' din l-enfasi fir-Rakkomandazzjoni dwar l-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal.

5. Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal

5.1. **Il-KESE jappoġġja r-reviżjoni tal-miri ta' Barcellona** biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' kura tat-tfal aċċessibbli, affordabbli, inklużiva u ta' kwalità. L-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-miri għandhom jikkonċentraw aktar fuq il-provvista ta' standards ta' kwalità u l-iżvilupp ta' forom differenti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal skont il-gruppi ta' etajiet differenti. Il-miri dwar iż-żieda fid-disponibbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal iridu jimxu id f'id ma' **oqfsa ta' assigurazzjoni tal-kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti**. L-Istati Membri għandhom jaħdmu fuq **indikaturi biex jimmonitorjaw l-aċċess** għall-mudelli tal-kura skont il-preferenzi u d-differenzi nazzjonali, filwaqt li jissodisfaw l-oġettivi, il-kwalità u standards oħra tal-miri riveduti.

⁽¹⁷⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-impatt tal-investimenti soċjali fuq l-impjiegi u l-fondi pubbliċi" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 226, 16.7.2014, p. 21).

⁽¹⁸⁾ Event report: European Care systems: Solidarity and sustainability — friends or foes? (Rapport dwar l-avveniment: Is-sistemi tal-kura tal-Ewropa: Solidarjetà u sostenibbiltà — ħbieb jew għedewwa?): <https://www.aim-mutual.org/mediaroom/event-report-european-care-systems-solidarity-and-sustainability-friends-or-foes/>

⁽¹⁹⁾ Grupp Ewropew ta' esperti dwar it-tranżizzjoni tal-assistenza f'istitut lejn l-assistenza fil-komunità, EU Guidance on independent living and inclusion in the community (Gwida tal-UE dwar l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità), uEU Funds. Checklist to promote independent living and deinstitutionalisation (Fondi tal-UE. Lista ta' kontroll għall-promozzjoni tal-għajxien indipendenti u d-deistituzzjonalizzazzjoni).

⁽²⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol tal-membri tal-familja li jipprovdu l-kura lill-persuni b'diżabbiltà u lill-anzjani: l-isplużjoni tal-fenomeni matul il-pandemija" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 75).

5.2. Il-KESE jilqa' s-sejħa biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jkollhom **intitolament legali** li jaċċessaw servizzi ta' kwalità, u l-interazzjoni tal-Istrateġija mal-**Garanzija Ewropea għat-Tfal**, li tmexxi 'l quddiem l-**approċċ multiġenerazzjonali** tagħha, li huwa kruċjali għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-benesseri tal-familja. L-aċċess liberu għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għall-familji fil-bżonn għandu jiġi s-supplimentat minn sett ta' miżuri li jinkludu ikliet b'xejn, prodotti tal-iġjene mingħajr ħlas (eż. ħrieqi), u assistenza fl-iżvilupp fiżiku u mentali (hillet motorji fini, terapija tad-diskors u tal-lingwa, eċċ.).

5.3. Il-KESE jilqa' r-referenzi għall-**oqfsa tal-ugwaljanza tal-UE u għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli**, biex jinħolqu sistemi inklużivi li jirrispettaw il-forom kollha tal-familja. L-azzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti għandhom jinkludu sensibilizzazzjoni, taħriġ għall-persunal dwar id-drittijiet tal-utenti tas-servizz u dwar l-inklużjoni u l-preġudizzju. Il-KESE jilqa' b'mod partikolari l-proposti li jkun hemm proporzjonijiet adegwati bejn l-għadd ta' tfal u l-għadd tal-persunal, li jiġi pprovdut taħriġ professjonali kontinwu tal-persunal, u l-inklużjoni ta' rekwiżiti ta' ħin fl-indikaturi, li huma partikolarment rilevanti għat-tfal b'diżabbiltà li spiss jistgħu jaċċessaw l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal b'mod parzjali biss.

5.4. Il-**mudelli ta' Prattiki tajba tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal** jeħtieġ li jkunu fil-qalba tal-miżuri biex tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, appoġġjata minn politiki sottonazzjonali u oqfsa ta' finanzjament, bl-allokazzjoni ta' baġits speċifiċi biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' dawk li jirċievu l-kura u ta' dawk li jipprovdu l-kura, u billi jiġu ttestjati forum ġodda ta' servizzi ta' kura. Id-drittijiet tat-tfal għandhom jibqgħu ċentrali. It-tfal jeħtieġu ambjent san u tat-trawwim fl-ewwel snin tagħhom, kemm jekk permezz ta' kura tal-familja kif ukoll jekk permezz ta' kura professjonali; għalhekk għandhom ikunu disponibbli **mudelli differenti ta' kura** (ċentri ta' matul il-jum, nurseries fuq il-post tax-xogħol, tfal li jieħdu ħsieb it-tfal, assistenti li jipprovdu l-indukrar, gruppi tal-logħob, kura barra mill-iskola), filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' tfal ta' etajiet differenti.

6. Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-kura fit-tul

6.1. Il-KESE jappella għal **Pjani ta' Implimentazzjoni b'saħħithom** li jkopru l-ispettru sħiħ tal-kura fit-tul. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tifformalizza l-kooperazzjoni billi tistabbilixxi **Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-kura fit-tul**, li jlaqqa' flimkien l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-koordinaturi nazzjonali, il-benefiċjarji tal-kura fit-tul, b'mod partikolari l-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà u esperti u prattikanti rilevanti oħra. Tista' tinħoloq **pjattaforma pubblika** online biex tiġbor id-data u r-riċerka u trawwem il-kondiviżjoni ta' prattiki tajba, li sservi ta' informazzjoni għall-ħidma tal-grupp.

6.2. Il-KESE adotta diversi **Opinjonijiet dwar l-għoti ta' kura fl-UE** ⁽²¹⁾, li fihom jenfasizza l-bżonn ta' investiment f'kura ta' kwalità għolja, sostenibbli u aċċessibbli għal kulħadd. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu **massimizzati l-komplementarjetà u s-sinerġija bejn il-fornituri tal-kura u tas-saħħa kollha kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat** (għal skop ta' qligħ jew mingħajr skop ta' qligħ) biex tinkiseb kopertura għal kulħadd, u li jitqiesu l-aħjar prattiki fl-Istati Membri.

6.3. Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent fil-proposta dwar il-kura fit-tul tal-importanza tal-**atturi tal-ekonomija soċjali bħala fornituri tas-servizzi**. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora aktar modi kif toħloq linji strutturati ta' komunikazzjoni bejn l-atturi tal-ekonomija soċjali u l-istituzzjonijiet Ewropej fl-isparzju tal-politika dwar il-kura fit-tul.

6.4. Il-KESE jinnota l-importanza tad-diversi inizjattivi fl-ambitu tat-**tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali** biex jintuża l-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji biex jinħoloq, jiġi kkunsidrat mill-ġdid u jiġi rinnovat l-istokk tad-djar b'mod aktar inklużiv u sostenibbli.

(21) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017) 252 final) — "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE" (COM(2017) 253 final — 2017/0085 (COD)) (ĠU C 129, 11.4.2018, p. 44); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-drittijiet tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 7); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-garanzija ta' l-aċċess ġenerali għall-kura fit-tul u l-finanzjament sostenibbli ta' sistema tal-kura fit-tul għall-anzjani (ĠU C 204, 9.8.2008, p. 103); Fuljett dwar It-tibdil ekonomiku, teknoloġiku u soċjali tas-servizzi avvanzati tas-saħħa għall-anzjani; Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tibdil ekonomiku, teknoloġiku u soċjali tas-servizzi avvanzati tas-saħħa għall-anzjani" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 240, 16.7.2019, p. 10); l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Lejn mudell ġdid ta' kura għall-anzjani: Nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 19).

6.5. **Il-mudelli ta' prattika tajba dwar il-kura fit-tul** jistgħu jinkludu appoġġ għad-djar aktar strutturat u effiċjenti, kif ukoll alternattivi ġodda ta' akkomodazzjoni, bħal akkomodazzjoni protetta, sorveljata jew ibbażata fil-komunità, unitajiet ta' koabitazzjoni jew alternattivi oħra, skont il-ħtiġijiet u l-preferenzi ta' dawk li jirċievu l-kura, u abbażi ta' oqfsa ta' kwalità approvati legalment. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll **tipi oħra ta' mudelli ta' kura** sabiex ikopru l-ispettru sħiħ ta' kura f'approċċ integrat bħall-appoġġ għas-saħħa mentali, iċ-ċentri tal-familja, il-gruppi ta' appoġġ għall-ġenituri, u l-appoġġ għall-akkomodazzjoni għal żmien qasir b'mod li jiffaċilita t-tranżizzjoni minn mudell għal ieħor b'varjazzjoni fl-intensità jew fin-natura tas-servizzi meħtieġa, mingħajr ma tiġi mfixkla l-kontinwità tal-kura.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura”**(COM(2022) 304 final — 2022/0195 (COD))**

(2023/C 140/08)

Relatur: **Arnold PUECH d’ALISSAC**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 11.7.2022 Parlament Ewropew, 14.7.2022
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	10.1.2023
Adozzjoni fil-plenarja	25.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	201/4/11

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew li l-approċċ u l-miżuri li ttieħdu s’issa favur il-bijodiversità mhumiex effettivi u jilqa’ l-oġġettiv ġenerali tar-Regolament propost li jiżdiedu l-isforzi fir-restawr tan-natura sabiex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u biex il-bijodiversità tal-Ewropa titqiegħed fit-triq tal-irkupru. L-Istati Membri għalhekk se jkunu soġġetti għal obbligi legalment vinkolanti. Il-KESE jinnota li l-approċċ adottat huwa konformi mad-deċiżjonijiet tal-COP15 f’Montreal.

1.2. Madankollu, il-KESE għandu għadd ta’ kummenti u tħassib dwar il-formulazzjoni tal-oġġettivi u l-metodoloġija ddefiniti mill-Kummissjoni. L-aktar nuqqas serju huwa li l-impatt ekonomiku tal-miżuri li bilfors iridu jittieħdu fuq l-utenti tal-art, l-aktar dawk privati, kważi ma jitqiesx. Il-KESE diġà ddikjara fl-Opinjoni tiegħu dwar l-Istrategġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 “li l-bdiewa u s-sidien tal-foresti ma jstgħux ikunu mistennija jgħorru l-piż finanzjarju għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Minflok, li huma jipprovdu “valuri u beni pubbliċi” għandha tkun opportunità interessanti ta’ sors ta’ introjtu għalihom. Iqis li attenzjoni konkreta għal din il-kwistjoni tista’ tiġi inkluża fil-Pjan ta’ Rkupru Ekonomiku l-ġdid permezz ta’ investimenti mmirati biex jiproteġu dak li jinsab fl-istrategġija permezz ta’ persunal u mezz (¹). La l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri ma ħadu azzjoni fuq din ir-rakkomandazzjoni. F’Opinjoni preċedenti, il-KESE kkritika, fost affarijiet oħra, in-nuqqas ta’ finanzjament diżastruż tal-miżuri fir-rigward tan-Natura 2000. Il-Kumitat jemmen bis-sħiħ li l-approċċ il-ġdid adottat mill-Kummissjoni se jerġa’ jfalli jekk ma jkunx hemm biżżejjed fondi disponibbli. Dan huwa essenzjali sabiex jiġi kkompensat it-telf finanzjarju (kif ukoll biex jiġu ppremjati s-servizzi tal-bijodiversità) li l-utenti tal-art se jgħarrbu meta jestendu l-użu tal-art tagħhom sabiex jiprovdu għal aktar “bijodiversità”. Għalhekk, il-KESE jitlob li jinħoloq fond Ewropew iddedikat għall-bijodiversità u li jiġu esplorati modi ġodda għad-diversi politiki tal-UE (PAK, enerġija, akkomodazzjoni, trasport, eċċ.) biex jgħinu fit-tilħiq tal-oġġettivi vinkolanti tar-Regolament.

1.3. Fir-rigward tal-aspetti finanzjarji, il-KESE jappella għal valutazzjoni minn qabel tal-erja eżatta tal-art agrikola, il-foresti u x-xmajjar koperti mill-proposti fir-Regolament. Barra minn hekk, il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħtieġa finanzjarja li tirriżulta mill-ħtieġa ta’ kumpens b’mod partikolari lill-bdiewa u s-sidien tal-foresti fil-periklu li jitilfu ż-żoni ta’ produzzjoni tagħhom kompletament.

(¹) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Strategġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 — Inreġġgħu n-natura lura f’haġġitna” (COM(2020) 380 final) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 259).

1.4. Għalkemm ir-restawr tan-natura huwa meħtieġ f'żoni protetti minħabba d-deterjorament tal-kundizzjoni tagħhom, mhux iż-żoni kollha restawrati jistgħu, u lanqas ma għandhom, isiru żoni protetti. Għalkemm il-KESE jqis li huwa "essenzjali li xi partijiet miż-żoni protetti għandhom ikunu soġġetti għal protezzjoni rigoruża (ġestjoni mingħajr intervent)" ⁽²⁾, huwa saħansitra aktar importanti li jiġu żgurati użi li jippreservaw il-bijodiversità fit-territorju kollu. Fil-biċċa l-kbira taż-żoni, l-għan għandu jkun li jiġu restawrati l-ekosistemi tagħhom sabiex ma jiġix eskluż l-eżerċitar tal-attività ekonomika speċifika u adattata. Fil-fatt, l-agrikoltura u l-forestrija estensivi kkontribwew għal-livell għoli ta' bijodiversità li llum jeħtieġ li tiġi protetta. Dawn il-forom estensivi ta' agrikoltura u forestrija, li llum il-ġurnata qed jiġu abbandunati aktar minħabba l-vijabbiltà ekonomika baxxa tagħhom, għandhom għalhekk jiġu appoġġjati addizzjonalment ⁽³⁾. Għaldaqstant, ir-riabilitazzjoni hija terminu xjentifiku aktar adattat li jintuża wkoll fil-politiki, maħluq biex jiżgura bilanċ bejn l-għajxien u l-produzzjoni. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li t-terminu "restawr" ma jibqax jintuża u li tintuża "riabilitazzjoni" ⁽⁴⁾ minflok, speċjalment peress li n-natura mhijiex xi ħaġa statika li tista' tiġi "restawrata" għall-istat oriġinali tagħha daqslikieku hija dar jew karozza mitluqa. Fil-fatt, ħafna studji juru li l-miżuri ta' restawr tal-ambjent selvaġġ, pereżempju għat-torbieri, f'ħafna każijiet jippreżentaw spejjeż sinifikanti mingħajr ma verament ikunu jistgħu jiżguraw restawr reali sħiħ tal-"istat oriġinali". Din l-osservazzjoni hija riflessjoni semantika: l-oġġettiv tar-Regolament m'għandux ikun proċess biex l-ambjenti jitreġġu lura għall-istat naturali tagħhom imma li jiġu restawrati s-servizzi tal-ekosistema tagħhom, u għalhekk, li jiġi appoġġjat l-użu sostenibbli u multifunzjonali ta' dawn iż-żoni. Peress li l-bnedmin immodifikaw il-kuntest naturali matul is-snin, huwa xjentifikament impossibbli li jintlaħaq "restawr tan-natura". It-tibdil progressiv fil-klima jista' jkun ukoll fattur għalix il-kundizzjonijiet ta' xi ekosistemi mill-passat ma jistgħux jibqgħu jinkisbu b'mod sħiħ. Min-naħa l-oħra, l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-ambjenti permezz tal-promozzjoni għas-sostenibbiltà tas-servizzi tal-ekosistema huwa oġġettiv realistiku. Il-KESE jixtieq jara qafas ta' politika adattat; f'dan ir-rigward, id-dokument tal-Kummissjoni huwa diżappuntanti.

1.5. Skeda ta' żmien fissa u limiti riġidi ma humiex adattati sew għall-karatteristika imprevedibbli tan-natura. L-impożizzjoni ta' skadenzi stretti fuq l-Istati Membri hija adattata biss f'termini ta' kundizzjonijiet amministrattivi u tal-ippjanar li għandhom jiġu stabbiliti. Madankollu, huwa meħtieġ approċċ flessibbli biex jitqiesu l-ħtiġijiet, il-kundizzjonijiet, l-opportunitajiet, il-produzzjoni u l-istatus tal-introjtu preċiżi, u l-punt tat-tluq ta' kull żona naturali. Ir-Regolament propost mhuwiex ċar dwar il-prijoritizzazzjoni u l-allokazzjoni ta' miżuri ta' restawr li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri, u għalhekk, jpoġġi f'riskju l-kisba ta' riżultati ta' kwalità għolja b'mod kosteffettiv. It-tehdid ta' deċizzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri huwa prinċipju ġustifikat b'mod ċar peress li jiżgura wkoll ir-rispett tad-drittijiet tal-proprjetarji tal-art u jirrifletti l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

1.6. Id-dokument tal-Kummissjoni huwa diżappuntanti fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt ġenerali, li għandha tiffoka b'mod speċjali fuq kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u tal-ikel, u għalhekk il-KESE jappella għal valutazzjoni tal-impatt addizzjonali.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li żoni li jmissu ma' xulxin li fil-bidu ma jkunux produttivi iżda li huma wkoll rilevanti ħafna għall-bijodiversità għandhom jiġu inklużi fil-kopertura ta' 10%. Il-KESE jenfasizza li t-test jistabbilixxi oġġettivi partikolarment ambizzjużi għall-bdiewa, u jfakkar fl-importanza li jitqiesu l-ambjenti naturali kollha li jistgħu jospita l-ispeċi. Madankollu, huwa importanti li s-soċjetà kollha kemm hi tkun involuta fit-titjib tal-ekosistemi tagħna. F'dan ir-rigward, il-KESE jfakkar il-prinċipju tal-proporzjonalità tal-miżuri (distribuzzjoni ġusta tal-piżijiet u l-ispejjeż, iżda wkoll tal-benefiċċji) bejn id-diversi partijiet interessati.

1.8. Il-KESE jappoġġja l-oġġettiv stabbilit peress li huwa ambizzjoni strateġika għall-futur tal-UE, u jirrakkomanda li jissaħħu l-oġġettivi billi jitħeġġeġ, speċjalment permezz tal-attivitàjiet agrikoli estensivi, ir-restawr tal-ambjenti akwatiċi kollha, inkluż it-tixrib mill-ġdid tat-torbieri, filwaqt li tkun żgurata s-sostenibbiltà soċjali u ekonomika tal-agrikoltura u l-forestrija.

1.9. Il-KESE huwa konxju li neħtieġu politika tal-ilma kompletament ġdida fl-Ewropa. Il-politika tal-iskular tal-ilma mill-pajsaġġi malajr kemm jista' jkun, ippraktikata għal sekli sħaħ, kellha ħafna konsegwenzi negattivi għall-bijodiversità, iżda sadanittant — parzjalment b'riżultat tat-tibdil fil-klima — l-impatt negattiv fuq il-forestrija u l-agrikoltura (nixfa/nirien), u fuq ir-residenti (għarġar) sar evidenti wkoll. Il-KESE, għalhekk, jenfasizza li l-ilma għandu jerġa' lura fin-natura jew jinżamm hemmhekk, filwaqt li ma jiġix injorat il-fatt li l-azzjoni tal-bniedem tibqa' ta' benefiċċju f'ħafna sitwazzjonijiet, b'mod partikolari permezz tal-manutenzjoni tal-korsiji tal-ilma.

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 — Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna" (COM(2020) 380 final) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 259).

⁽³⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Il-benefiċċji tat-trobbija estensiva tal-bhejjem u l-fertilizzanti organiċi fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku.

⁽⁴⁾ Ir-riabilitazzjoni tfisser l-iffukar fuq ir-ristabiliment ta' ċerti funzjonijiet ekoloġiċi.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li jiġi limitat it-teħid tal-art askapitu taż-żoni naturali. Iħeġġeġ ukoll il-ħolqien ta' spazji ekoloġiċi fil-bliet u t-tneħħija tas-superfiċi li ma jiskulax minnhom l-ilma tax-xita fil-bliet, biex jittaffew b'suċċess l-effetti tat-tibdil fil-klima sal-2030.

1.11. Il-KESE jappoġġja t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' salvagwardja taħt il-Politika Komuni tas-Sajd fir-rigward tal-oġġettivi tar-restawr tal-ambjent tal-baħar. Huwa jinkoraġġixxi wkoll il-ħolqien ta' appoġġ finanzjarju Ewropew biex jistimula t-ftitxija għal soluzzjonijiet innovattivi u t-titjib tal-għarfien dwar dawn l-ekosistemi.

1.12. Il-KESE jenfasizza li l-perspettiva ekonomika u soċjali trid tiġi rikonoxxuta bis-sħiħ fil-kuntest tar-restawr tan-natura. Ir-rikonoxximent u l-iżgurar tas-sostenibbiltà ekonomika u soċjali huma prerekwiżit għall-aċċettabbiltà tal-leġiżlazzjoni proposta u għall-implimentazzjoni b'suċċess tagħha peress li l-eżiti se jiddependu fil-biċċa l-kbira mill-motivazzjoni, l-appoġġ u l-involvement futur tas-sidien tal-art u atturi oħrajn fuq il-post. Huwa ta' importanza kbira li jiġu rispettati d-drittijiet tas-sidien tal-art permezz ta' komunikazzjoni miftuħa, involvement attiv u kumpens monetarju sħiħ tat-telf ekonomiku kollu possibbli. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza l-potenzjal ta' approċċi bbażati fuq azzjoni volontarja u inċentivi ekonomiċi.

1.13. Il-KESE jirrakkomanda li jiġi stabbilit appoġġ tal-UE għall-ħolqien u t-tħaddim tal-katini ta' valur, kemm fil-fażijiet upstream kif ukoll downstream fi ħdan is-settur, b'mod li jiġi sfruttat il-valur ekonomiku tal-agroforestrija.

1.14. Il-KESE jwissi kontra r-riskju ta' riperkussjonijiet negattivi fuq it-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet fis-settur agrikolu, u jirrakkomanda mill-ġdid⁽⁵⁾ li tissaħħaħ l-attrawenza tal-irħula u ż-żoni rurali billi jiġu żgurati l-possibbiltajiet għall-kontinwazzjoni ta' għajxien ekonomikament vijabbli bbażat fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali.

2. Introduzzjoni

2.1. F'kuntest globali ta' sejbiet xjentifiċi li jwissu dwar il-konsegwenzi tat-tiħin globali għall-futur tas-soċjetajiet tagħna, il-Kummissjoni Ewropea esprimiet l-impenn tagħha billi fasslet strateġija tal-bijodiversità b'miri ambizzjużi għall-Istati Membri kollha sal-2030 u l-2050. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat abbozz ta' Regolament dwar ir-restawr tan-natura. Filwaqt li l-konservazzjoni u r-restawr tan-natura fl-UE s'issa ġew inkwadri l-aktar mid-Direttivi dwar il-Habitats u dwar l-Għasafar u l-Miri ta' Aichi, il-Kummissjoni għażlet qafas vinkolanti ġdid biex tiżgura li l-miżuri ta' restawr jiġu implimentati b'mod effettiv mill-Istati Membri.

2.2. Fl-UE, il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ikkonfermat li llum 81 % tal-habitats protetti huma f'kundizzjoni ħażina. 9 % minnhom biss tjebu. Barra minn hekk, 84 % tat-torbieri — essenzjali għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju u għall-iffiltrar tal-ilma — għandhom status ta' konservazzjoni fqir. Matul l-aħħar għaxar snin, 71 % tal-ħut tal-ilma ħelu u 60 % tal-anfibji sofrew tnaqqis fil-popolazzjoni. Aktar minn nofs il-PDG globali jiddependi min-natura u s-servizzi li tipprovdi, u aktar minn 75 % tal-kultivazzjonijiet alimentari fid-dinja jiddependu fuq id-dakkir mill-annimali⁽⁶⁾.

2.3. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni proposta tal-UE tinkwadra fid-deċennju ta' azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għar-restawr tal-ekosistemi, li huwa mmexxi mill-UNEP u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa moviment globali vast biex jitħaffu l-proġetti ta' restawr u jiġi żgurat li d-dinja timxi fit-triq lejn futur sostenibbli. Ir-restawr ta' ekosistemi degradati huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, prinċipalment dawk relatati mat-tibdil fil-klima, il-qerda tal-faqar u s-sigurtà tal-ikel.

2.4. Waqt li fil-bidu nbena fuq strateġija għall-bijodiversità għall-2030 b'miri volontarji, l-approċċ tal-Kummissjoni ma damx ma ġie msaħħaħ bi proposti għal testi vinkolanti għall-Istati Membri. Bħall-komunità internazzjonali, il-Kummissjoni ġiet sfurzata tirreaġixxi malajr dwar is-sejbiet tat-tnaqqis tal-bijodiversità u l-konsegwenzi enfasizzati wkoll fil-pubblikazzjonijiet reċenti tal-IPCC. Għalhekk, f'nofs in-negozjati internazzjonali fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Kummissjoni għażlet li jkollha rwol ewlieni biex tqiegħed lill-Ewropa fit-triq lejn ir-restawr tal-ekosistemi kollha tagħha sal-2050.

⁽⁵⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq it-tiġdid ġenerazzjonali u Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq l-iżvilupp territorjali taż-żoni rurali.

⁽⁶⁾ IP/22/3746.

2.5. Għalhekk, il-proposta għandha l-għan li timponi miri legalment vinkolanti fuq l-Istati Membri. L-objettiv ġenerali huwa li tikkontribwixxi għall-irkupru kontinwu, fit-tul u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti fiż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni permezz tar-restawr tal-ekosistemi. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, mingħajr dewmien, miżuri ta' restawr effettivi u bbażati fuq iż-żona li flimkien għandhom ikopru, sal-2030, mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni u, sal-2050, l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr.

2.6. Dawn id-dispożizzjonijiet huma marbutin u jintegraw mal-miri stabbiliti fid-Direttivi dwar "il-Habitats" u dwar "l-Għasafar", id-Direttiva Qafas dwar l-ilma, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, ir-Regolament dwar l-ispeċijiet aljeni invażivi, fl-objettivi tal-PAK, l-objettivi tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi, kif ukoll fl-istrateġija l-għdida tal-UE għall-foresti għall-2030.

2.7. Dan it-test, li huwa maħsub biex jiġi integrat direttament fil-politiki nazzjonali tal-Istati Membri, huwa innovattiv peress li jindirizza kemm il-kwistjonijiet tal-klima kif ukoll tal-bijodiversità. Fil-fatt, filwaqt li l-politiċi ilhom li ġew mgħarrfa dwar l-isfidi tat-tisħin globali, kien biss dan l-aħħar li x-xjenzati enfasizzaw ir-rabta diretta bejn it-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi ewlenin fuq il-bijodiversità. B'mod li huwa pjuttost mingħajr preċedent, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi approċċ olistiku għall-kwistjonijiet u tmur lil hinn mill-politiki kompartmentalizzati li ġew segwiti s'issa.

3. Analiżi tal-abbozz ta' Regolament

3.1. Il-proġett iqajjem għadd ta' mistoqsijiet u tħassib profondi, kemm f'termini tal-għażla tal-miri li għandhom jintlaħqu fi żmien limitat kif ukoll f'termini ta' definizzjonijiet u indikaturi. Pereżempju, xi miżuri huma bbażati fuq kunċetti li ġejjin mil-liġi tan-natura. Għal fehim aħjar, l-abbozz ta' Regolament għandu għalhekk jirreferi għalihom. Barra minn hekk, il-punt sa fejn tiġi ppreservata s-sussidjarjetà tal-Istati Membri għandu jiġi ċċarat għal ċertu kontenut. B'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 10, li fih indikaturi għar-restawr tal-ekosistemi tal-foresti, ta' min jinnota li r-responsabbiltà għall-forestrija hija l-aktar tal-Istati Membri (7).

3.2. Hemm limiti għat-tfassil ta' opinjoni dwar abbozz ta' Regolament li għandu l-għan li jirrestawra l-istat tal-ekosistemi tal-Istati Membri mingħajr ma jkun magħrufa b'mod preċiż l-isfidi u l-isforzi li jridu jsiru mill-Istati Membri. Fil-fatt, l-abbozz tat-test jipprevedi l-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' "pjanijiet nazzjonali ta' restawr" li se jtfasslu fuq il-bażi tal-aħħar analiżijiet xjentifiċi nazzjonali.

3.3. Din l-ewwel osservazzjoni tagħmilha diffiċli li wieħed jesprimi opinjoni infurmata. It-termini magħżula fl-abbozz tar-Regolament huma tal-akbar importanza fl-armonizzazzjoni u l-istipular tal-bażi għall-miri li għandhom jintlaħqu għall-Istati Membri. Filwaqt li definizzjonijiet bħal "status favorevoli", "erja ta' referenza favorevoli" u "kwalità u kwantità suffiċjenti ta' habitat għal speċi" għandhom ikunu bbażati fuq lingwaġġ ta' kunsens xjentifiku, l-implimentazzjoni attwali tagħhom għandha limitazzjonijiet. Fil-fatt, wara dawn id-definizzjonijiet xjentifiċi jidher li hemm kunsiderazzjonijiet politiċi. Kif tagħżel "erja ta' referenza favorevoli"? Min se jiddetermina l-"kwalità u kwantità suffiċjenti ta' habitat għal speċi"? In-nuqqas ta' limitu ta' referenza preċedenti jillimita ċ-ċarezza tal-objettivi u l-espressjoni ta' opinjoni infurmata dwar it-test. Il-KESE jenfasizza li, fil-kwantifikazzjoni prevista fl-Artikolu 11 tal-Proposta għal Regolament, għandu jittieħed kont kemm tat-telf tal-bijodiversità f'perjodu ta' żmien (il-Kummissjoni b'mod arbitrarju tipproponi perjodu ta' 70 sena) kif ukoll tal-bidliet futuri probabbli fil-kundizzjonijiet ambjentali. Jeħtieġ li jiġi evitat ir-riskju li d-disparitajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-miżuri proposti jispiċċaw jirriżultaw f'distorsjoni tal-kompetizzjoni fost il-bdiewa tal-UE. Barra minn hekk, il-Proposta tipprevedi titjib kontinwu tal-ekosistema, li s-suċċess tiegħu għandu jiġi vvalutat kull tliet snin wara l-2030. Iżda x'se jiġri dwar l-ekosistemi li jstgħu jieħdu f'it jew wisq żmien biex jergħu lura lejn fejn għandhom ikunu? Huwa dubjuż jekk jistax jitkejjel titjib sinifikanti f'dawn il-perjodi qosra ta' rappurtar. L-Istati Membri mbagħad se jiġu kkundannati filwaqt li n-natura sempliċement teħtieġ aktar żmien biex tevvolvi?

3.4. Il-KESE jemmen li ż-żoni li jinsabu fin-network eżistenti ta' żoni protetti, speċjalment-siti Natura 2000, jeħtieġ li jingħataw prijorità għar-restawr biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' dawk iż-żoni. Dan jappoġġja bl-aħjar mod il-mira li tinkiseb kundizzjoni tajba tal-habitats elenkati fl-Anness I tad-Direttiva dwar il-Habitats. L-immirar ta' miżuri ta' restawr lejn żoni protetti mhux biss jiżgura l-benefiċċji dejjiema tal-miżuri ta' restawr, iżda jgħin ukoll biex jiġu evitati interessi konfliġġenti possibbli relatati mal-użu tal-art. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li r-rekwiżit wiesa' ħafna u strett ta' nondeterjorament fir-rigward tal-habitats li jinsabu wkoll barra min-network ta' żoni protetti huwa żbilanċjat u sproporzjonat.

(7) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-ġustizzja klimatika" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 81, 2.3.2018, p. 22) u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Dokument ta' Riflessjoni 'Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030'" (COM(2019) 22 final) (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 95).

3.5. Il-mekkaniżmu tar-responsabbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr u t-tilħiq tal-miri f'tit li xejn għandu dettalji dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miri. Dan in-nuqqas ta' preċiżjoni jqajjem tħassib dwar l-ekwità tal-miżuri bejn l-Istati Membri, setturi differenti u gruppi differenti ta' persuni. Filwaqt li l-għażla għal regolament għandha vantaġġi reali f'termini ta' armonizzazzjoni tal-isforzi bejn l-Istati Membri u li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, din ma tħallix biżżejjed lok għall-Istati Membri biex jieħdu deċiżjonijiet dwar ir-restawr abbażi tal-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom. Minkejja l-fatt li mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rappurtar għandu jakkumpanja l-miri, kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali għandu jiġi minimizzat. Il-mekkaniżmi nazzjonali u tal-UE eżistenti għal valutazzjoni u rappurtar kontinwi dwar il-progress għandhom jintużaw kemm jista' jkun.

4. L-isfidi għaż-żoni agrikoli u l-forestrija tal-UE

4.1. L-għanijiet ġenerali tar-restawr tal-ekosistemi agrikoli

Il-KESE jinnota li l-biċċa l-kbira tal-għanijiet tar-restawr jikkonċernaw art agrikola privata. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-oġġettivi tista' għalhekk tinkiseb biss bl-aċċettazzjoni sħiħa tal-bdiewa. Restrizzjonijiet regolatorji addizzjonali fil-ġestjoni, li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżdied il-bijodiversità fuq l-art agrikola, jistgħu madankollu jkunu piż addizzjonali għal attivitajiet agrikoli li diġà huma regolati ħafna. Il-KESE jenfasizza⁽⁸⁾ li l-bdiewa u s-sidien tal-foresti ma jistgħux ikunu mistennija jgħorru l-piż finanzjarju għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Minflok, li huma jipprovdu "valuri u beni pubbliċi" għandha tkun opportunità interessanti ta' sors ta' introjtu għalihom. Is-suċċess tal-għanijiet ta' restawr se jiddependi inevitabbilment minn appoġġ b'saħħtu u sostenibbli għall-irġiel u n-nisa li jaħdmu biex jitimgħu lill-Ewropa. Huwa preċiżament hawnhekk li l-Proposta tal-Kummissjoni hija diżappuntanti, peress li ma tindirizzax din il-kwistjoni ekonomika ewlenija, kif diġà ma għamlux l-istrategġija u l-programmi ta' azzjoni preċedenti tal-Kummissjoni dwar il-bijodiversità. Għalhekk, dan ir-Regolament x'aktarx huwa wkoll predestinat li jfalli.

4.2. Il-mira tat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati mill-ilma previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament

Din il-mira se jkollha impatti ekonomiċi sinifikanti fuq l-attivitajiet professjonali, u tikkonċerna b'mod speċjali ċerti reġjuni ta' xi Stati Membri. Għal dawk ir-reġjuni, il-mira proposta tista' tkun ambizzjuża wisq mill-perspettiva tal-ibbilanċjar ta' oġġettivi differenti. Il-KESE jirrimarka li t-tkomplija tal-użu produttiv tat-torbieri restawrati u mxarrbin mill-ġdid b'modi alternattivi tirrikjedi vijabbiltà ekonomika. Barra minn hekk, fid-dawl tal-iskeda ta' żmien biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, ġie stabbilit fl-2012, fi studju mwettaq mir-riċerkaturi dwar aktar minn 620 sit ta' restawr ekoloġiku fl-artijiet mistagħdra li, anki wara 100 sena, li dawn l-operazzjonijiet ma ppermettewx, bħala medja, l-irkuprar ta' bejn 65 % u 70 % tal-bijodiversità indiġena u tal-funzjonijiet idroloġiċi u ekoloġiċi varji (filtrazzjoni tal-ilma, ħażna tal-karbonju) meta mqabbel ma' ekosistema ta' referenza xierqa mhux iddegradata. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar il-perjodu ta' restawr previst mill-iskeda ta' żmien tal-Kummissjoni u l-oġġettiv ekoloġiku. Madankollu, filwaqt li t-torbieri jirrappreżentaw biss 3 % tal-wiċċ tad-dinja, jaqdbu terz tad-dijossidu tal-karbonju maqbud fil-ħamrija. Għalhekk huma jirrappreżentaw settur strateġiku ħafna għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

4.3. Il-mira li tiġi restawrata l-konnettività naturali ta' kanali tal-ilma kif stabbilit fl-Artikolu 7

Il-bidla negattiva tal-klima u l-problemi tal-ġestjoni tal-ilma qed joħolqu ambjent dejjem aktar degradat. L-ilma ma huwiex biss ta' interess u valur naturali, iżda wkoll kwistjoni ta' sostenibbiltà u għalhekk ta' sikurezza. Xi drabi hija kwistjoni ta' skular tal-ilma żejjed, drabi oħra taż-żamma tiegħu u ta' kif wieħed jgħin liċ-ċikli naturali. Il-KESE jaqbel li, sabiex tiġi restawrata l-konnessjoni naturali tax-xmajjar u l-funzjonijiet naturali tal-pjanuri tal-għargħar assoċjati, l-ostakli li jipprevjenu l-konnessjoni lonġitudinali u laterali tal-ilma taż-żona jistgħu jiġu ttrasformati, bil-kundizzjoni ta' superviżjoni teknika stretta. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għar-riskju tal-għargħar, li jista' jkun konsegwenza tat-tneħħija tal-infrastruttura tal-ilma. Ir-restawr tal-bijodiversità jeħtieġ l-ilma, għalhekk interventi strateġiċi jistgħu jipprovdu opportunità biex l-ilma jiġi ġestit u jiġi dirett lejn żoni fil-bżonn. Jeħtieġ li l-ilma jinżamm fil-pajsaġġ u li jiġi evitat milli jiċċirkola malajr wisq. Is-sajf tal-2022 kien eżempju ċar għall-Ewropa tar-riskji tan-nixfa li qed niffaċċjaw. Il-KESE jirrakkomanda li jkun hemm djalogu dwar dan is-suġġett bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-Istati Membri jitħeġġu biex jimplementaw proġetti ta' infrastruttura ekoloġika li jistgħu jgħinu biex il-protezzjoni mtejbja mill-għargħar tiġi kkombinata mal-preservazzjoni ta' żoni akwatiċi sensitivi u importanti għall-bijodiversità fil-livell Ewropew għall-iżvilupp ekonomiku u turistiku. F'dan ir-rigward, il-KESE jfakkar fil-każ tax-xmajjar bħad-Danubju u l-Elbe, fejn l-għargħar ikkawża ħsarat kbar⁽⁹⁾.

⁽⁸⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 — Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna" (COM(2020) 380 final) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 259).

⁽⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa" COM(2013) 249 final (ĠU C 67, 6.3.2014, p. 153).

4.4. Il-mira li jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinatari

Il-KESE ma jistax ma jappoġġjax din il-miżura, li tirrappreżenta sfida kbira għas-sigurtà tal-ikel. Madankollu, il-Kumitat jinnotta li l-abbozz ta' Regolament ma jipprevedi l-ebda miżura fir-rigward tar-riżorsi tal-ikel disponibbli għall-pollinatari. Il-vijabbiltà fit-tul ta' dawn l-ispeċijiet ma tistax tiġi żgurata mingħajr l-istabiliment ta' biżżejjed infrastrutturi li jipproduċu n-nectar biex jiġi żgurati sors ta' nutrizzjoni sostenibbli għall-pollinatari. Is-siti tal-bejtiet u ambjent mhux tossiku huma essenzjali wkoll.

4.5. L-għanijiet agrikoli msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament

Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-mira li 10 % taż-żona agrikola utilizzata tal-UE tkun tinkludi karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità għolja. Huwa partikolarment problematiku li, skont l-Anness IV, dawn iż-żoni ma jistgħux jintużaw għall-agrikoltura produttiva (inkluż ir-ragħa u l-produzzjoni tal-foraġġ). Wieħed ma għandux jinsa li f'ħafna żoni hija l-kultivazzjoni (b'mod partikolari, pereżempju, ir-ragħa fuq merġhat Alpini, merġhat tal-ħuxlief jew merġhat tal-ħsad) li tippermetti diversità bijoloġika kbira. Li tiġi eskluża l-ġestjoni f'dawn iż-żoni mill-bidu nett huwa eċċessiv; din il-kundizzjoni għandha titneħħa. Barra minn hekk, il-bidu tal-2022 fakkarna b'mod partikolari fl-importanza tas-sovranità tal-ikel biex niffaċċjaw ir-riskji multipli li għad iridu jiġu. Li jiġu koperti 10 % tal-erja agrikola utilizzata jiżgura titjib fil-bijodiversità essenzjali għall-produttività agrikola, iżda jwassal ukoll għal telf sinifikanti fir-rendiment. Il-mira ta' 10 % ma għandhiex tkun ikkonċentrata biss fuq l-irqajja' agrikoli iżda għandha tinkludi l-madwar tagħhom. Pereżempju, il-ġnub tat-toroq u l-ġnub tal-mogħdijiet rurali huma ta' interess kbir għall-bijodiversità. Dawn iż-żoni jistgħu jakkomodaw faxex ta' fjuri li huma favorevoli għall-pollinatari u għall-ispeċijiet awżiljarji tal-għelejje. Barra minn hekk, dawn l-elementi tal-pajsaġġ ikunu effettivi bis-sħiħ biss jekk ikunu organizzati f'network. Għalhekk, l-istudji juru l-interess li jiġu installati diversi kurituri ta' fjuri f'network, aktar milli roqgħa waħda kbira ta' fjuri. Fl-aħħar nett, il-KESE jinnotta wkoll li għandha tingħata attenzjoni ugwali lill-ambjenti naturali kollha sabiex l-ispeċijiet ħajjin kollha f'ambjenti differenti jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom. Pereżempju, il-venewwa jew l-alwetta ma għandhom kważi x'jigwadanjaw minn ringiela ta' sġajriet jew bordura madwar l-għelieqi. Il-politika ta' preservazzjoni għandha għalhekk tapplika għas-superfiċje jew għall-użu tas-superfiċje kollu, mhux biss dak agrikolu u tal-foresti, bil-għan li jitqiesu l-ħtiġijiet differenti tas-soċjetajiet tagħna.

4.6. Il-miri għall-foresti msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament

Ir-restawr tal-ambjenti tal-foresti degradati fl-Ewropa huwa sfida ewlenija għall-adattament tas-soċjetajiet tagħna għat-tibdil fil-klima, u għall-kontribut tal-attivitajiet ekonomiċi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-bijodiversità. L-għanijiet ġenerali tal-abbozz tar-regolament diġà qed jitwettqu fil-livell internazzjonali u huma parti minn approċċ globali fil-livell dinji. Il-KESE jappoġġja r-rieda politika tal-Kummissjoni li thegġegħ lill-Istati Membri biex jirrestawraw l-ambjent forestali tagħhom⁽¹⁰⁾. Madankollu, il-Kumitat jenfasizza li, minħabba l-kundizzjonijiet eteroġeni fil-foresti fl-Ewropa kollha, il-miżuri ta' restawr jistgħu jiġu adattati għall-kundizzjonijiet lokali dment li ma tiġix distorta l-kompetizzjoni bejn is-sidien tal-foresti Ewropej. Il-KESE jirrimarka wkoll l-importanza li dan ir-restawr jiġi integrat fil-kuntest tal-pajsaġġ taż-żoni ġeografiki kkonċernati bil-għan li jiġu ppreservati s-servizzi tal-ekosistema ta' dawn l-ambjenti, u li jitqiesu d-diżastri klimatiċi li l-Ewropa qed tesperjenza bħalissa (ħruq, nirien kbar ħafna, eċċ.). L-użu tal-art f'pajsaġġ huwa interkonness u għalhekk għandu jissodisfa kemm ir-rekwiżiti ambjentali kif ukoll dawk soċjoekonomiċi. Pereżempju, il-miżuri ta' riforestazzjoni askapitu tal-art agrikola jistgħu jirriżultaw f'telf ekonomiku għall-komunitajiet lokali u jistgħu ma jkunux sostenibbli, filwaqt li l-integrazzjoni ta' siġar indیgeni⁽¹¹⁾ f'approċċ agroforestali tista' tkun aktar xierqa u tiġġenera appoġġ lokali. Għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri jiġu ggwidati lejn approċċi li jikkombinaw il-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-iżvilupp ekonomiku. It-tilħiq tal-oġettivi tal-forestrija mhux se jkun possibbli mingħajr appoġġ sostenibbli għall-ħolqien u t-tħaddim tal-katini ta' valur, kemm fil-fażijiet upstream kif ukoll downstream fi ħdan is-settur, b'mod li jiġi sfruttat il-valur ekonomiku tal-agroforestrija.

5. L-isfidi għaż-żoni urbani tal-UE

5.1. L-isfida tal-introduzzjoni mill-ġdid tan-natura fil-bliet hija għan ewleni li l-KESE jappoġġja. Ma hemmx dubju dwar l-importanza li l-bliet Ewropej tagħna jkunu aktar ekoloġiċi favur il-benesseri taċ-ċittadini tagħna u s-sostenibbiltà tal-bijodiversità tagħna. It-temperaturi sħan esperjenzati fl-Ewropa f'Lulju 2022 ifakkruna fir-rwol essenzjali tas-siġar fit-tnaqqis tat-temperatura fil-bliet. Fil-fatt, is-siġar jippermettu tnaqqis sa 12 °C fit-temperatura taż-żona.

5.2. Barra minn hekk, il-bliet Ewropej illum ikopru żoni konsiderevoli li jxekklu l-moviment tal-ispeċijiet u jagħmlu ħsara lill-ambjent naturali tagħhom. Huwa essenzjali li l-Istati Membri jiġu ggwidati lejn miżuri li jillimitaw it-teħid taż-żoni naturali għal użu ieħor. Dawn il-miżuri ma għandhomx ikunu bbażati fuq programmi li jipproponu tpartit tal-art.

⁽¹⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima" (COM(2021) 568 final — 2021/0206 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 158).

⁽¹¹⁾ Siġar li jgħixu f'żona kolonizzata mill-ispeċi tagħhom stess, mingħajr għajnuna umana.

5.3. Fl-aħħar nett, l-għan tar-restawr tal-bijodiversità għandu jissaħħa fil-bliet permezz tal-istabbiliment ta' infrastruttura ekoloġika bħala parti integrali mill-iżvilupp ta' żoni ta' habitats. Il-parks, it-trejqiet, kif ukoll il-bjut u l-ħitan bil-pjanti jtejbu l-klima urbana bi spiża aktar baxxa. F'dan ir-rigward, il-KESE jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet li saru fl-Opinjoni NAT/607⁽¹²⁾.

6. Sfdi għall-ambjent tal-baħar tal-UE

6.1. Il-miri tar-restawr tal-baħar huma essenzjali għall-preservazzjoni tal-bijodiversità, minħabba l-għadd ta' speċijiet u ekosistemi li huma jappoġġjaw u l-importanza strateġika tagħhom fid-dawl tat-tibdil fil-klima. Il-KESE jappoġġja l-miri proposti għar-restawr ta' dawn l-ambjenti fejn l-attivajiet tal-bniedem urew li wasslu għal żbilanċ fl-ekosistemi. Minbarra l-protezzjoni tal-ispeċijiet u r-restawr tal-habitats, għandhom jiġu adottati wkoll miżuri responsabbli għas-sajd u t-tnaqqis tat-tniġġis. Il-KESE jappoġġja t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' salvagwardja taħt il-Politika Komuni tas-Sajd għall-ġestjoni tal-impatti negattivi fuq l-ambjent. Fil-fatt, it-tilħiq tal-obiettivi għall-ambjent tal-baħar jitlob li l-Istati Membri jaqblu li flimkien jimmaniġġjaw ir-riżorsi tas-sajd. Madankollu, minħabba l-importanza tal-azzjoni favur dawn is-setturi, il-Kummissjoni għandu jkollha l-kapaċità li tintervjeni biex tiżgura li jintlaħqu l-miri tal-protezzjoni u r-restawr.

6.2. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza r-rwol vitali tal-ambjent tal-baħar fil-għieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-preservazzjoni tal-kapaċità tal-qbid tal-karbonju tal-oċeani hija strateġika għall-futur tagħna. Għalhekk, l-UE għandha tipprovi appoġġ finanzjarju għall-innovazzjoni u r-riċerka sabiex tinkoraġġixxi t-tfittxija għal soluzzjonijiet innovattivi u t-titjib tal-għarfien ta' dawn l-ekosistemi. Pereżempju, ix-xogħol wera l-importanza ta' ilmijiet kostali baxxi bħala habitats kritiċi għal ħafna speċijiet ta' ħut, li jikbru hemmhekk qabel imorru lura fiż-żoni tal-ħajja adulta tagħhom. Madankollu, dawn iż-żoni ħafna drabi jiġu degradati mill-iżvilupp taż-żoni kostali (portijiet, imbankmenti, eċċ.) u għalhekk jirrikjedu t-tfittxija għal soluzzjonijiet ġodda. Kien għalhekk li saru l-esperimenti li kellhom l-għan li jiffissaw skolli u ġew mgħarrqa qigħan tal-ħaxix artifiċjali fiż-żona ta' ankraġġ fil-port ta' Toulon u fil-port l-antik ta' La Seyne-Sur-Mer. L-isfida ekoloġika ġenerali ta' din l-azzjoni hija li l-funzjonijiet ekoloġiċi tal-ambjent kostali jergħu jingħataw il-ħajja.

7. L-isfidi finanzjarji tar-restawr tan-natura

7.1. Il-KESE jenfasizza r-rieda politika notevoli li wriet il-Kummissjoni b'dan ir-Regolament ambizzjuż u innovattiv għall-UE. Madankollu, ifakkar li r-rieda politika se jkollha l-limiti tagħha meta ma tkunx appoġġjata minn ambizzjoni finanzjarja proporzjonata mal-impnjen. Bħala tali, il-ħidma tal-Kummissjoni biex tiċċara aktar l-ispejjeż potenzjali tar-restawr tal-ekosistema tipprovi l-ewwel viżjoni tal-impenn li l-Istati Membri se jkollhom juru, iżda tqajjem mistoqsijiet. Fil-fatt, din il-ħidma tindika proporzjon ta' spejjeż/benefiċċji minn 1 sa 8 għall-preservazzjoni tal-bijodiversità iżda ma tinfermanix dwar l-impatt ekonomiku, soċjali u kulturali tat-tilħiq tal-għanijiet. X'se jkun l-impatt ekonomiku u soċjali tal-miżuri ta' restawr implimentati fuq l-art? Il-KESE jitlob li ssir valutazzjoni minn qabel tal-erja eżatta tal-art agrikola, tal-foresti u tax-xmajjar li se tiġi koperta mill-proposti tar-Regolament. Il-KESE jfakkar ukoll fir-rimarki li saru fl-Opinjoni NAT/786⁽¹³⁾ fejn issemmwet ħtiġijiet finanzjarji li jikkorrispondu mal-isfidi. Pereżempju, in-network Natura 2000, li joffri opportunità unika fl-Ewropa biex tittejjeb il-kwalità ta' ambjenti naturali eċċellenti, jipprovi biss 20 % tal-fondi mwiegħda u meħtieġa għall-miżuri. Il-KESE jagħti attenzjoni partikolari lill-impnjen finanzjarji mħabbra mill-Kummissjoni. Huwa jtenni l-importanza li jiġu pprovduti fondi li jlaħħqu mal-aspettattivi, inkella regolamentazzjoni addizzjonali ma għib l-ebda riżultat.

7.2. Il-KESE jwissi kontra r-riskju li l-ġenerazzjonijiet fis-settur agrikolu ma jiġux imġedda. L-implimentazzjoni ta' miri li ma jistgħux jiġu rikolonċijati mar-realtà tal-ħajja ta' azjenda agrikola se twassal għal diffikultajiet finanzjarji kbar għal dan is-settur li diġà qed ibati biex iġedded il-ħaddiema tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-impatt finanzjarju ta' dawn l-azjendi sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul, filwaqt li ssegwi l-evoluzzjoni ta' Prattiki li jqsu l-kwistjonijiet klimatiċi.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni L-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa" COM(2013) 249 final (ĠU C 67, 6.3.2014, p. 153).

⁽¹³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 — Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna" (COM(2020) 380 final) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 259).

ANNEX

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti mixħuta:

Punt 3.4

Emenda 11

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-Sezzjoni	Emenda
<p>Il-KESE jemmen li ż-żoni li jinsabu fin-network eżistenti ta' żoni protetti, speċjalment-siti Natura 2000, jeħtieġ li jingħataw prijorità għar-restawr biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' dawk iż-żoni. Dan jappoġġja bl-aħjar mod il-mira li tinkiseb kundizzjoni tajba tal-ħabitats elenkati fl-Anness I tad-Direttiva dwar il-ħabitats. L-immirar ta' miżuri ta' restawr lejn żoni protetti mhux biss jiżgura l-benefiċċji dejjiema tal-miżuri ta' restawr, iżda jgħin ukoll biex jiġu evitati interessi konfliġġenti possibbli relatati mal-użu tal-art. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li r-rekwiżit wiesa' ħafna u strett ta' nondeterjorament fir-rigward tal-ħabitats li jinsabu wkoll barra min-network ta' żoni protetti huwa żbilanċjat u sproporzjonat.</p>	<p>Il-KESE jemmen li ż-żoni li jinsabu fin-network eżistenti ta' żoni protetti, speċjalment-siti Natura 2000, jeħtieġ li jingħataw prijorità għar-restawr biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' dawk iż-żoni. Dan jappoġġja bl-aħjar mod il-mira li tinkiseb kundizzjoni tajba tal-ħabitats elenkati fl-Anness I tad-Direttiva dwar il-ħabitats. Attenzjoni speċjali għas-siti ta' Natura 2000 tista' tiżgura l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-ħabitats adottata fl-1992 u tista' tgħin ukoll biex jiġu evitati interessi konfliġġenti possibbli relatati mal-użu tal-art.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur	91
Kontra	108
Astensjonijiet	18

Punt 4.2

Emenda 12

Ibdel it-test kif ġej:

Opinjoni tas-Sezzjoni	Emenda
<p>Il-mira tat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati mill-ilma previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament</p> <p>Din il-mira se jkollha impatti ekonomiċi sinifikanti fuq l-attivitajiet professjonali, u tikkonċerna b'mod speċjali ċerti reġjuni ta' xi Stati Membri. Għal dawk ir-reġjuni, il-mira proposta tista' tkun ambizzjuża wisq mill-perspettiva tal-ibbilanċjar ta' objettivi differenti. Il-KESE jirrimarka li t-tkomplija tal-użu produttiv tat-torbieri restawrati u mxarrbin mill-ġdid b'modi alternattivi tirrikjedi vijabilità ekonomika. Barra minn hekk, fid-dawl tal-iskeda ta' żmien biex jintlaħaq dan l-objettiv, ġie stabbilit fl-2012, fi studju mwettaq mir-riċerkaturi dwar aktar minn 620 sit ta' restawr ekoloġiku fl-artijiet mistagħdra li, anki wara 100 sena, li dawn l-operazzjonijiet ma ppermettewx, bħala medja, l-irkuprar ta' bejn 65 u 70 % tal-bijodiversità indiġena u tal-funzjonijiet idroloġiċi u ekoloġiċi varji (filtrazzjoni tal-ilma, ħażna tal-karbonju) meta mqabbel ma' ekosistema ta' referenza xierqa mhux iddegradata. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar il-perjodu ta' restawr previst mill-iskeda ta' żmien tal-Kummissjoni u l-objettiv ekoloġiku. Madankollu, filwaqt li t-torbieri jirrappreżentaw biss 3 % tal-wiċċ tad-dinja, jaqbd u terz tad-dijossidu tal-karbonju maqbud fil-ħamrija. Għalhekk huma jirrappreżentaw settur strateġiku ħafna għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.</p>	<p>L-objettiv tat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati mill-ilma previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament</p> <p>Din il-mira se jkollha impatti ekonomiċi sinifikanti fuq l-attivitajiet professjonali, u tikkonċerna b'mod speċjali ċerti reġjuni ta' xi Stati Membri. Għal dawk ir-reġjuni, il-mira proposta jista' jkollha impatt partikolari mill-perspettiva tal-ibbilanċjar ta' objettivi differenti. Il-KESE huwa konxju tal-importanza speċjali tat-torbieri għall-bijodiversità u l-klima, u jqis il-miri stabbiliti mill-Kummissjoni (ir-restawr ta' 70 % tat-torbieri mnixxa, u f'dan il-kuntest, ir-riumedifikazzjoni ta' 50 % minnhom sal-2050^[3] bħala compromess bejn l-interessi ekonomiċi u l-interessi ekoloġiċi. Barra minn hekk, fid-dawl tal-iskeda ta' żmien biex jintlaħaq dan l-objettiv, ġie stabbilit fl-2012, fi studju mwettaq mir-riċerkaturi dwar aktar minn 620 sit ta' restawr ekoloġiku fl-artijiet mistagħdra li, anki wara 100 sena, li dawn l-operazzjonijiet ma ppermettewx, bħala medja, l-irkuprar ta' bejn 65 u 70 % tal-bijodiversità indiġena u tal-funzjonijiet idroloġiċi u ekoloġiċi varji (filtrazzjoni tal-ilma, ħażna tal-karbonju) meta mqabbel ma' ekosistema ta' referenza xierqa mhux iddegradata. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar il-perjodu ta' restawr previst mill-iskeda ta' żmien tal-Kummissjoni u l-objettiv ekoloġiku. Madankollu, filwaqt li t-torbieri jirrappreżentaw biss 3 % tal-wiċċ tad-dinja, jaqbd u terz tad-dijossidu tal-karbonju maqbud fil-ħamrija. Għalhekk huma jirrappreżentaw settur strateġiku ħafna għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur	99
Kontra	104
Astensjonijiet	18

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali”**(COM(2022) 659 final — 2022/0390 (COD))**

(2023/C 140/09)

Relatur: **Arnaud SCHWARTZ**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 8.12.2022
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	10.1.2023
Adottata fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	187/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-proposta għal Regolament dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi u jappella għall-adozzjoni rapida tagħha sabiex tiġi żgurata l-kontinwità mar-rekwiżiti fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi⁽¹⁾.

1.2. Il-KESE jemmen li s-settur tal-ikel għall-annimali domestiċi għandu rwol x'jaqdi fil-kontribut għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u li dawn il-miżuri ġodda ta' tikkettar se jagħmluha possibbli li jiġi żviluppat u msaħħaħ is-settur, kemm billi jinbiegħu prodotti lill-konsumaturi li joqogħdu attenti għall-orijini organika tax-xiri tagħhom kif ukoll billi jinħoloq valur miżjud għall-prodotti sekondarji organiċi. Dan se jippermetti lis-settur jikkontribwixxi, għalkemm moderatament, biex tintlaħaq il-mira ta' 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika sal-2030, kif minqax fl-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” u fl-Istrateġija għall-Bijodiversità u fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika.

1.3. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkomunikaw dwar dan ir-regolament ġdid u l-oġġettivi tiegħu sabiex ikomplu jsaħħu d-domanda tal-konsumaturi u l-fiduċja fil-prodotti organiċi.

1.4. Meta wieħed iqis li l-ikel għall-annimali domestiċi huwa maħsub biex jinbiegħ lill-konsumaturi, il-KESE jirrakkomanda li jiġi involut u kkonsultat is-settur tul il-ħidma leġiżlattiva relattiva għas-sostenibbiltà tal-prodotti tal-ikel, jiġifieri fejn jirrigwarda t-tikkettar ta' prodotti tal-ikel sostenibbli, il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u l-imballaġġ sostenibbli⁽²⁾.

2. Kuntest

2.1. Id-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022 tar-Regolament il-ġdid tal-UE dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi⁽³⁾ introduċa rekwiżiti stretti ta' tikkettar għall-ikel, l-għalf u l-ikel organiku għall-annimali domestiċi. Filwaqt li qabel l-ikel għall-annimali domestiċi, b'mod partikolari għall-qtates u l-klieb, seta' jiġi tikkettat bħala organiku meta mhux l-ingredjenti agrikoli kollha kienu organiċi, abbażi ta' regoli nazzjonali jew standards privati, mill-1 ta' Jannar 2022 dan it-tip ta' tikkettar m'għadux possibbli.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

⁽²⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Lejn qafas sostenibbli għat-tikkettar tal-ikel biex il-konsumaturi jiġu awtonomizzati jagħmlu għażliet sostenibbli tal-ikel” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 97).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

2.2. Fit-28 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea għalhekk ippubblikat proposta għal Regolament dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi⁽⁴⁾, bil-għan li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi ta' tikkettar għall-ikel tal-annimali domestiċi. L-għan huwa li l-ikel għall-annimali domestiċi, b'mod partikolari għall-qtates u l-klieb, ikun jista' jkollu l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jekk jissodisfa kriterji stretti definiti mil-leġislatur Ewropew.

2.3. Ir-regoli tat-tikkettar proposti għall-ikel organiku għall-annimali domestiċi jirriflettu r-regoli tat-tikkettar applikabbli għall-oġġetti tal-ikel: sabiex jiġu tikkettati bħala prodotti organiċi u sabiex ikollhom il-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, talinqas 95 %, fil-piż, tal-ingredjenti agrikoli jridu jkunu organiċi (jekk inqas minn 95 % tal-ingredjenti agrikoli huma organiċi, ir-referenza għall-produzzjoni organika ma tistax tintuża ħlief fil-lista tal-ingredjenti b'rabta mal-ingredjenti organiċi, fejn jiġi indikat il-perċentwal totali tal-ingredjenti organiċi meta mqabbel mal-kwantità totali tal-ingredjenti agrikoli).

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika fl-UE⁽⁵⁾, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tal-biedja organika fil-kisba tal-oġġetti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari l-miżuri biex ikomplu jissaħħu d-domanda u l-fiduċja tal-konsumaturi fil-prodotti organiċi.

3.2. F'dan il-kuntest, il-KESE jirrikonoxxi l-ħtieġa li din il-proposta għal regolament tiġi adottata malajr kemm jista' jkun sabiex jiġi permess l-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea għall-ikel tal-annimali domestiċi li ma fihx 100 % (iżda mill-inqas 95 %, fil-piż) ingredjenti organiċi, li jikkorrispondu għal realtà fil-prattika għal ċerti prodotti. Madankollu, il-KESE jitlob li fil-futur issir dispożizzjoni biex dan it-tip ta' att regolatorju jiġi implimentat fl-istess ħin mad-dħul fis-seħħ tat-test bażiku sabiex jiġu evitati lakuni legali li jaffettwaw ħażin kemm lill-produtturi kif ukoll lill-konsumaturi/xerrejja.

3.3. Il-KESE jappoġġja r-regoli proposti dwar it-tikkettar għall-ikel organiku għall-annimali domestiċi, filwaqt li jitqies il-livell għoli ta' prodotti organiċi meħtieġa (95 % skont il-piż) u s-similarità mar-regoli li japplikaw għall-ikel organiku, li jippromovu użu uniformi tal-logo tal-UE u fehim aktar faċli għall-konsumaturi li għalihom huma maħsuba dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti.

3.4. Il-KESE jirrimarka li, minkejja s-sehem baxx ta' prodotti organiċi f'dan is-settur, is-settur tal-ikel għall-annimali domestiċi qed jikber b'rata mgħaġġla (tkabbir annwali ta' 3,1 %, b'46 % tal-unitajiet domestiċi Ewropej ikollhom mill-inqas annimal domestiku wieħed⁽⁶⁾). Skont l-industrija nnifisha, ix-xejra lejn "umanizzazzjoni" tal-annimali domestiċi twassal lil ħafna sidien tal-annimali domestiċi biex ifittxu ikel li jirrifletti l-gosti tagħhom stess, li jwassal għax-xiri ta' prodotti ta' kwalità għolja, inklużi prodotti organiċi⁽⁷⁾. Għalhekk, il-KESE jilqa' dawn il-miżuri għodda ta' tikkettar, li jistgħu jistimulaw dan is-suq għall-ikel organiku għall-annimali domestiċi, kemm permezz tal-bejgħ lill-konsumaturi li jagħtu attenzjoni lill-orijini organika tax-xirja tagħhom kif ukoll il-possibbiltà li jinħoloq valur miżjud għall-prodotti sekondarji organiċi.

3.5. Il-KESE jemmen li dawn il-miżuri għodda ta' tikkettar jistgħu jikkontribwixxu, għalkemm moderatament, biex tintlaħaq il-mira ta' 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika sal-2030, kif minqux fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u fl-Istrateġija għall-Bijodiversità u fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika, mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

3.6. Il-KESE jilqa' l-applikazzjoni tal-miżuri dwar l-informazzjoni obbligatorja dwar l-orijini tal-ikel, fir-rigward tal-materja prima użata fl-ikel tal-annimali domestiċi, bl-indikazzjonijiet "Agrikoltura tal-UE", "Agrikoltura mhux tal-UE", "Agrikoltura tal-UE/mhux tal-UE", "Agrikoltura + isem ta' pajjiż" jew "Agrikoltura + isem ta' pajjiż u reġjun".

(4) Proposta għal Regolament dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi (COM/2022/659 final)

(5) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika"(COM (2021) 141 final) (ĠU C 517, 22.12.2021, p. 114).

(6) Sors: FEDIAF (Federazzjoni Ewropea tal-Industrija tal-Ikel għall-Annimali Domestiċi) — <https://europeanpetfood.org/about/statistics/>.

(7) Sors: FEDIAF (Federazzjoni Ewropea tal-Industrija tal-Ikel għall-Annimali Domestiċi) — <https://europeanpetfood.org/pet-food-facts/pet-food-trends/>.

3.7. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkomunikaw dwar dan ir-regolament ġdid u l-oġġettivi tiegħu sabiex ikomplu jsaħħu d-domanda tal-konsumaturi u l-fiduċja fil-prodotti organiċi.

3.8. Fl-aħħar nett, il-KESE jemmen li dawn il-miżuri ta' tikkettar għandhom jippermettu li jitnieda jew saħansitra jitwessa' d-djalogu mal-produtturi tal-ikel għall-annimali domestiċi sabiex jiġi żgurat li s-settur jikkonforma tal-prinċipji ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u biex jiġi żviluppat il-kontribut tagħhom għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Brussell, 1-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro”

(COM(2022) 782 final)

(2023/C 140/10)

Relatur: **Petru Sorin DANDEA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 19.12.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	21.12.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	169/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE japprova r-rakkomandazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni u jagħmel għadd ta' proposti addizzjonali.

1.2. Il-KESE jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Opinjoni preċedenti tiegħu⁽¹⁾, approvata b'maġġoranza kbira fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Ottubru 2022.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li ż-żewġ faxex ta' konsum jiġu definiti b'tali mod li jipproteġu lill-unitajiet domestiċi kollha li qed jiffaċċjaw problemi kbar biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Huwa jemmen li din il-politika ta' żewġ livelli ta' pprezzar għandha tkopri kemm persuni taħt il-linja tal-faqar kif ukoll dawk fin-naħa t'isfel tal-klassi medja li, minħabba l-introjt baxx tagħhom, mhux se jkunu jistgħu jħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom bil-prezzijiet tas-suq.

1.4. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jużaw il-Qafas Temporanju ta' Għajjnuna mill-Istat għall-kriżijiet, u jirrakkomanda li l-Istati Membri jużaw il-mezzi kollha possibbli biex jgħinu lill-kumpaniji b'mod ġenerali, u b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

1.5. Il-KESE jappella għal użu prudenti tal-politika monetarja, peress li, sakemm l-inflazzjoni hija kkawżata minn fatturi eżoġeni, il-politika monetarja jista' jkollha effett ċikliku f'dan il-kontest kumpless.

1.6. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni mmirata biex il-pajjiżi taż-żona tal-euro jikkoordinaw il-politika fiskali tagħhom mal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew. Dan huwa importanti biex il-politika monetarja jirnexxilha tnaqqas l-inflazzjoni.

1.7. Il-KESE jemmen li l-ikkompletar tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u tal-Unjoni Bankarja se jkun pass importanti fl-appfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħmlu sforzi biex jaċċeleraw il-proċess.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jimplementaw malajr fil-livell nazzjonali id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati. Dan jista' jtejjeb il-livell tal-paga minima u joħloq xibka ta' sikurezza għal dawk li jaqilgħu paga baxxa, filwaqt li jippreserva l-kapaċità tal-akkwist tagħhom matul dan il-perjodu ta' inflazzjoni għolja.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Kunsiderazzjonijiet addizzjonali dwar Rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro (COM(2021) 742 final) (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 43).

1.9. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jaħtfu l-opportunità tad-djalogu soċjali biex jinvolvu lill-imsieħba soċjali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki meħtieġa biex jittaffew l-effetti tal-kriżi. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni.

2. Kuntest

2.1. L-irkupru tat-tkabbir ekonomiku, li kien beda fil-livell taż-żona tal-euro u fl-Unjoni Ewropea kollha fl-2021, twaqqaf ħesrem mill-gwerra li bdiet il-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Id-dipendenza għolja taż-żona tal-euro mill-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mill-Federazzjoni Russa, fil-kuntest tas-sanzjonijiet tal-UE, ħolqot inċertezza, li kellha impatt kbir fuq il-ktajjen tal-provvista. Dawn il-fatturi kienu l-kawża tal-kriżi tal-enerġija u, sussegwentement, tal-inflazzjoni għolja li qed jiffaċċjaw iż-żona tal-euro u l-Unjoni Ewropea.

2.2. Għalkemm l-inflazzjoni naqset ftit minn 10,6 % f'Ottubru għal 10,0 % f'Novembru, bil-wasla tal-istaġun kiesaħ din tista' terġa' taċċellera minħabba problemi fil-provvista tal-fjuwil u l-kriżi tal-enerġija li tinħoloq.

2.3. Il-Bank Ċentrali Ewropew uża l-politika monetarja biex ireġġa' l-inflazzjoni lura għal parametri sostenibbli (ritorn għal-livell fil-mira tiegħu ta' 2 % fuq terminu medju), iżda l-isforzi tiegħu jaf ma jkunux biżżejjed minħabba l-fatturi eżoġeni li wasslu għall-kriżi, iżda wkoll minħabba d-diffikultà li l-politika monetarja tinteraġixxi ma' politiki fiskali frammentati fl-Istati Membri.

2.4. Din il-kriżi multipla hija addizzjonali għall-kriżi klimatika li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Hemm ukoll tnaqqis sinifikanti fir-ritmu tal-konverġenza, saħansitra frammentazzjoni u diverġenza mhux biss f'xi setturi, iżda wkoll bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro.

2.5. Il-kriżi tal-enerġija wasslet għal telf ta' kompetittività għall-bosta setturi u negozji li joperaw fis-suq uniku.

2.6. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll il-politika ta' koeżjoni, taw kontribut sinifikanti biex jgħinu lill-Istati Membri taż-żona tal-euro jżommu l-livell ta' investiment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku, iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata tranżizzjoni aktar rapida lejn in-newtralità karbonika u biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza enerġetika.

2.7. Huwa f'dan il-kuntest partikolarment diffiċli u kumpless li, fit-22 ta' Novembru, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill^(?) dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2023.

3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Il-KESE japprova r-rakkomandazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni, iżda jqis li huwa meħtieġ li jizjeddu l-proposti li ġejjin:

3.2. Il-KESE jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Opinjoni ECO/590^(?), adottata b'maġġoranza kbira fis-sessjoni plenarja ta' Ottubru 2022.

3.3. Fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija, ix-xitwa tal-2022-2023 se toħloq problemi kbar għall-unitajiet domestiċi u n-negozji tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi politika ta' protezzjoni għal dawk l-aktar vulnerabbli, li tikkonsisti f'ipprezzar fuq żewġ livelli. Dan ifisser li sa ċertu livell ta' konsum tal-enerġija, il-konsumatur vulnerabbli se jħallas prezz aktar baxx mill-prezz tas-suq. Din il-politika fuq żewġ livelli proposta mill-Kummissjoni biex tiproteġi l-unitajiet domestiċi vulnerabbli fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija jenħieġ li tintuża mill-Istati Membri b'mod inklużiv. Il-KESE jirrakkomanda li ż-żewġ faxex ta' konsum jiġu definiti b'tali mod li jiproteġu lill-unitajiet domestiċi kollha li qed jiffaċċjaw problemi kbar biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom.

Huwa jemmen li din il-politika ta' żewġ livelli ta' pprezzar għandha tkopri kemm persuni taħt il-linja tal-faqar kif ukoll dawk fin-naħa t'isfel tal-klassi medja li, minħabba l-introjtu baxx tagħhom, mhux se jkun jistgħu jħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom bil-prezzijiet tas-suq.

^(?) Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM (2022) 782 final)..

^(?) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Kunsiderazzjonijiet addizzjonali dwar Rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro (COM(2021) 742 final) (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 43).

3.4. Fir-rigward tal-kumpaniji, il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu appoġġ lill-kumpaniji biex jevitaw il-paraliżi tal-attività tagħhom, inkluż permezz tal-użu tal-Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-Kriżijiet. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni u jirrakkomanda li l-Istati Membri jużaw il-mezzi kollha possibbli biex jgħinu lin-negozji b'mod ġenerali, u b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

3.5. L-inflazzjoni kkawżata mill-prezzijiet tal-gass naturali u mill-kriżi tal-enerġija laħqet l-ogħla livell mindu l-introduzzjoni tal-euro f'Ottubru 2022, jiġifieri 10,6%. Il-Bank Ċentrali Ewropew aġixxa fil-ħin, billi uża l-politika monetarja biex irażżan iż-żieda fl-inflazzjoni u jippermetti li l-inflazzjoni terġa' lura għal inqas minn 2% (livell fil-mira fuq terminu medju). Il-KESE jirrakkomanda użu prudenti tal-politika monetarja peress li, sakemm l-inflazzjoni hija kkawżata minn fatturi eżoġeni, il-politika monetarja jista' jkollha effett ċikliku f'dan il-kuntest kumpless.

3.6. Filwaqt li l-pagi żdiedu bi ftit fiż-żona tal-euro fl-2022, din iż-żieda hija ferm inqas mill-inflazzjoni. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea meta tirrakkomanda li l-Istati Membri jaġixxu — f'konformità mal-prattiki nazzjonali u l-mudell ta' negozjar kollettiv tagħhom — biex jippreservaw il-kapaċità tal-akkwist tal-pagi, b'mod partikolari dik ta' impjegati vulnerabbli b'pagi baxxi. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jimplementaw malajr fil-livell nazzjonali id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati. Dan se jtejjeb il-livell tal-paga minima u johlqo xibka ta' sikurezza għal dawk li jaqilgħu paga baxxa, filwaqt li jippreserva l-kapaċità tal-akkwist tagħhom.

3.7. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni mmirata biex il-pajjiżi taż-żona tal-euro jikkoordinaw il-politika fiskali tagħhom mal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew. Dan huwa importanti biex il-politika monetarja jirnexxilha tnaqqas l-inflazzjoni. Il-Kumitat jemmen li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jimplementaw il-"pilastru 1" propost mill-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS tal-OECD. Dan se jiġġenera dħul sinifikanti għal dawk l-Istati Membri li, wara l-isforzi li saru matul il-pandemija tal-COVID-19, qed jiffaċċjaw dejn pubbliku għoli u b'hekk ikollhom marġni ta' manuvra iżgħar biex iwettqu l-politiki fiskali tagħhom fi żminijiet ta' kriżi.

3.8. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li jitkomplew l-isforzi għall-ikkompletar tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni Bankarja. Huwa jqis li l-ikkompletar ta' dawn iż-żewġ proġetti politiki se jkun pass importanti fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

3.9. Fil-kuntest ta' din il-kriżi multipla, l-Istati Membri għandhom jaġixxu biex inaqqsu l-impatt negattiv tagħha fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jaħtfu l-opportunità tad-djalogu soċjali biex jinvolvu lill-imsieħba soċjali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki meħtieġa biex jittaffew l-effetti tal-kriżi. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli — Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani”

(JOIN(2022) 28 final)

(2023/C 140/11)

Relatur: **Stefano PALMIERI**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 25.11.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	15.6.2022
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	20.12.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	184/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-governanza tal-oċeani m'għandhiex titqies biss bħala “kwistjoni tal-baħar”. L-ambjent tal-baħar jikkostitwixxi sistema kumplessa f'termini ta' setturi, leġiżlazzjoni, partijiet interessati fuq skali (lokali, reġjonali, globali) u dimensjonijiet differenti. Dan huwa interkonness ma' attivitajiet, politiki u azzjonijiet tal-art, li jeħtieġu appoġġ ibbażat fuq l-għarfien għal deċiżjonijiet b'approċċ integrat transdixiplinarju u diplomazija xjentifika. Il-KESE jilqa' l-proposta biex jiġi kkostitwit Bord Intergovernattiv għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani.

1.2. Il-KESE jilqa' d-deżinjazzjoni ta' Żoni tal-Baħar Protetti, il-kisba tan-newtralità karbonika u d-demolizzjoni sostenibbli tal-bastimenti.

1.3. Id-deċiżjonijiet u l-interventi jeħtieġu koerenza bejn il-politiki u l-ftehimiet differenti, b'evalwazzjoni trasparenti tal-fattibbiltà vs l-impatti. Il-KESE jappoġġja r-rwol tal-UE bħala attur leġiżlattiv u fit-tisħiħ tan-networks u s-sħubijiet fuq livell globali, u li tindirizza r-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni.

1.4. Il-KESE jappella għal deterrenti finanzjarji kontra l-użu ta' bñadar ta' konvenjenza (eż. l-istabbiliment ta' fond iddedikat kostitwit minn bonds għad-demolizzjoni tal-bastimenti) u jipproponi li l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju jiġi estiż biex ikopri l-firxa wiesgħa ta' sustanzi niġġiesa li għandhom impatt fuq l-ekosistema tal-baħar.

1.5. Il-KESE jilqa' l-approċċ ta' “tolleranza zero” għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (sajd IUU) u l-qabdiet aċċessorji, u jħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-operaturi onesti biex jintlaħqu l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja s-sajd fuq skala żgħira u s-sajd industrijali li huma sostenibbli u b'impatt baxx, l-akkwakultura “b'impatt zero” u l-algakultura biex tiggarantixxi s-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika tar-reġjuni.

1.6. L-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar għadha teħtieġ riżultati xjentifiċi robusti biex jiġu evalwati l-impatti fit-tul fuq l-ambjent. Il-KESE jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-approċċ prekawżjonarju u jappella għal moratorju fuq l-awtorizzazzjoni tal-liċenzji għall-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar mill-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar (ISA). Il-KESE jappella għall-istabbiliment ta' panels xjentifiċi indipendenti internazzjonali biex jipprovdu appoġġ ibbażat fuq l-għarfien għad-deċiżjonijiet u l-interventi.

1.7. L-impatti ta' munizzjon mhux splodut, sustanzi niġġiesa emerġenti u diżastri naturali jistgħu jittrasformaw l-użu tal-ispace marittimu u x-xenarji ekonomiċi/ġeopolitiċi konsegwenti. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tindirizza dawn l-isfidi.

1.8. Is-sikurezza u s-sigurtà fuq il-baħar huma fundamentali. Jenħtieġ tiġdid ġenerazzjonali tal-ħiliet u t-teknoloġġi, akkumpanjat minn kundizzjonijiet deċenti tal-għajxien u tax-xogħol. Il-KESE jstieden ukoll lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni nru 188/2007 ⁽¹⁾ tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u jiżguraw it-traspożizzjoni effettiva tagħha fil-liġi nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE ⁽²⁾. Il-KESE jilqa' d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 ⁽³⁾ u jappella sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura jitwessa' biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u biex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fis-settur tas-sajd fuq il-baħar.

1.9. Il-KESE jtenni l-importanza li r-reġjuni ultraperiferiċi ⁽⁴⁾ — minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tagħhom — għandhom jassumu rwol ewlieni fil-qafas tal-governanza tal-oċeani kif definit fil-Komunikazzjoni COM(2022) 198 final ⁽⁵⁾, iżda għalkollox assenti fil-Komunikazzjoni Konġunta JOIN(2022) 28 final.

1.10. Għal governanza internazzjonali ġdida u msaħħa tal-Oċeani, promossa mill-UE, il-KESE jappella għall-involvement trasparenti u effettiv — f'kull stadju ta' dan il-proċess, mill-konsultazzjoni u t-tfassil konġunt tal-pjani sal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni finali — ma' partijiet interessati differenti fl-iżvilupp ta' appoġġ ibbażat fuq l-għarfien għall-politiki, kif ukoll fil-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni. Jistgħu jiġu adottati forum ġodda ta' struttura organizzattiva biex tiġi indirizzata l-kumplexità tal-isfidi.

1.11. Il-KESE jappella għal tixrid wiesa' tal-għarfien dwar il-liġi tal-baħar fost iċ-ċittadini kollha tal-UE. Hija meħtieġa liġi internazzjonali biex tirregola oqsma differenti ta' kompetenza (konfini kostali, żoni ekonomiċi, protezzjoni tar-riżorsi tal-baħar, id-definizzjoni ta' "port sikur", eċċ.), speċjalment biex tiċċara l-obbligi internazzjonali rigward is-salvataġġ u l-assistenza fuq il-baħar, u tikkodifika l-kunċetti ta' periklu u metodi ta' tiftix u salvataġġ ⁽⁶⁾. Il-KESE jappella għal infurzar adegwat ta' din ir-regola, filwaqt li jafferma l-prinċipju fundamentali li l-persuni fil-periklu fuq il-baħar iridu jiġu salvati u jittieħdu f'port sikur mingħajr ebda suspett u mingħajr kundizzjonijiet.

1.12. Minħabba l-importanza ġeopolitika u ambjentali tal-Artiku, il-KESE jilqa' l-impenn tal-UE li timplimenta bis-sħiħ il-Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali, l-isforzi biex jiġu deżinjati żoni tal-baħar protetti fl-Artiku u l-projbizzjoni tat-tħaffir għall-idrokarburi ⁽⁷⁾.

1.13. Il-KESE jinnota nuqqas ta' ambizzjoni fl-investimenti pjanati mmirati lejn l-indirizzar tal-isfidi fil-governanza tal-oċeani, u għalhekk jappella sabiex jiġi stabbilit Fond għall-Oċeani adegwat biex jappoġġja l-isfidi marittimi.

2. Kummenti ġenerali dwar il-qafas ta' referenza

2.1. Waħda mill-isfidi ewlenin għall-kwistjonijiet tal-baħar u marittimi hija l-koerenza bejn l-azzjonijiet f'livelli differenti (globali, nazzjonali, reġjonali u lokali) u bejn is-setturi. Ħafna talbiet li jikkompetu ma' xulxin jistgħu jipperikolaw l-interventi u jnaqqsu l-impatt drastikament.

⁽¹⁾ Il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd nru 188/2007,

⁽²⁾ Bħalissa 167 Stat ma rratifikawx il-Konvenzjoni 188, fost dawn hemm 19-il Stat Membru tal-UE li jinkludu pajjiżi kostali sinifikanti bħal Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, Spanja u l-Liżvezja.

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż fil-21 ta' Mejju 2012 bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (Cogeca), il-Federazzjoni Ewropea tal-ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) (ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12).

⁽⁴⁾ Ir-reġjuni ultraperiferiċi jinkludu gżejjer, arċipelagi u territorju tal-art wieħed (il-Guyana Franċiża). B'kollox hemm 9 reġjuni ultraperiferiċi u dawn jinsabu fl-Oċean Atlantiku tal-Punent, il-Baċir tal-Karibew, il-Foresta tal-Amazunja u l-Oċean Indjan: il-Gujana Franċiża, Guadeloupe, Martinique, Saint Martin, Réunion u Mayotte (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall), u l-Gżejjer Kanarji (Spanja).

⁽⁵⁾ COM(2022)198 final — Komunikazzjoni dwar Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE.

⁽⁶⁾ Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimi, 29 ta' April 1979, Hamburg; Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, 10 ta' Diċembru 1982, Montego Bay; Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, 25 ta' Mejju 1980.

⁽⁷⁾ Komunikazzjoni Konġunta COM/SEAE JOIN(2021) 27 final, dwar "Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu".

2.2. Il-governanza tal-oċeani teħtieġ appoġġ ibbażat fuq l-għarfien għad-deċiżjonijiet. L-impatt tal-bnedmin fuq l-ambjent tal-baħar **mhuwiex limitat għal attivitajiet fuq il-baħar** (estrazzjoni minerarja, sajd, trasport), iżda jinkludi wkoll azzjonijiet fuq l-art li jirriżultaw fi tniġġis fuq skala usa' (skart, pestiċidi, antibijotiċi, fosfati, plastik, splussivi, eċċ.). Għalhekk huwa kruċjali li l-oċeani ma jiġux inkorporati biss fl-SDG 14, iżda wkoll f'dawk l-għanijiet li jindirizzaw il-produzzjoni industrijali u l-imġiba kollettiva. Ekosistema tal-baħar b'saħħitha u produttiva teħtieġ approċċ aktar integrat, inklużi aspetti li mhumiex limitati għal kwistjonijiet tal-baħar u marittimi.

2.3. F'dawn l-aħħar snin, meta tfaċċat kumplessità f'hafta kuntesti, ġew żviluppanti **mudelli ġodda ta' governanza**, xprunati primarjament mix-xjenza tas-suq u tan-network. Is-sistemi kumplessi huma diffiċli biex jiġu kkontrollati u d-dinamika tagħhom ma tistax tiġi mbassra faċilment fit-tul. L-oċeani jikkostitwixxu sistema kumplessa fejn id-diskrepanza enormi fir-regoli bejn iż-żoni kostali u lil hinn mill-kosta, it-tilwim fil-livell tal-gvern nazzjonali u s-settur privat jissuġġerixxu li jista' jkun meħtieġ li tiġi adottata **diplomazija xjentifika** mġedda biex jiġu indirizzati l-isfidi. Il-KESE jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu żviluppanti għodod ta' ġestjoni adatti għall-iskop u interfaċċi ta' politika bħala inizjattivi biex jiġu integrati d-dimensjonijiet differenti u interkonnessi.

2.4. Il-KESE jappoġġja r-rwol tal-UE bħala attur leġiżlattiv u fit-tisħiħ tan-networks u s-sħubijiet fil-livell globali, l-indirizzar tar-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-provvista ta' soluzzjonijiet u linji gwida, u l-promozzjoni ta' inizjattivi speċifiċi.

3. Evalwazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Se niffukaw fuq l-erba' oqsma tal-proposta: 1) *It-tisħiħ tal-qafas ta' governanza internazzjonali tal-oċeani*; 2) *Lejn is-sostenibbiltà tal-oċeani sal-2030*; 3) *L-iżgurar tas-sigurtà u s-sikurezza fuq il-baħar*; 4) *Il-bini tal-għarfien dwar l-oċeani*.

3.1. It-tisħiħ tal-qafas ta' governanza internazzjonali tal-oċeani

3.1.1. Il-KESE jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tappoġġja l-ogħla standards internazzjonali fir-rigward tat-trasparenza, il-governanza tajba u l-inklużività tal-partijiet interessati f'organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar (ISA) u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

3.1.2. Il-KESE jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-UE fil-qasam leġiżlattiv, anke permezz tad-diplomazija xjentifika u t-tisħiħ tan-networks u s-sħubijiet fil-livell globali. B'mod partikolari, il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata sistema għall-monitoraġġ u l-adozzjoni ta' interventi adegwati. Id-deżinjazzjoni ta' **Żoni Protetti tal-Baħar** (MPAs) u ta'miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażata fuq iż-żona (OECM), b'mira ta' 30 % sal-2030, hija milqugħa, kull fejn ir-rilevanza tagħhom fil-funzjonament tas-sistema tal-oċeani hija rikonoxxuta u l-adozzjoni ta' interventi hija bbażata fuq l-analiżi tal-effiċjenza u l-effettività ta' kull żona speċifika, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż, ir-responsabbiltajiet, il-perjodi ta' żmien u l-monitoraġġ.

3.1.3. Il-KESE jinnota li, minkejja xi progress teknoloġiku f'dawn l-aħħar snin, l-impatti fit-tul tal-**estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar** huma rrappurtati li għadhom viżibbli, u l-ekosistema għadha qed tirkupra, fil-każ ta' żoni skavati ħafna deċennji ilu⁽⁸⁾. Il-KESE jilqa' l-adozzjoni ta' approċċ prekawżjonarju u jappella għal moratorju fuq l-awtorizzazzjoni tal-liċenzji tal-estrazzjoni minerarja mill-ISA. Il-KESE jappella lill-ISA biex tistabbilixxi panel xjentifiku indipendenti internazzjonali biex jittrasponi l-analiżi bbażata fuq l-għarfien f'deċiżjonijiet ta' politika definiti sew. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll il-promozzjoni ta' investimenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp għal soluzzjonijiet alternattivi għal materjali skavati minn qiegħ il-baħar.

3.1.4. **Is-sajd kostali fuq skala żgħira u l-akkwakultura** huma fatturi essenzjali għas-sopravivenza ta' ħafna komunitajiet kostali u fil-konservazzjoni tal-wirt kulturali tagħhom. Is-settur tas-sajd b'mod ġenerali, u b'mod partikolari s-sajd tradizzjonali u fuq skala żgħira, ħallas l-ogħla prezz tal-kriżi, u huwa għalhekk li llum is-settur jeħtieġ strateġija speċifika biex jerġa' jikseb pożizzjoni soda fis-suq⁽⁹⁾. Il-KESE jappella għal interventi adegwati biex jissaħħu dawn l-attivitajiet, jiġu diversifikati s-sorsi ta' introjtu tal-komunitajiet lokali (eż. it-turiżmu kostali u l-attivitajiet akkwatiċi rikreattivi), tiġi appoġġjata l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-karrieri, tingħata għajjnuna lir-reġjuni lokali batuti u għas-sostenibbiltà ambjentali⁽¹⁰⁾.

⁽⁸⁾ Ara <https://www.jpi-oceans.eu/en/ecological-aspects-deep-sea-mining>

⁽⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-dimensjoni soċjali tas-sajd" (opinjoni esploratorja) (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 67).

⁽¹⁰⁾ https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/publications/communication-commission-towards-strong-and-sustainable-eu-algae-sector_en

3.1.5. Il-KESE jilqa' l-approċċ ta' **“tolleranza zero” għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**, u jhegġegħ lill-UE tappoġġja lill-operaturi onesti lejn konservazzjoni u ġestjoni sostenibbli tas-sajd. Il-Kumitat jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-UE fid-djalogi dwar is-sajd ma' pajjiżi mhux tal-UE biex tippromovi l-konformità mal-obbligi internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-KESE jirrikonoxxi l-**Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli** bħala kontribut rilevanti għal qafas solidu ma' għadd ta' pajjiżi msieħba mhux tal-UE.

3.1.6. L-Artiku qed jiffaċċja bidliet drastiċi li jistgħu jirriżultaw friskju għall-ambjent u l-ekwilibriju ġeopolitiku. Il-KESE jilqa' l-impenn tal-UE li timplimenta bis-sħiħ il-**Ftehim għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali**, l-isforzi biex jiġu deżinjati żoni tal-baħar protetti fl-Artiku u l-projbizzjoni tat-tħaffir għall-idrokarburi ⁽¹¹⁾.

3.1.7. Il-KESE jirrikonoxxi d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet f'**Żoni Lil Hinn mill-Ġurizzdizzjoni Nazzjonali**, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li tiġi garantita l-koerenza bejn sħubijiet u ftehimiet differenti, u jappoġġja l-isforzi tal-UE fin-negożjati li għaddejjin bħalissa għal Trattat dwar l-Ibħra Miftuħa.

3.2. Lejn is-sostenibbiltà tal-oċeani sal-2030

3.2.1. Il-KESE jfaħħar l-impenni u l-isforzi biex tinkiseb in-**newtralità karbonika** sal-2050. L-UE għandha rwol rilevanti fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fi proċess leġiżlattiv u operazzjonali globali maħsub għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu u tas-sajd.

3.2.2. Il-KESE jirrikonoxxi li l-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar hija sfida. L-interkonnessjoni ta' sorsi differenti, inklużi sorsi bbażati fuq l-art, flimkien mad-diversità tal-partijiet interessati u l-limiti leġiżlattivi jagħmlu l-qafas aktar kumpless. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata **d-diversità tas-sustanzi niġġiesa** u li jiġu promossi interventi effettivi. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' koerenza u involviment ta' aspetti lil hinn mill-governanza tal-oċeani (eż. dawk indirizzati fl-Istrateġija ta' tniġġis zero, l-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” ⁽¹²⁾) li għandhom impatt qawwi fuq it-tniġġis tal-baħar ⁽¹³⁾.

3.2.3. **Il-munizzjon mhux splodut (UXO)** jinkludi kemm splussivi konvenzjonali kif ukoll armi kimiċi mormija fil-baħar. It-thedd id inkontestabbli li jirriżulta mill-UXO fuq il-baħar fil-passat ġie kklassifikat bħala wieħed baxx. Il-problema titlob strateġija urġenti, peress li d-domanda għall-ispazju tal-baħar mis-setturi ekonomiċi qed tiżdied u l-parti l-kbira tal-munizzjonijiet qed jitmermru, u jnixxu prodotti tossiċi, karċinoġeniċi, mutaġeniċi u teratoġeniċi. Huma meħtieġa interventi ta' detezzjoni, monitoraġġ u mitigazzjoni b'appoġġ teknoloġiku u għarfien Ewropew konġunt ⁽¹⁴⁾.

3.2.4. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tnaqqas l-impatti ambjentali tal-munizzjonijiet mormija, u jinnota li r-riskji mħumiex limitati għall-UXO mill-ewwel u t-tieni gwerra dinjija iżda jikkonċernaw ukoll kunflitti oħra (eż. fil-Balkani u fl-Ukrajna), u mħumiex limitati għat-tossiċità possibbli ta' t-nnixxja ta' sustanzi iżda wkoll għad-detonazzjoni aċċidentali jew awtomatika.

3.2.5. Il-KESE jirrikonoxxi l-impatti ambjentali ta' xi **rkaptu tas-sajd** fuq l-ekosistema, u jinnota li l-ispejjeż ta' ħafna soluzzjonijiet proposti mħumiex sostenibbli, jew l-effetti tagħhom huma neglijabbli fuq livell globali. Il-KESE jappella għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji/materjali ġodda biex tittaffa l-isfida, flimkien ma' miżuri ta' kumpens u kampanji personalizzati biex is-sajjieda jsiru konxji mill-opportunitajiet ⁽¹⁵⁾.

⁽¹¹⁾ Komunikazzjoni Konġunta JOIN(2021) 27 final, dwar “Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu”

⁽¹²⁾ Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11); id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

⁽¹³⁾ Il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali 2011; Prinċipji ta' Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem 2011.

⁽¹⁴⁾ Ara: <https://www.jpi-oceans.eu/en/munition-sea>

⁽¹⁵⁾ Ara: il-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar l-immarkar tal-irkaptu tas-sajd u l-ħidma mwettqa mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd u l-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali.

3.2.6. **L-isfruttar żejjed tal-istokkijiet tal-ħut** u s-sajd b'qabdiet aċċessorji huma rikonoxxuti bħala kwistjonijiet reali fuq livell globali. Is-settur tas-sajd għandu impatt wiesa' fuq ħafna speċijiet, għalhekk hemm tħassib validu li dan jista' jipperikola s-sostenibbiltà ta' xi speċijiet u jqiegħed friskju l-ekwilibrju tal-ekosistema tal-baħar fl-intier tagħha. Min-naħa l-oħra, l-attivitajiet tas-sajjeda lokali jikkostitwixxu aspett sinifikanti tal-kulturi territorjali u tal-ekonomija sostenibbli li jipprovdu ikel tajjeb għas-saħħa liċ-ċittadini fi proċess sostenibbli mil-lat ambjentali, soċjali u ekonomiku. Il-persjoni antropoġenika fuq l-istokkijiet tal-ħut tista' titnaqqas billi tiġi promossa **akkwakultura b'impatt zero** (inkluża l-algakultura).

3.2.6.1. Abbażi ta' dawn l-aspetti, il-KESE jappella

- (a) għal kontrolli u sanzjonijiet aktar stretti fir-rigward tas-sajd IUU;
- (b) għall-monitoraġġ u r-regolazzjoni tas-settur tas-sajd b'mod li jelimina l-isfruttar żejjed tal-istokkijiet tal-ħut u l-qabdiet aċċessorji u jipromovi s-sostenibbiltà effettiva ta' dan is-settur;
- (c) għall-promozzjoni u l-appoġġ għall-akkwakultura u l-algakultura b'impatt zero, inklużi l-aspetti tal-għalf u l-konsum tal-enerġija;
- (d) għall-għoti ta' kumpens ekonomiku għall-ħaddiema matul il-fażijiet tranżitorji lejn trasformazzjoni ta' teknoloġiji u sistemi ta' produzzjoni.

3.2.7. It-trasport marittimu jirrappreżenta aktar minn 90 % tal-merkanzija kkummerċjalizzata fid-dinja, li tikkostitwixxi s-sinġla tal-ekonomija globali. Il-bastimenti li jbaħħru fl-oċeani jista' jkollhom impatt bħala sors sinifikanti ta' tniġġis anke fit-tmiem tal-ħajja tagħhom. Is-sidien tal-bastimenti f'pajjiżi b'introjt għoli ħafna drabi jaħbu l-identità vera tal-bastimenti billi jirreġistrawhom frifugġi fiskali, anke biex jevitaw regoli ambjentali. F'dan il-kuntest, l-isforzi internazzjonali u reġjonali naqsu milli jrażżnu din l-imġiba⁽¹⁶⁾. In-nazzjonijiet tal-bnadar ta' konvenjenza għadhom jintużaw bħala l-aħħar bandiera inkluż mill-pajjiżi tal-UE biex jaħarbu mir-regoli u jiffrankaw il-flus. Il-KESE jissuġġerixxi li **d-demolizzjoni tal-bastimenti** titqies bħala sors sinifikanti ta' tniġġis tal-baħar, u jistieden lill-UE: a) tieħu azzjoni biex tiżgura regolamentazzjoni vinkolanti aktar b'saħħitha, b) timmonitorja l-attività ta' soluzzjonijiet li jevitaw il-protezzjoni ambjentali, c) tintroduċi deterrent finanzjarju kontra l-użu ta' bnadar ta' konvenjenza, pereżempju l-istabbiliment ta' fond iddedikat kostitwit minn bonds — tul il-ħajja tal-bastiment — biex tiggarantixxi r-rispett tal-istandards tal-UE fil-protezzjoni ambjentali u s-sikurezza, anke barra mill-ġurisdizzjoni tal-UE.

3.3. *L-iżgurar tas-sigurtà u s-sikurezza fuq il-baħar*

3.3.1. Il-KESE jfaħħar lill-UE talli saħħet ir-rwol tagħha bħala fornitur tas-sigurtà marittima fi ħdan il-fruntieri tagħha u lil hinn minnhom. Il-KESE jistieden lill-UE tidentifika **Żoni ta' Interess Marittimi** potenzjali fid-dawl tal-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti u biex tiffoka fuq prijoritajiet emerġenti.

3.3.2. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-UE biex tippromovi u timplimenta kwalunkwe intervent biex tiżdied is-**sikurezza fuq il-baħar**. Il-Kumitat jistieden lill-UE twessa' l-firxa ta' setturi involuti f'attivitajiet fuq il-baħar li jistgħu jipperikolaw l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, inklużi t-turiżmu, it-demolizzjoni u l-bini tal-bastimenti, l-enerġija u l-akkwakultura. Il-KESE jappella wkoll sabiex issir enfasi fuq il-**modernizzazzjoni tat-teknoloġiji** (pereżempju l-propulsjoni bi fjuwils ekoloġiċi), **l-ispazji tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol** fid-diversità tal-loġistika li jinkwadraw l-attivitajiet tal-baħar u dawk marittimi (eż. tarzni, portijiet, bastimenti, eċċ.).

3.3.3. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi żgurata l-konsistenza regolatorja bejn il-miżuri relatati mal-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u r-regoli li jirregolaw is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq il-baħar, permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt dwar: **i) l-impjegji, ii) il-pagi, iii) it-teknoloġiji, iv) il-kundizzjonijiet deċenti tal-għajxien u tax-xogħol, u v) it-taħriġ tal-ħaddiema**. Huwa jappella wkoll għal koordinazzjoni aħjar bejn id-diversi servizzi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha, għall-finijiet ta' ġestjoni integrata tal-ispazju tal-baħar⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁶⁾ Ara: Wan et al. Marine Policy, 2021. (Il-politika dwar il-Baħar, 2021 — mhux disponibbli bil-Malti).

⁽¹⁷⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-dimensjoni soċjali tas-sajd" (opinjoni esploratorja) (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 67).

3.3.4. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri **jirratifikaw il-Konvenzjoni nru 188 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**, filwaqt li jagħmlu disponibbli l-mezzi meħtieġa għat-traspożizzjoni korretta tagħha fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni tagħha. Il-KESE jilqa' d-Direttiva tal-Kunsill 2017/159 ⁽¹⁸⁾ u jappella sabiex tibda l-ħidma fuq it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex tkopri wkoll l-effetti kumulattivi tal-impatti fit-tul fuq is-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni verament ambizzjuża tal-UE dwar is-sostenibbiltà korporattiva u x-xogħol furzat ⁽¹⁹⁾.

3.3.5. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġu żviluppati prinċipji ġenerali u linji gwida prattiċi għal servizzi ġusti b'rabta max-xogħol f'dawn is-setturi, inklużi: a) gwida suffiċjenti u adegwata għas-sidien tal-bastimenti tas-sajd u għas-servizzi (transfruntiera) tas-suq tax-xogħol; b) kuntratti standard għal servizzi (transfruntiera) b'rabta mas-suq tax-xogħol; c) gwida suffiċjenti u adegwata għas-sajjieda li jkunu qed ifittxu impjieg abbord bastimenti tas-sajd (barranin); u d) mekkaniżmi għat-tressiq ta' lmenti ⁽²⁰⁾.

3.3.6. Element marbut mal-għarfien dwar il-baħar u l-oċeani u s-sikurezza fuq il-baħar huwa dak tat-tixrid wiesa' meħtieġ tal-għarfien dwar id-dritt marittimu u l-infurzar tiegħu fil-prattika. Hija meħtieġa liġi internazzjonali li tirregola oqsma differenti ta' kompetenza (konfini kostali, żoni ekonomiċi, protezzjoni tar-riżorsi tal-baħar, definizzjoni ta' "port sikur", eċċ.), speċjalment biex jiġu ċċarati l-obbligi internazzjonali rigward is-salvataġġ u l-assistenza fuq il-baħar u biex jiġu kkodifikati l-kunċetti ta' periklu u metodi ta' tiftix u salvataġġ.

3.3.7. **Diżastri naturali** (għargħar, tsunamis, avvenimenti estremi) jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent tal-baħar li jirriżultaw friskji indiretti għall-attivitatiet u s-saħħa tal-bniedem. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diżastri naturali bħala sorsi possibbli ta' riskji għall-ambjent u għall-attivitatiet fuq il-baħar b'mod ġenerali.

3.4. Il-bini tal-għarfien dwar l-oċeani

3.4.1. Il-KESE jirrikonoxxi l-kumplessità tas-sistema tal-oċeani f'termini ta' varjabbli ambjentali interkonnessi, u d-diversità tal-partijiet interessati, il-leġiżlazzjoni, il-kulturi u l-kapaċitajiet lokali. Il-KESE jappella għal involviment effettiv u trasparenti ta' dixxiplini u oqsma ta' għarfien espert differenti (ix-xjenzi tad-data, tal-kumplessità u tan-networks, il-psikoloġija, is-soċjoloġija, l-ekonomija) fl-iżvilupp ta' **appoġġ għall-politika bbażat fuq l-għarfien** (kif propost għall-Panel Intergovernattiv għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani).

3.4.2. L-għarfien u l-prattiki juru **forom ġodda ta' governanza** biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-kumplessità tal-istrutturi awtoorganizzattivi, fejn l-organizzazzjoni deċentralizzata ġiet żviluppata b'suċċess. Il-KESE jappella għall-estensjoni ta' prattiki u mudelli tajbin għas-setturi kollha tal-ekonomija blu, inklużi dawk li jistgħu jipprovdv impjegji ġodda u tkabbir (eż. it-turiżmu, l-għads, eċċ.) u s-settur pubbliku. Madankollu, l-allokazzjoni ta' fondi għal ekonomija blu sostenibbli għandha tiżgura benefiċċji soċjali u ekonomiċi għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, tirrestawra u tippreserva d-diversità, il-produttività, ir-reżiljenza u l-valur intrinsiku tal-ekosistemi tal-baħar, kif ukoll tippromovi t-teknoloġiji nodfa, sorsi tal-enerġija rinnovabbli u r-riċiklaġġ ⁽²¹⁾.

3.4.3. **Is-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati lokali** għandhom ikunu involuti f'kull stadju tal-proċess, mill-konsultazzjoni u t-tfassil konġunt tal-pjani sal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni finali. Il-litteriżmu dwar l-oċeani huwa fundamentali biex tinħoloq trasformazzjoni soċjetali lejn is-sostenibbiltà integrata tas-sistema. L-istrutturi u l-proċessi

⁽¹⁸⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) (ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12).

⁽¹⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-dimensjoni soċjali tas-sajd" (opinjoni esploratorja) (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 67); Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2022) 71 final); Proposta għal Regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti maġħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni (COM(2022) 453 final).

⁽²⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-dimensjoni soċjali tas-sajd" (opinjoni esploratorja) (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 67).

⁽²¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill" ((COM(2018) 390 final — 2018/0210 (COD)) (ĠU C 110, 22.3.2019, p. 104).

organizzattivi għandhom jipprioritizzaw id-dimensjoni soċjali u l-appoġġ xjentifiku lejn is-sostenibbiltà integrata, it-tisħiħ u l-finanzjament ta' miżuri li jippromovu u jappoġġjaw id-djalogo soċjali, iżidu s-sigurtà, itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, joħlqu impjegi ta' kwalità, jiżviluppaw **il-ħiliet** tal-ħaddiema u **jiżguraw “tiġdid ġenerazzjonali”** ⁽²²⁾.

3.4.4. Il-KESE jfaħħar il-prattika tal-UE li tikkondividi d-data dwar il-baħar u l-osservazzjonijiet dwar l-oċeani. Huwa jirrikonoxxi **r-rilevanza tas-servizzi tal-baħar** u l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija, kif ukoll l-ispejjeż tal-infrastrutturi tal-baħar li jeħtieġu investimenti kbar mill-fondi nazzjonali. Il-Kumitat jinnota li l-immudellar tal-kumplessità tal-ekosistema tal-baħar għadu qed jitħabat biex jipprovdi fehim dwar l-ekosistema u l-akkoppjament tagħha mal-attivitajiet tal-bniedem. Il-KESE jstieden lill-UE tippromovi l-aċċess miftuħ u l-użu mill-ġdid tad-data, filwaqt li tiffinanzja wkoll approċċi innovattivi biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-osservazzjonijiet u biex tingħata **valutazzjoni** effettiva ta' **Status Ambjentali Tajjeb** ⁽²³⁾.

3.4.5. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi adottata metodoloġija xjentifika fl-avviċinament tad-diplomazija u n-negozjati xjentifiċi. Il-Kumitat jappella għall-introduzzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ għall-utenti finali u l-maniġers, anke fil-livell lokali, biex tinkiseb sostenibbiltà effettiva u l-fattibbiltà tal-azzjonijiet.

4. Punti kritiċi

4.1. Il-kunċett ta' governanza huwa assoċjat ma' varjetà wiesgħa ta' fenomeni differenti, minn proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal strumenti ta' politika. Il-vastità tal-kunċett ta' governanza setgħet ikkontribwiet għall-popolarità sostanzjali tiegħu, u x'aktarx l-abbuż tiegħu. L-oċeani ma jiqfux mal-fruntieri politiċi, u huma wkoll marbutin mill-qrib mal-użu tal-art. L-isfidi ma jstgħux jiġu solvuti minn pajjiżi individwali u jeħtieġu approċċ transnazzjonali, skont kondiviżjoni fattibbli u effettiva tal-isforzi u r-responsabbiltajiet, l-adozzjoni ta' sistemi mfasla b'mod konġunt, pjani ta' azzjoni konġunti u interventi li jorbtu l-isforzi lokali ma' oqfsa reġjonali komprensivi. Ma jistax jiġi adottat mod uniku ta' governanza biex jipprovdi strutturi organizzattivi għal dimensjonijiet differenti. F'dan il-kuntest, il-KESE jinnota li l-appoġġ ibbażat fuq l-għarfien għat-teħid tad-deċiżjonijiet, id-diplomazija xjentifika u leġiżlazzjoni koerenti madwar il-pajjiżi u s-setturi huma kruċjali biex tiġi indirizzata l-kumplessità tal-isfidi tal-baħar.

4.2. Id-domanda kontinwa għall-ispazju tal-baħar mill-ekonomija qed iżżid il-kumplessità tas-sistema tal-oċeani f'termini ta' varjabbli ambjentali interkonnessi. Id-diversità tal-partijiet interessati, il-leġiżlazzjoni, il-kulturi u l-kapaċitajiet lokali hija interkonnessa mat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' interventi li jstgħu jkunu sostenibbli fid-dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Il-KESE jappella għall-adozzjoni trasparenti tal-metodoloġija xjentifika fl-involvement ta' dixxiplini differenti (xjenza tad-data, tal-kumplessità u tan-network, psikoloġija, soċjoloġija, ekonomija, eċċ.) meta jiġi żviluppat appoġġ ibbażat fuq l-għarfien għall-governanza tal-oċeani.

4.3. Kwistjoni ta' importanza kruċjali għall-futur ta' ħafna setturi involuti f'attivitajiet fuq il-baħar hija t-“tiġdid ġenerazzjonali”. Xi aspetti li jidhru 'l bogħod mill-governanza jikkontribwixxu indirettament għas-suċċess tal-ġestjoni effettiva tal-attivitajiet fuq il-baħar. Ħafna inizjattivi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-modernizzazzjoni tat-teknoloġiji, it-taħriġ professjonali u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol huma utli, iżda jeħtieġu wkoll miżuri ta' akkumpanjament u redditu aċċettabbli fuq il-kapital investit ⁽²⁴⁾.

4.4. L-attivitajiet sostenibbli jibqgħu l-oġettiv ewlieni ta' governanza produttiva tal-oċeani, u s-setturi kollha għandhom ikunu jstgħu jkxsbu dan. Il-KESE jappella sabiex jiġu ffinanzjati l-miżuri li għandhom l-għan li jtejbju s-sigurtà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, pereżempju fl-oqfsa tat-taħriġ, is-servizzi ta' konsulenza, il-promozzjoni tal-kapital uman, id-djalogo soċjali, is-saħħa u s-sigurtà. Il-KESE jħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex jagħtu prijorità lid-dimensjoni soċjali fl-adozzjoni ta' strutturi u proċessi organizzattivi (jiġifieri l-governanza) billi jsaħħu u jiffinanzjaw miżuri biex jippromovu u jappoġġjaw id-djalogo soċjali, is-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-ħiliet.

⁽²²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” ((COM(2018) 390 final — 2018/0210 (COD)) (ĠU C 110, 22.3.2019, p. 104).

⁽²³⁾ <https://jpi-oceans.eu/en/science-good-environmental-status>

⁽²⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Id-dimensjoni soċjali tas-sajd” (opinjoni esploratorja) (ĠU C 14, 15.1.2020, p. 67).

4.5. Il-KESE jinnota nuqqas ta' ambizzjoni fl-investimenti ppjanati mmirati lejn l-indirizzar tal-isfidi fil-governanza tal-oċeani. Il-ġlieda kontra s-sorsi tat-tniġġis, l-interventi ta' mitigazzjoni, u l-ġestjoni tal-attivitajiet fuq il-baħar fis-setturi kollha jeħtieġu sforzi finanzjarji adegwati, azzjoni strutturali u involviment tas-soċjetà ċivili. Il-KESE jilqa' l-isforzi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u li jinċentivaw lil dawk bl-aħjar prestazzjoni u l-innovazzjoni⁽²⁵⁾. Dan jista' jappoġġja kemm l-ambizzjoni ta' dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport marittimu kif ukoll li jiġi stabbilit Fond għall-Oċeani biex jiġu appoġġjati l-isfidi marittimi. Il-KESE jappella wkoll sabiex il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri jiġi estiż biex ikopri l-aspetti ambjentali u soċjali.

4.6. Ir-reġjuni ultraperiferiċi minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi tagħhom jista' jkollhom rwol fundamentali biex jisfruttaw l-opportunitajiet kollha fil-qasam tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar, li għandhom jiġu sfruttati bi prijorità, peress li għandhom potenzjal kbir biex jagħtu spinta lill-ekonomiji, joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja u jiżguraw il-benesseri tan-nies⁽²⁶⁾. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE jemmen li għandu jissaħħaħ ir-rwol speċifiku li r-reġjuni ultraperiferiċi jista' jkollhom fl-implimentazzjoni tal-Governanza tal-Oċeani, b'mod partikolari: a) fil-Missjoni "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030"; b) fil-ġbir u l-monitoraġġ tad-data dwar is-sajd; c) fil-ġlieda kontra s-sajd illegali u s-sajd mhux selettiv, u fl-appoġġ tas-sajd sostenibbli; u d) fl-iskambju ta' għarfien dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu⁽²⁷⁾.

4.7. Il-litteriżmu dwar l-oċeani kkontribwixxa għall-komunikazzjoni dwar l-isfidi tal-baħar, u jista' jikkontribwixxi fil-promozzjoni tas-soluzzjonijiet. Il-plastik irċieva attenzjoni konsiderevoli fil-midja u mill-politiċi, iżda huwa biss waħda mid-diversi sfidi għall-ibħra u l-oċeani. Ir-rabtiet bejn l-isfidi tal-baħar mal-użu tal-art u anke mal-imġiba tal-konsumatur ħafna drabi jiġu injorati. Il-KESE jappella għal komunikazzjoni aktar komprensiva u trasparenti dwar l-oċeani, li torbot ukoll il-leġiżlazzjoni u l-interventi kemm fuq il-baħar kif ukoll fuq l-art. Wieħed jittama li dan iwitti t-triq għat-trasformazzjoni tal-produzzjoni industrijali, u l-ħolqien ta' teknoloġiji u impjiegi ġodda li huma aktar iffukati fuq is-sostenibbiltà ambjentali.

4.8. Il-gwerra reċenti fl-Ukrajna biddlet ix-xenarju politiku u ġibdet l-attenzjoni għal emerġenzi mhux mistennija (provvista tal-enerġija, inflazzjoni). Sfidi mhux mistennija (bħas-sigurtà tal-pipelines tan-Nord Stream u l-munizzjon mormi fil-Baħar l-Iswed, kif ukoll l-importanza strateġika ġeopolitika tal-Artiku) jirrikjedu sforzi addizzjonali biex jiġu adottati interventi konġunti adatti. Minkejja l-fatt li l-gwerra kellha impatt ukoll fuq l-għadd ta' migranti fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, il-pressjoni għadha għolja fil-punti ta' qsim tul ir-rotot tal-Mediterran, u qed tagħmel pressjoni fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza ta' ċerti pajjiżi tal-UE u tesponi lin-nies għar-riskju ta' inċidenti. Il-KESE jappella sabiex l-UE ssaħħaħ l-isforzi biex tiffinanzja inizjattivi li jappoġġjaw is-sikurezza fuq il-baħar, f'xenarju li huwa mistenni li jaggrava minħabba l-pressjonijiet klimatiċi u ekonomiċi.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁵⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757" (COM(2021) 551 final — 2021/0211 (COD)) u "Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030" (COM(2021) 571 final — 2021/0202 (COD)) (ĠU C 152, 6.4.2022, p. 175); Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Nagħmlu l-ETS u s-CBAM jaħdmu għall-bliet u r-reġjuni tal-UE (ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116); Reviżjoni tal-Parlament Ewropew tal-Iskema tal-UE għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, adottata fit-22 ta' Ġunju 2022.

⁽²⁶⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-benefiċċji tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-UE (opinjoni esploratorja) (ĠU C 194, 12.5.2022, p. 44).

⁽²⁷⁾ COM(2022) 198 final.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Is-saħħa tas-sħubijiet tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust”

(COM (2022) 409 final)

(2023/C 140/12)

Relatur: **Tanja BUZEK**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 26.7.2022
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	13.7.2022
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	20.12.2022
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	158/3/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. **Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa’ l-Komunikazzjoni bħala pass importanti fid-direzzjoni t-tajba.** Sistema kummerċjali miftuħa bbażata fuq ir-regoli hija dejjem aktar importanti, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal tal-kummerċ biex isir progress fl-iżvilupp sostenibbli.

1.2. **Il-KESE jqis li huwa essenzjali li l-politika kummerċjali tiġbor il-leġittimità politika, l-appoġġ u s-sostenn meħtieġa** biex jiġu konklużi l-ftehimiet kummerċjali negozjati. Ekonomija b’saħħitha li qed tirkupra tirrikjedi djalogu mal-imsieħba kummerċjali fuq livell globali u s-sostenibbiltà hija parti mill-pakkett.

1.3. **Il-KESE jappoġġja r-rieżami komprensiv li jistabbilixxi parametru referenzjarju ġdid dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli**, u japprezza li l-Kummissjoni segwiet għadd ta’ rakkomandazzjonijiet tiegħu fil-punti ta’ azzjoni, b’mod partikolari dwar it-tiżni tar-rwol tas-soċjetà ċivili u tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi.

1.4. **Il-KESE jara aktar opportunitajiet għat-tiżni tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi**, kemm fil-livell tal-ftehim kif ukoll tal-implimentazzjoni tiegħu. Madankollu jiddispijaċih li mhux qed tittieħed l-ebda azzjoni biex is-soċjetà ċivili tiġi involuta aktar bis-sħiħ matul il-proċess tan-negozjati.

1.5. **Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta’ dispożizzjonijiet aktar ċari u dettaljati dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli** biex jiġu ddefiniti aħjar il-pjani direzzjonali u biex iż-żewġ imsieħba kummerċjali jiġu meġhuna jifhemu aħjar dak li huwa mistenni minnhom. Jiddispijaċih li tranżizzjoni ġusta mhix inkuża bħala kunċett ġenerali.

1.6. **Il-KESE jilqa’ l-orjentazzjoni politika l-ġdida**, li tvarja minn approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati, permezz ta’ trasparenza akbar u rwol imsaħħaħ għas-soċjetà ċivili, għal appoġġ immirat, filwaqt li żżid ukoll il-livell ta’ impenn billi tinkludi l-possibbiltà ta’ sanzjonijiet kummerċjali bħala l-aħħar għażla.

1.7. **Il-KESE jqis dawn l-elementi bħala “parti mill-pakkett” fil-ftehimiet kollha**, li jeħtieġ li jiġu implimentati permezz ta’ approċċ immirat u speċifiku għall-pajjiż b’objettivi mfassla apposta. Huwa jistenna li l-Kummissjoni timplimentahom kemm jista’ jkun fis-sistemi kummerċjali differenti u fil-ftehimiet kummerċjali differenti, inklużi l-ftehimiet eżistenti.

1.8. **Il-KESE jilqa' l-għan li s-sostenibbiltà tiġi integrata fil-ftehimiet kummerċjali futuri** u jenfasizza il-kunsiderazzjonijiet kemm ambjentali kif ukoll dawk dwar is-sostenibbiltà soċjali fl-akkwist pubbliku. Huwa jirrikonoxxi li huwa kruċjali li l-approċċ jiġi razzjonalizzat ma' strumenti awtonomi oħra għal effett koerenti u ta' tisħiħ reċiproku.

1.9. **Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tintensifika s-sensibilizzazzjoni multilaterali** u tikkordina l-avvanz u l-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli mal-imsieħba fejn possibbli.

2. Sfond

2.1. L-UE qed tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali tagħha, li jibdwu bil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-CARIFORUM u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Korea. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-ftehimiet kummerċjali kollha ta' "ġenerazzjoni ġdida" inkludew kapitoli apposta dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u għadwalment espandew l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

2.2. Dawn il-ftehimiet jibbenefikaw ħafna minn mekkaniżmu ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fl-UE u fil-pajjiżi msieħba, li jiġbru flimkien l-għarfien espert mill-organizzazzjonijiet ambjentali, tax-xogħol u tan-negozju, jagħtu pariri lill-partijiet dwar l-implimentazzjoni tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli; mill-ftehim tar-Renju Unit 'il quddiem l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ġie estiż għall-ftehim kollu. Il-KESE, li pprova s-segretarjat għall-Gruppi Konsultattivi Domestiċi kollha tal-UE, żied l-appoġġ tiegħu kemm b'mod organizzattiv kif ukoll b'mod politiku, inkluż billi nieda u ospita laqgħa annwali tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi kollha. Il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet ukoll ir-rwol tal-KESE fir-Rapport Annwali tagħha dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar għall-2022.

2.3. F'Ġunju 2022, wara konsultazzjoni pubblika miftuħa, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-istrateġija l-ġdida tagħha dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'"Is-saħħa tas-sħubiji tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust". Dan ir-rieżami jagħti prijorità lil kooperazzjoni aktar proattiva mal-imsieħba, approċċ immirat u speċifiku għall-pajjiż għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà lil hinn mill-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, monitoraġġ akbar tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, it-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili u t-tisħiħ tal-infurzar tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli billi tiġi inkluża l-possibbiltà ta' sanzjonijiet kummerċjali. Filwaqt li tikkonferma mill-ġdid l-istess impenji vinkolanti fil-kapitoli kollha tagħha dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-implimentazzjoni tal-oġettivi tagħha tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tagħha tiġi adattata aħjar għall-isfidi, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' kull wieħed minnhom.

2.4. Il-Parlament Ewropew (PE) u l-Kunsill it-tnejn esprimew l-appoġġ tagħhom għall-approċċ il-ġdid u speċifikaw l-aspettattivi tagħhom⁽¹⁾. Ir-Riżoluzzjoni tal-PE tqis b'mod espliċitu l-Opinjoni tal-KESE "Il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġenerazzjoni li Jmiss — Rieżami tal-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt"⁽²⁾.

3. L-istabbiliment ta' parametru referenzjarju ġdid tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli

3.1. Approċċ integrat lejn il-kummerċ u s-sostenibbiltà huwa l-istandard il-ġdid, diġà viżibbli f'għadd ta' ftehimiet kummerċjali internazzjonali — inkluż lil hinn min-network kummerċjali tal-UE. Il-KESE huwa favur politika kummerċjali bilanċjata u trasparenti li tappoġġja l-kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi kummerċjali internazzjonali, li tiżgura li l-istess regoli u standards ambjentali, soċjali u tax-xogħol japplikaw għal kulħadd u li l-qafas kummerċjali jkun ta' benefiċċju reċiproku.

3.2. Il-KESE ilu jappella sabiex is-sostenibbiltà tkun waħda mill-ixpruni tal-politika kummerċjali, fid-dawl tar-rwol kruċjali li għandu jaqdi l-kummerċ biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU. Jilqa' l-approċċ komprensiv ta' rieżami segwit mill-Kummissjoni, li takkumpanjah b'konsultazzjoni pubblika, li tipprova analiżi komparattiva tad-dispożizzjonijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u prattiki tajbin fi Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ta' pajjiżi terzi magħżula, u li tinvolvi ruħha matul il-proċess fl-aqgħat bilaterali u usa' tas-soċjetà ċivili. Dan l-eżerċizzju bir-reqqa jissottolinja l-impenn biex din id-darba il-ħidma tirnexxi.

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar l-eżitu tar-rieżami tal-Kummissjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' 15-il Punt dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (2022/2692(RSP)) u Konklużjonijiet dwar ir-Rieżami tal-Kummerċ u tas-Sostenibbiltà, 17 ta' Ottubru 2022.

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġenerazzjoni li Jmiss — Rieżami tal-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 105, 4.3.2022, p. 40).

3.3. Il-KESE jappoġġja l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tintegra s-sostenibbiltà fil-ftehimiet kummerċjali futuri u li tfittex impenji usa' mill-pajjiżi msieħba dwar il-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Dan jeħtieġ li jimxi id f'id mal-appoġġ tal-imsieħba kummerċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli permezz ta' assistenza teknika, bini tal-kapaċitajiet, inċentivi, assistenza finanzjarja, u żvilupp ta' strumenti ta' politika b'mod ġenerali.

3.4. Il-Komunikazzjoni tenfasizza sitt prijoritajiet ta' politika u punti ta' azzjoni ewlenin. Il-KESE jqis l-elementi kollha introdotti bħala "parti mill-pakkett" fil-ftehimiet kollha, li għandhom jintużaw b'ħila u implimentati permezz ta' approċċ immirat u speċifiku għall-pajjiż b'objettivi mfassla bħala prinċipju ta' gwida.

3.5. Il-KESE japprezza li l-Kummissjoni segwiet għadd ta' rakkomandazzjonijiet tagħha stess, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà ta' sanzjonijiet kummerċjali bħala l-aħħar għażla, dwar pjani direzzjonali dettaljati u marbuta biż-żmien relatati mal-monitoraġġ tas-soċjetà ċivili u dwar monitoraġġ orizzontali kollettiv fis-servizzi tal-UE, l-atturi istituzzjonali u internazzjonali. Aktar minn hekk, il-KESE jilqa' t-tiġih tar-rwol tas-soċjetà ċivili u b'mod partikolari l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, li huwa msemmi f'diversi punti ta' azzjoni.

3.6. Il-KESE jistenna li l-parametru referenzjarju l-ġdid tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jiġi rifless fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha tal-UE, inklużi dawk li qed jiġu nneozjati. Għandu jifforma wkoll il-bażi għall-modernizzazzjoni tal-FTAs kollha fis-seħħ, b'mod partikolari ftehimiet tal-ewwel ġenerazzjoni mingħajr il-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, li jiskattaw klawżoli ta' rieżami mill-aktar fis possibbli. Dawn il-prinċipji l-ġodda għandhom jiġu kkunsidrati wkoll kemm jista' jkun fl-FTAs konklużi iżda li għandhom ma ġewx ratifikati kompletament. Meta ż-żmien ma jkunx jippermetti li l-FTAs konklużi jergħu jinfetħu, jistgħu jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Kumitat tal-Kummerċ jadotta deċizzjonijiet biex jemenda l-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, kif sar fil-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli ma' New Zealand.

3.7. Il-KESE jistenna li dan ikun b'mod partikolari l-każ għall-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv UE-Kanada u r-rieżami bikri tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli li ż-żewġ partijiet qablu miegħu fl-istrument interpretattiv konġunt. Il-KESE, u ż-żewġ Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE kif ukoll tal-Kanada, ilhom iħeġġu lill-partijiet jissodisfaw dan l-impenn lejn eżegwibilità aktar effettiva tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, minbarra kwalunkwe modernizzazzjoni usa' tal-ftehim wara li jgħaddi xi żmien. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-approċċ il-ġdid diġà ġie inkorporat fil-każ ta' New Zealand, inkluża l-intenzjoni li tiġi riflessa ż-żieda ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fost il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Il-KESE jinnota wkoll b'mod pożittiv il-proposti reċenti tal-UE li saru fil-każ tan-negozjati li għaddejjin mal-Indja.

3.8. Il-KESE jilqa' l-għan maħsub li tiġi integrata s-sostenibbiltà, b'mod partikolari l-kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fl-akkwist pubbliku. Dan tal-aħħar għandu jiffoka kemm fuq l-elementi ambjentali kif ukoll fuq dawk soċjali. Huwa jilqa' l-għan li tingħata prijorità lill-aċċess għas-suq għall-prodotti u s-servizzi ambjentali kif ukoll għall-materja prima u l-prodotti tal-enerġija li huma essenzjali għall-funzjonament ta' ekonomija newtrali għall-karbonju. Madankollu, jiddispijaċih li d-dimensjoni usa' tal-kummerċ ambjentalment sostenibbli u tal-ilmpatt fuq ix-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem ma jingħatawxi biżżejjed attenzjoni. Bl-istess mod, huwa jiddispijaċih li tranżizzjoni ġusta mhix inkluża bħala kunċett ġenerali, fid-dawl tal-ankraġġ fil-ftehim ta' Pariġi nnifsu dwar l-imperattivi ta' tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol u l-ħolqien ta' xogħol deċenti u impjegji ta' kwalità. Il-konklużjonijiet konġunti reċenti tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Korea⁽³⁾ rrikonoxxew it-Taskforce dwar it-Tranżizzjoni Ġusta Marittima tal-imsieħba soċjali fl-industrija marittima internazzjonali bħala l-aħjar Prattika.

3.9. Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE huma dejjem aktar ikkomplementati minn miżuri awtonomi tal-UE fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali, bl-aħħar wieħed ikun il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u l-proposti dwar id-diliġenza dovuta, id-deforestazzjoni u l-projbizzjoni ta' prodotti magħmula minn xogħol furzat. Il-KESE jilqa' dan l-allinjament tal-politika interna u kummerċjali biex titwettag bidla reali fil-prattika, u jaqbel mal-ħtieġa li l-UE tkun ambizzjuża meta tfassal strumenti awtonomi addizzjonali biex tappoġġja s-sostenibbiltà. Huwa jissottolinja l-importanza li jiġu kkunsidrati l-istrumenti kollha flimkien għal approċċ ta' politika kummerċjali koerenti fl-interess tan-negozju, tal-ħaddiema u tas-soċjetà ċivili. Madankollu, dawn il-miżuri awtonomi ma għandhomx inaqqsu l-ambizzjoni li jiġu konklużi, implimentati u infurzati l-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, iżda għandu jkun hemm effett ta' tiġih reċiproku.

(³) Joint Conclusions of the Korea DAG and the EU DAG (Konklużjonijiet Konġunti tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-Korea u tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE), Settembru 2022.

3.10. L-UE tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar is-sostenibbiltà fil-preferenzi unilaterali permezz tas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi tagħha. Il-KESE jilqa' l-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal Regolament ġdid tal-UE u jħeġġeġ lill-koleġislaturi jintegraw il-Komunikazzjoni dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-regolament il-ġdid. Il-KESE jqis li s-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi trid tkun aktar trasparenti u tibbenefika minn pjani direzzjonali disponibbli għall-pubbliku bbażati fuq analiżi tal-lakuni. Barra minn hekk, l-involvement tas-soċjetà ċivili għandu jżied u l-Anness għandu jiġi aġġornat billi jżiedu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fost il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

3.11. Għall-ewwel darba, is-sostenibbiltà nkitbet fil-kotba tar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fit-12-il Konferenza Ministerjali, b'dixxiplini dwar sussidji tas-sajd dannużi madwar id-dinja li jiffokaw fuq is-sostenibbiltà ambjentali. Il-KESE ilu ħafna jħeġġeġ il-promozzjoni ta' kooperazzjoni eqreb bejn id-WTO u l-ILO bil-għan li jiġu promossi xogħol u standards tax-xogħol deċenti permezz ta' strumenti kummerċjali. Il-KESE jirakkomanda li tiġi promossa aktar l-istrateġija l-ġdida dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fi ħdan id-WTO, u li jinbnew alleanzi għal kooperazzjoni approfondita skont l-oġġettivi tagħha. Bħala l-ewwel pass f'din id-direzzjoni u lil hinn mill-impenji bilaterali, l-UE għandha tlaqqa' konferenza plurilaterali dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli mal-imsieħba tal-FTA u pajjiżi tal-istess fehma għall-iskambju ta' esperjenzi ta' implimentazzjoni u infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali u tirrifletti b'mod konġunt dwar dispożizzjonijiet ta' ġenerazzjoni ġdida.

4. Minn pjan għal azzjoni: l-implimentazzjoni tal-approċċ il-ġdid tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u s-soluzzjoni tal-lakuni

Lejn involviment orjentat lejn ir-riżultati u bbażat fuq il-prijoritajiet mal-pajjiżi msieħba

4.1. Il-KESE jilqa' l-approċċ imfassal apposta għall-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inkluża analiżi bikrija tal-lakuni biex jiġu identifikati prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż u pjani direzzjonali ta' implimentazzjoni. Dan l-eżerċizzju għandu jinkludi kooperazzjoni mal-korpi rilevanti inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-ILO u n-NU, u bl-istess mod is-soċjetà ċivili u l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi.

4.2. Diġà ġew stabbiliti tali pjani direzzjonali mfassla apposta, bħall-Patt dwar is-Sostenibbiltà UE-Bangladesh, u inklużi fil-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Vjetnam; it-tnejn urew l-involvement bikri tal-ILO u l-benefiċċju uniku ta' attur istituzzjonali li jaħdem maż-żewġ partijiet kummerċjali u li jipprovdi intelligence fil-prattika. Fil-każ tal-Vjetnam, dan wassal għal effett konsegwenzjali pożittiv tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi li jappellaw għal pjan direzzjonali ugwali sabiex jiġu implimentati l-impenji ambjentali.

4.3. Il-KESE jtenni l-importanza li jissaħħu l-pjani direzzjonali bħala ingranaġġ għall-isforzi ta' qabel l-implimentazzjoni u li dawn ikunu speċifiċi, konkreti, pubbliċi, marbuta biż-żmien u miftiehma b'mod reċiproku mal-imsieħeb kummerċjali, sabiex iservu bħala għodda għal monitoraġġ, implimentazzjoni, u infurzar possibbli akbar tal-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

4.4. Il-KESE jistenna li ż-żieda fl-iżvelar pubbliku, inkluż ta' pjani direzzjonali u l-implimentazzjoni tagħhom, se tkun fundamentali għal involviment kostruttiv u usa' għas-soċjetà ċivili.

Enfasi aktar b'saħħitha fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar

4.5. Il-KESE jqis it-tiħiħ tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli bħala pass pożittiv 'il quddiem, li jissodisfa l-aspettattiva tan-negozji u ta' msieħba kummerċjali oħra dwar kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kif ukoll l-aspirazzjoni tan-negozji, tat-trade unions, tas-soċjetà ċivili u tal-konsumaturi dwar żieda fis-sostenibbiltà permezz tal-kummerċ.

4.6. Madankollu, it-tnejn se jkunu funzjonali biss daqs il-preċiżjoni ta' dawk il-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Filwaqt li l-pjani direzzjonali jistgħu jgħinu, huwa daqstant importanti li tissaħħaħ iċ-ċarezza tal-obbligi fil-livell tal-ftehim. It-terminu "sforzi kontinwi u sostnuti" diġà wera li huwa vag wisq fl-ewwel każ ta' ksur relatat mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli mal-Korea. Il-kjarifika u d-dettalji tal-impenji huma ta' benefiċċju wkoll għall-partijiet f'termini ta' fehim ta' dak li huwa mistenni minnhom u jgħinuhom matul il-proċess ta' implimentazzjoni.

4.7. Fil-kuntest tar-riforma li għaddejja tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU), il-KESE ġeneralment jinnota li r-regoli kummerċjali huma eżegwiti b'mod predominanti mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, fejn in-nuqqas ta' implimentazzjoni uniformi, riżorsi u l-bini tal-kapaċità huma ta' riskju għal distorsjonijiet kompetittivi u jimminaw l-infurzar effettiv.

4.8. Il-KESE jilqa' l-ħolqien tal-funzjoni tal-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) u l-Punt Uniku ta' Servizz imfassal mill-ġdid bħala passi importanti biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-impenji tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u biex jiġu organizzati l-ilmenti. Għalhekk, jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħti importanza ugwali lill-allegat ksor tad-dispożizzjonijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Flimkien mal-introduzzjoni msemmija hawn fuq ta' pjani direzzjonali b'parametri referenzjarji, l-punt uniku ta' servizz jista' jsir għodda ewlenija biex tiżdied l-aderenza mal-impenji tal-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

4.9. Il-KESE jilqa' wkoll ir-reviżjoni tal-Linji Gwida Operazzjonali għall-punt uniku ta' servizz, iżda jappella għal aktar kjarifiki. Għadu mhux ċar x'inhuma l-istandards evidenzjarji, sa liema punt l-punt uniku ta' servizz se jiġbor evidenza dwar allegazzjonijiet u x'tip ta' rimedji jistgħu jistennu l-ilmentaturi. Sal-lum, ilment wieħed biss relatat ma' ksor tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tressaq permezz tal-punt uniku ta' servizz, u l-KESE jinnotta d-dewmien fil-valutazzjoni preliminari tiegħu. Dan jissottolinja l-importanza li l-punt uniku ta' servizz jiġi ankrat fil-kapitolu futuri dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u Linji Gwida aġġornati jistgħu jgħinu lil ilmentaturi futuri.

4.10. Il-KESE jinnotta li s-sanzjonijiet huma limitati għal ksor serju tal-impenji ewlenin tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, jiġifieri l-prinċipji fundamentali u d-drittijiet fuq il-post tax-xogħol tal-ILO kif ukoll il-Ftehim ta' Pariġi. Madankollu, hija meħtieġa kjarifika fir-rigward tal-approċċ tal-Kummissjoni biex jiġi determinat x'jikkostitwixxi ksor serju u d-definizzjoni tas-sanzjonijiet, u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tesplora jekk dawn l-aspetti jistgħux ikunu marbuta mal-pjani direzzjonali.

4.11. Il-KESE jerġa' jistieden lill-Kummissjoni tesplora flimkien mal-imsieħba kummerċjali strumenti innovattivi ta' rispons rapidu fir-rigward ta' każijiet konkreti ta' ksor fil-livell tal-kumpaniji, kif attwalment qed jiġu implimentati b'suċċess fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Istati Uniti, il-Messiku u l-Kanada (USMCA).

5. Opportunitajiet biex il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jissaħħu aktar

5.1. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandhom rwol kruċjali x'jaqdu biex il-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jaħdmu u jikkontribwixxu għal dinamika pożittiva fil-kooperazzjoni u d-djalogu tal-imsieħba kummerċjali. Il-membri tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jirrappreżentaw organizzazzjonijiet li stabbillixxew kuntatti mal-kontropartijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba. Għalhekk, dawn jistgħu jikkontribwixxu permezz ta' esperjenza siewja fil-prattika, li l-politiċi u l-impjegati taċ-ċivil ma għandhomx. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jħaddnu wkoll ġabra rikka mhux sfruttata ta' għarfien dwar kwistjonijiet trażversali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli li għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ.

5.2. Il-KESE kien l-aktar difensur b'saħħtu għat-tisħiħ tar-rwol tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u tenna proposti konkreti tas-soċjetà ċivili^(*). B'hekk jappoġġja l-involvement aktar ambizzjuż tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi matul l-istadi kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ftehimiet kummerċjali. Dan jibda bil-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni biex jiġu stabbiliti Gruppi Konsultattivi Domestiċi, speċjalment f'pajjiżi msieħba bi spazju ċiviku mnaqqas, u fejn il-kooperazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili mhijiex ovvja.

5.3. L-imsieħba kummerċjali jistgħu jieħdu approċċi differenti għall-involvement tagħhom tas-soċjetà ċivili. Madankollu, il-KESE jtenni li l-SDGs, u b'mod partikolari l-Għan 17 adottat mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti u li b'hekk ikopri l-imsieħba kummerċjali tal-UE, jirrikonoxxu r-rwol ewlieni li għandhom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tweġiq tas-sħubija globali għall-iżvilupp sostenibbli. Din l-aspettattiva jeħtieġ li tiġi trasposta b'mod ċar fl-ispirtu u fit-tfassil istituzzjonali tal-ftehimiet.

5.4. Il-KESE jqis kruċjali l-ħtieġa ta' negozjati infurmati aħjar tad-dispożizzjonijiet tal-qafas tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Mingħajr biżżejjed ċarezza fil-ftehim, il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jistgħu jsibu diffikultajiet għas-snin li ġejjin. Ir-rwol tad-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandu jiġi deskritt b'mod aktar speċifiku u l-partijiet għandhom ikunu responsabbli li jaraw li l-korpi tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi nnominati jkunu adatti għall-iskop, b'mod partikolari meta jirreferu r-rwol lura lill-korpi eżistenti. Filwaqt li jisiltu tagħlimiet mill-istabbiliment tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi bħal fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Ġappun, l-istrutturi jeħtieġ li jappoġġjaw b'mod ċar u jiffaċilitaw qafas ta' kooperazzjoni bejn il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi kif ukoll l-interazzjoni tagħhom mal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Dak li ma huwiex stabbilit b'mod espliċitu fil-Ftehim se jkun aktar diffiċli li jiġi realizzat fil-prattika. It-tagħlimiet mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea juru li l-parteċipazzjoni akkademika, b'mod partikolari fil-Gruppi Konsultattivi Konġunti tal-pajjiżi msieħba, għadha ta' sfida f'termini ta' rappreżentattività u tal-ispirtu ta' involvement veru tas-soċjetà ċivili.

(*) Non-Paper of the EU DAGs (Dokument Informali tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE), Ottubru 2021.

5.5. Il-KESE jqis ukoll li r-rwol ta' monitoraġġ assenjat tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fir-rigward tal-implimentazzjoni konkreta għandu jiffoka fuq il-kwistjonijiet kollha li għandhom impatt fuq is-sostenibbiltà fl-FTAs. Tali rwol irid jinkludi b'mod inerenti s-sorveljanza tal-pjani direzzjonali ta' implimentazzjoni u aċċess sinifikattiv imsaħħa għall-kumitati konġunti. L-integrazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fl-istabbiliment ta' prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż u fil-programmi ta' ħidma tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli se tgħin fl-operazzjonalizzazzjoni tal-kompiti. Min-naħa tiegħu, il-KESE jaqbel mal-aspettattiva li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jipprovdu kontributi f'waqthom, sostanzjati sew u bbażati fuq l-evidenza, li huma essenzjali għall-identifikazzjoni, il-prijoritizzazzjoni u l-azzjoni fuq kwistjonijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

5.6. Skambju reali bejn il-membri tal-Grupp Konsultattiv Domestiku mill-UE u l-pajjiżi msieħba jeħtieġ li jagħti l-frott tiegħu permezz ta' skambju u kuntatt kontinwi. Aktar laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE u bejn il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi mill-UE u l-pajjiżi msieħba huma ta' importanza kbira, u għandha tqies il-ħidma permezz ta' sottogruppi tematiċi dedikati jew workshops immirati. Id-djalogi intersessjonali maż-żewġ gvernijiet imsieħba kummerċjali lil hinn mill-Forums tas-Soċjeta' Ċivili annwali jkomplu jikkontribwixxu b'mod pożittiv. Is-sekwenzjar tal-laqgħat konġunti għandu jippermetti lill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jinfurmaw u jikkontribwixxu għall-Forum tas-Soċjeta' Ċivili u għall-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-partijiet b'mod sinifikanti, permezz ta' dikjarazzjonijiet konġunti u billi l-presidenti u l-vice presidenti tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jippreżentaw l-fehmiet tagħhom fil-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, kif inhi diġà Prattika stabbilita fil-qafas tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) u tal-Ftehim bejn l-UE u l-Korea t'Isfel.

5.7. Il-KESE jqis li għandhom jiġu allokati riżorsi finanzjarji u assistenza teknika suffiċjenti lill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u lis-Segretarjat tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-KESE ta' appoġġ biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom kif suppost u jissodisfaw l-aspettattivi. Bl-istess mod, is-servizzi tal-Kummissjoni se jkollhom bżonn jallokaw biżżejjed riżorsi biex jiddaħħal fis-seħħ l-approċċ imsaħħa tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. L-esperjenzi preliminari li jiġi kopert Ftehim Kummerċjali sħiħ lil hinn mill-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, bħal fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit, għandhom jiġu evalwati bir-reqqa. It-twessigħ tas-sħubija fil-Grupp Konsultattiv Domestiku biex tkopri ftehim sħiħ jista' jkollu konsegwenzi mhux intenzjonati għall-għarfien meħtieġ tal-Grupp Konsultattiv Domestiku dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

5.8. Il-KESE jilqa' kemm l-allinjament aktar mill-qrib tal-grupp ta' esperti dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli mal-Istati Membri, kif ukoll l-ambizzjoni tal-PE stess ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib tal-Grupp Konsultattiv Domestiku inkluż billi jsir dibattitu annwali mar-rappreżentanti tal-Grupp Konsultattiv Domestiku. Il-KESE jqis ukoll l-iskambju mill-qrib regolari bejn il-gruppi ta' monitoraġġ tal-PE u r-relaturi permanenti u l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi rispettivi bħala komponent vitali tal-monitoraġġ kollettiv.

5.9. Madankollu, il-KESE jidentifika distakk importanti nieqes fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-ftehimiet, jiġifieri involviment aktar b'saħħtu tas-soċjetà ċivili matul il-proċess tan-negozjati. Huwa kien ippreżenta proposti għal metodoloġija ġdida ta' negozjar^(?), li tistabbilixxi pjan direzzjonali ġdid biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jkun involuti b'mod ġenwin matul in-negozjati. Din il-proposta għandha l-għan li tippreżerva t-trasparenza tal-proċess ta' negozjar tal-ftehim filwaqt li tiżgura l-kunfidenzjalità tiegħu.

5.10. F'dan il-kuntest, il-KESE jesprimi dispaċir għall-fatt li l-appell ripetut tiegħu għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-grupp ta' esperti dwar l-FTAs ma ġiex ikkunsidrat fil-Komunikazzjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiegħu azzjoni bħal din xorta waħda. Il-ħolqien tiegħu tqies bħala pass kruċjali fl-istrateġija tal-Kummissjoni biex ittejjeb l-involviment mas-soċjetà ċivili fil-politika kummerċjali u żżid it-trasparenza, u kkostitwixxa l-kontinwità loġika tal-Grupp Konsultattiv dwar it-TTIP. Huwa ppermetta lill-membri tiegħu mill-qasam tan-negozju, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa, biex jiggwidaw lin-negozjaturi tal-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE u jikkontribwixxu għall-proposti ewlenin tal-UE bħar-riforma dwar id-WTO — bħala grupp u forum permanenti għal fehmiet pertinenti u solidi dwar il-politika kummerċjali tal-UE biex jirrispondi għall-isfidi u jahta l-opportunitajiet tal-ftehimiet kummerċjali għad-diversi gruppi ta' interess li kien jirappreżenta, u sa livell li l-laqgħat ad hoc tad-Djalogu mas-Soċjeta' Ċivili ma setgħux jilhq. Fid-dawl tal-enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-aġenda kummerċjali tal-UE, grupp ta' esperti mġedded jista' jipprovdi wkoll direzzjoni u pariri siewja bħala korp permanenti.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(?) L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Qafas ġdid għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles, ftehimiet ta' sħubija ekonomika u ftehimiet ta' investment li jiggarrantixxi l-involviment ġenwin tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali u jiżgura sensibilizzazzjoni pubblika” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 290, 29.7.2022, p. 11).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-projbizzjoni ta’ prodotti magħmulin b’xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni”**(COM(2022) 453 final)**

(2023/C 140/13)

Relatur Ġenerali: **Thomas WAGNSONNER**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 6.10.2022 Kunsill, 12.10.2022
Bażi legali	Artikoli 114 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	14.12.2022
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fil-plenarja	25.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	196/1/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament dwar il-projbizzjoni ta’ prodotti magħmulin b’xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni (COM(2022) 453 final) ⁽¹⁾ peress li, kif iddikjarat fil-punt 1.4.j) tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 ⁽²⁾, il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u tax-xogħol u għalhekk, il-qerda tal-forom kollha ta’ xogħol furzat u tal-isfruttament, hija kruċjali.

1.2. Il-KESE jinnota li l-Proposta attwali ma tqisx kif imiss il-perspettiva tal-ħaddiema sfruttati, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. Biex tissaħħaħ is-sitwazzjoni tal-ħaddiema sfurzati jaħdmu, il-leġiżlazzjoni Ewropea għandha tikkunsidra kumpens adegwat għall-vittmi. Il-KESE jirrimarka li r-ratifikazzjoni tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni tal-1930 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar ix-Xogħol Furzat ⁽³⁾ mill-Istati Membri kollha tal-UE hija kruċjali.

1.3. Il-KESE japprova d-definizzjoni fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament, abbażi tad-definizzjoni tal-ILO ta’ xogħol furzat. Din id-definizzjoni tinkludi “kull xogħol jew servizz”: il-merkanzija ttrasportata bl-użu ta’ xogħol furzat għandha għalhekk tiġi inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni.

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi li l-Kummissjoni ssemmi b’mod espliċitu t-tħaddim furzat tat-tfal fir-Regolament propost. Sabiex jiġi adegwat il-proċess tal-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandu jinkludi l-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138) ⁽⁴⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-ILO Nru 146 ⁽⁵⁾, il-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182) ⁽⁶⁾ u r-Rakkomandazzjoni tal-ILO Nru 190 ⁽⁷⁾. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa għal inizzjattiva leġiżlattiva korrispondenti tal-UE biex jiġu miġġielda l-forom l-oħrajn kollha ta’ tħaddim tat-tfal.

⁽¹⁾ COM(2022) 453 final.

⁽²⁾ Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024.

⁽³⁾ ILO P029 – Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni tal-1930 dwar ix-Xogħol Furzat.

⁽⁴⁾ ILO C138 – Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138).

⁽⁵⁾ ILO R146 – Rakkomandazzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 146).

⁽⁶⁾ ILO C182 – Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182).

⁽⁷⁾ ILO R190 – Rakkomandazzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 190).

1.5. Il-KESE jilqa' l-inklużjoni tal-operaturi ekonomiċi kollha. L-enfasi tal-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandha tiddependi fuq id-daqs u r-riżorsi ekonomiċi tal-operaturi ekonomiċi. Il-kumpaniji li jippreżentaw riskju għoli li jużaw ix-xogħol furzat, kif ukoll l-operaturi ekonomiċi kbar, għandhom jingħataw prijorità.

1.6. Il-KESE jinnota li ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt qabel ma tressqet il-Proposta, minkejja l-fatt li valutazzjonijiet tal-impatt saru fuq inizjattivi oħra bħall-Proposta għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva. Dan ir-regolament jiffoka fuq il-projbizzjoni, is-sospensjoni taċ-ċirkolazzjoni u d-detenzjoni fid-dwana jew fil-portijiet tal-prodotti importati u esportati, li se jirriżultaw fi proċeduri ġodda. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbilanċjata u għandha tqis il-benefiċċji u l-ispejjeż tal-ġlieda kontra x-xogħol furzat.

1.7. Is-soċjetà ċivili organizzata għandha rwol ċentrali fil-ġlieda kontra kull forma ta' xogħol furzat jew obligatorju. L-imsieħba soċjali jinsabu f'pożizzjoni strateġika tajba biex jipprovdu l-impenn u s-sostenibbiltà istituzzjonali. L-ankraġġ istituzzjonali tal-imsieħba soċjali u tal-NGOs f'din il-leġiżlazzjoni huwa ta' importanza kbira.

1.8. Peress li l-proposta attwali hija marbuta mad-Direttiva proposta dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva, għad hemm hteġa għal ċarezza dwar kif iż-żewġ biċċiet ta' leġiżlazzjoni se jaħdmu flimkien fil-prattika. Il-Kummissjoni Ewropea għandha ssegwi approċċ koerenti u tevita l-inkonsistenzi.

1.9. Il-KESE jilqa' l-proposta li jinħarġu linji gwida, kif iddikjarat fl-Artikolu 23 tar-Regolament, biex il-kumpaniji jiġu meġhuna b'rabta mal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni jew it-tmiem tar-riskji ta' xogħol furzat fl-operazzjonijiet u l-ktajjen tal-valur tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Huwa importanti ħafna li l-linji gwida jiġu ppubblikati mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

1.10. Il-Kummissjoni Ewropea għandu jkollha rwol attiv u ewlieni fin-Network tal-Unjoni Kontra Prodotti mix-Xogħol Furzat propost fl-Artikolu 24 tar-Regolament, sabiex tappoġġja u tikkoordina l-awtoritajiet nazzjonali fl-infurzar tar-Regolament. Il-KESE jisħaq li finanzjament suffiċjenti huwa essenzjali biex tinholq infrastruttura adegwata u effettiva fil-livell Ewropew u nazzjonali biex jiġi indirizzat ix-xogħol furzat.

1.11. Il-KESE jirrimarka li l-bażi tad-data proposta fl-Artikolu 11 se tkun strument ewlieni tal-projbizzjoni. Għandha tifassal struttura dettaljata ta' din il-bażi tad-data. Il-KESE jenfasizza l-hteġa għal indikaturi tar-riskju preċiżi u trasparenti bbażati fuq iżda mhux limitati għall-orijini u għall-komponenti ta' prodott u għal informazzjoni rilevanti oħra. Sabiex jiġi żgurat infurzar effettiv, hija meħtieġa informazzjoni dettaljata dwar il-prodott, il-manifattur, l-importatur, l-orijini u l-komponenti, flimkien mar-riżorsi u mal-minerali użati fil-prodott u fil-komponenti tiegħu. Din il-bażi tad-data għandha tinżamm aġġornata, b'informazzjoni ġdida miżjuda parzjalment bħala riżultat tal-proċessi ta' investigazzjoni.

1.12. Il-KESE jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u tal-aċċess miftuħ għall-informazzjoni għall-kumpaniji, għall-awtoritajiet kompetenti, għas-soċjetà ċivili organizzata u għall-pubbliku ġenerali. Il-KESE jipproponi li tiġi introdotta sistema ta' valutazzjoni komparattiva bħala parti mill-bażi tad-data. Il-qalba ta' din is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva hija sistema ta' klassifikazzjoni għar-reġjuni u għas-setturi sal-gruppi ta' prodotti, prodotti u kumpaniji li jippreżentaw riskju għoli u baxx ibbażata fuq iżda mhux limitata għall-informazzjoni miġbura fil-bażi tad-data mill-esperti. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li s-soċjetà ċivili organizzata, inklużi l-imsieħba soċjali, tiġi permessa ttiprovdi informazzjoni rilevanti.

1.13. Il-KESE jemmen li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom id-dritt li jżommu oġġetti fil-fruntiera tal-UE malli jaraw tħassib sostanzjat skont l-Artikolu 2(n) tar-Regolament. Il-KESE jipproponi li l-operaturi ekonomiċi għandu jkollhom obbligi differenti skont jekk humiex ikklassifikati bħala ta' riskju għoli jew baxx. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffukaw il-ħidma tagħhom fil-fażi preliminari tal-investigazzjonijiet fuq prodotti marbutin ma' reġjuni, negozji u/jew setturi ta' riskju għoli. Fi kwalunkwe każ, is-sigriet kummerċjali għandhom jiġu żgurati, pereżempju, bl-użu ta' klawżoli tal-kunfidenzjalità adatti.

1.14. Fil-fażi preliminari tal-investigazzjonijiet, l-operatur ekonomiku jrid jagħti dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jekk il-prodott ikun marbut ma' reġjuni, negozji u/jew setturi ta' riskju għoli. In-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta li se jiġu ddikjarati fid-dettall fil-linji gwida (l-Artikolu 23) kif ukoll in-nuqqas ta' trażmissjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta meħtieġa jridu jiġu kklassifikati bħala tħassib sostanzjat u jwasslu għad-detenzjoni tal-prodott u għall-ftuħ dirett ta' investigazzjoni.

1.15. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistudja l-fattibbiltà ta' Aġenzija Pubblika ta' Klassifikazzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali, kif ukoll għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tan-negozju. Tali aġenzija għandha tiżviluppa standards Ewropej għal sistemi ta' diliġenza dovuta fost kompiti oħra bħall-appoġġ tekniku tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn l-istandards jistgħu essenzjalment jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi li huma b'mod partikolari fl-interess tal-kumpaniji Ewropej.

1.16. Il-KESE jinnota l-ħtieġa għal formulazzjoni kemm ċara kif ukoll li tinftiehem biex jiġu ggarantiti ċertezza legali u linji gwida faċli biex jinżamm piż amministrattiv maniġġabbli għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment għall-SMEs. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdru appoġġ tekniku għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, meta dawk in-negozji jfasslu s-sistemi ta' diliġenza dovuta tagħhom.

1.17. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' penali minimi uniformi fl-UE kollha għall-ksur tar-Regolament. Dan se jevita ġirja lejn l-aktar livell baxx fost l-Istati Membri u jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

1.18. Il-Kummissjoni Ewropea għandha żżid l-isforzi biex toħloq strutturi internazzjonali maħsuba biex isolvu l-problema tax-xogħol furzat. Il-KESE jerġa' jappella kemm għall-appoġġ tal-UE għal trattat vinkolanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll li tiġi kkunsidrata konvenzjoni tal-ILO possibbli dwar ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista. Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali huma importanti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata.

2. Sfond

2.1. L-ILO tistma, fil-pubblikazzjoni reċenti tagħha dwar l-iskjavitù moderna, li madwar 27,6 miljun persuna jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' xogħol furzat fi kwalunkwe jum partikolari. L-ebda reġjun tad-dinja ma huwa meħlus mix-xogħol furzat, lanqas l-Ewropa.

2.2. Il-Konvenzjoni tal-ILO tal-1930 dwar ix-Xogħol Furzat, (Nru 29) ⁽⁸⁾ tiddefinixxi x-xogħol furzat jew obligatorju bħala kull xogħol jew servizz li jittieħed minn individwu taħt kwalunkwe theddid u li għalih l-individwu ma jkunx offra lillu nifsu b'mod volontarju. Il-Protokoll dwar ix-Xogħol Furzat (l-Artikolu 1(3)) jikkonsisti fi tliet aspetti:

- “xogħol jew servizz” jirreferi għat-tipi kollha ta' xogħol li jsir fi kwalunkwe attività, industrija jew settur, inkluż fl-ekonomija informali;
- “theddida ta' kwalunkwe penali” jirreferi għal firxa wiesgħa ta' penali użati biex iġiegħlu lil xi ħadd jaħdem;
- “offrut volontarjament” jirreferi għall-kunsens liberu u infurmat tal-ħaddiem biex jieħu impjeg u l-libertà li jitlaq fi kwalunkwe ħin (dan ikopri kwistjonijiet bħall-għoti involontarju ta' dokument tal-identità).

L-ILO tikklassifika l-Konvenzjoni Nru 29 tal-ILO, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni Nru 29 ⁽⁹⁾ u l-Konvenzjoni Nru 105 tal-ILO ⁽¹⁰⁾ dwar l-abolizzjoni tax-xogħol furzat bħala Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

⁽⁸⁾ ILO C029 – Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29).

⁽⁹⁾ ILO P029 – Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni tal-1930 dwar ix-Xogħol Furzat.

⁽¹⁰⁾ ILO C105 – Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru 105).

2.3. Il-KESE jirrimarka li diversi ftehimiet internazzjonali u Ewropej fundamentali jipprojbixxu x-xogħol furzat, bħall-Artikolu 5(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ⁽¹¹⁾ u l-Artikolu 4 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ⁽¹²⁾. L-Artikolu 8 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi ⁽¹³⁾ jistipula li “Ħadd m’għandu jiġi mġiegħel jagħmel xogħol furzat jew obbligatorju”. Strumenti effettivi li jitrattaw ix-xogħol furzat huma meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU ⁽¹⁴⁾ (speċjalment l-SDG 8). Il-Karta Soċjali Ewropea ⁽¹⁵⁾ tipprovdi qafas għal kundizzjonijiet tax-xogħol soċjalment ġusti u għal drittijiet soċjali ġusti. Il-KESE jenfasizza l-importanza kruċjali li jiġu infurzati d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tax-xogħol, irrispettivament mill-kunflitt possibbli mal-erba’ libertajiet tas-suq intern (il-moviment liberu tal-merkanzija, is-servizzi, il-kapital u l-persuni).

2.4. Il-KESE esplora dan is-suġġett direttament fl-Opinjoni REX/395 dwar Il-ġlieda kontra x-xogħol furzat fl-Ewropa u fid-dinja: x’inhu r-rwol tal-UE? – Il-kontribut tal-KESE fil-konferenza tal-ILO 2014 ⁽¹⁶⁾ u tkellem dwaru f’diversi Opinjonijiet oħra, inklużi SOC/727 ⁽¹⁷⁾, INT/911 ⁽¹⁸⁾, INT/973 ⁽¹⁹⁾, REX/532 ⁽²⁰⁾ u REX/518 ⁽²¹⁾.

2.5. In-numru ta’ persuni f’xogħol furzat żdied b’2,7 miljuni bejn l-2016 u l-2021. Il-kriżijiet reċenti, speċjalment il-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi klimatika u diversi kunflitti armati, l-aktar reċenti l-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, ikkawżaw tfixkil fl-introjt u għalhekk aggravaw il-faqar, li jalimenta l-problema tax-xogħol furzat.

2.6. Il-KESE jilqa’ l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament dwar il-projbizzjoni ta’ prodotti magħmulin b’xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni (COM(2022) 453 final). Bħala parti mill-impenn tal-UE li tippromovi xogħol deċenti madwar id-dinja, il-ġlieda kontra x-xogħol furzat għandha tkun prijorità fl-aġenda tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE.

2.7. Kif iddikjarat fil-punt 1.4.j) tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u tax-xogħol u għalhekk il-qerda tal-forom kollha ta’ xogħol furzat u tal-isfruttament hija kruċjali biex tiġi żgurata b’mod partikolari t-tmexxija globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Flimkien mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ix-xogħol deċenti madwar id-dinja ⁽²²⁾, dan ir-Regolament huwa wieħed minn sensiela ta’ strumenti meħtieġa biex jintlaħaq dan l-għan u tiġi appoġġjata l-kompetittività tal-produtturi Ewropej soċjalment responsabbli fis-suq komuni u fi bnadi oħra.

⁽¹¹⁾ Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

⁽¹²⁾ Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

⁽¹³⁾ Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.

⁽¹⁴⁾ Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

⁽¹⁵⁾ Karta Soċjali Ewropea.

⁽¹⁶⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-ġlieda kontra x-xogħol furzat fl-Ewropa u fid-dinja: x’inhu r-rwol tal-UE? — Il-kontribut tal-KESE fil-konferenza tal-ILO 2014” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 311, 12.9.2014, p. 31).

⁽¹⁷⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Xogħol deċenti madwar id-dinja” (COM(2022) 66 final) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 149).

⁽¹⁸⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Diliġenza dovuta obbligatorja” (opinjoni esploratorja) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 136).

⁽¹⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937” (COM(2022) 71 final) (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 81).

⁽²⁰⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ktajjen tal-provvista sostenibbli u xogħol deċenti fil-kummerċ internazzjonali” (opinjoni esploratorja) (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197).

⁽²¹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Trattat vinkolanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem” (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 97, 24.3.2020, p. 9).

⁽²²⁾ COM(2022) 66 final.

2.8. Il-KESE jirrimarka l-importanza li jinħoloq qafas regolatorju armonizzat tal-UE f'dan il-qasam. Flimkien mal-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva⁽²³⁾ li tindirizza l-imġiba korporattiva u l-proċessi ta' diliġenza dovuta għall-kumpaniji, dan ir-Regolament għandu jkun għodda regolatorja adegwata biex tiġi stabbilita l-konsistenza bejn l-UE (eż. ir-Regolament (UE) 2019/1020⁽²⁴⁾) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għandu jikkomplementa wkoll l-isforzi għall-promozzjoni tal-qerda tax-xogħol furzat u tal-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali dwar imġiba responsabbli fin-negozju, bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem⁽²⁵⁾ u l-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar Intrapriżi Multinazzjonali⁽²⁶⁾. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali⁽²⁷⁾ (Dikjarazzjoni MNE tal-ILO) u l-Manwal tal-ILO għal Min Iħaddem u għan-Negozju dwar il-Għieda Kontra x-Xogħol Furzat⁽²⁸⁾ jistgħu jintużaw bħala appoġġ għall-kumpaniji u għall-gvernijiet fil-qerda tax-xogħol furzat.

2.9. Is-soċjetà ċivili organizzata għandha rwol ċentrali fil-ġlieda kontra kull forma ta' xogħol furzat jew obligatorju. L-imsieħba soċjali, b'mod partikolari, jinsabu f'pożizzjoni strateġika tajba biex jipprovdu l-impenn u s-sostenibbiltà istituzzjonali. Għalhekk, l-ankraġġ istituzzjonali f'din il-leġiżlazzjoni tal-imsieħba soċjali u tal-NGOs fil-proċess futur ta' implimentazzjoni fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista huwa ta' importanza kbira.

2.10. Il-prattika tal-massimizzazzjoni tal-profitti akkost li ma jiġux irrispettati d-drittijiet tal-bniedem hija waħda mill-kawżi ewlenin tax-xogħol furzat. Il-KESE jinnota li l-kawżi u l-għeruq tax-xogħol furzat jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod aktar wiesa'. Madankollu, dan ir-Regolament jista' jkun pass addizzjonali importanti fil-bini tal-pedamenti globali għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jittieħdu miżuri effettivi biex jiġi evitat u eliminat l-użu tax-xogħol furzat fl-UE u lil hinn minnha, biex il-vittmi jingħataw protezzjoni u aċċess għal rimedji adegwati u effettivi bħall-kumpens, u biex jiġu imposti sanzjonijiet kontra l-awturi ta' xogħol furzat jew obligatorju. Il-KESE jirrimarka li r-ratifika tal-Protokoll tal-ILO tal-2014 għall-Konvenzjoni Nru 29⁽²⁹⁾ mill-Istati Membri kollha tal-UE hija l-ewwel pass biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva. L-UE trid tapplika r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll 29 fil-ħidma politika u leġiżlattiva tagħha u trawwem il-proċess ta' ratifika internazzjonali bl-użu tal-istrumenti kollha disponibbli (pereżempju, fehimiet kummerċjali, kooperazzjoni għall-iżvilupp, djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, eċċ.). Barra minn hekk, il-promozzjoni dinjija tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98)⁽³⁰⁾ hija element ewleni fil-ġlieda kontra l-kawżi tax-xogħol furzat.

3.2. L-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' diliġenza dovuta korporattiva hija pass importanti biex ir-responsabbiltà korporattiva tiġi applikata fil-proċess ta' produzzjoni tul il-katina tal-provvista kollha; għaldaqstant, din tiffoka fuq il-proċess tal-produzzjoni. Kemm l-applikazzjoni effiċjenti kif ukoll is-sostenn ta' piż amministrattiv maniġġabbli, speċjalment għall-SMEs, jeħtieġu obbligi definiti b'mod ċar u realistiki, li huma konsistenti u koerenti mal-atti regolatorji li diġà ġew ippreżentati mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-inizjattiva tad-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni, li tikkomplementa l-qafas regolatorju eżistenti u ppjanat, tiffoka fuq il-linja tal-prodotti.

3.3. Madankollu, l-enfasi fuq il-linja tal-prodott tinjora l-fatt li x-xogħol furzat spiss ikun xejra sistemika fl-organizzazzjoni kollha ta' produttur, manifattur jew importatur. Il-KESE jišhaq li filwaqt li l-identifikazzjoni tal-prodotti hija punt tat-tluq importanti, ix-xogħol furzat m'għandux jiġi indirizzat f'sajlos. Ir-Regolament irid ikollu l-għan espliċitu li jinkludi l-prodotti kollha ta' operatur ekonomiku, peress li x-xogħol furzat mhux se jkun limitat għal linja ta' prodott waħda fi ħdan faċilità.

⁽²³⁾ COM(2022) 71 final.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

⁽²⁵⁾ Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

⁽²⁶⁾ Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali.

⁽²⁷⁾ Dikjarazzjoni MNE tal-ILO.

⁽²⁸⁾ Manwal tal-ILO għal Min Iħaddem u għan-Negozju dwar il-Ġlieda Kontra x-Xogħol Furzat.

⁽²⁹⁾ Ratifika tal-ILO P029.

⁽³⁰⁾ ILO C098 – Konvenzjoni dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u ta' Nnegozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98).

3.4. Il-KESE jinnota li ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt qabel ma tressqet il-Proposta, minkejja l-fatt li valutazzjonijiet tal-impatt saru fuq inizjattivi oħra bħad-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva. Dan ir-Regolament jiffoka fuq il-projbizzjoni, is-sospensjoni taċ-ċirkolazzjoni u d-detenzjoni fid-dwana jew fil-portijiet tal-prodotti importati u esportati, li se jirriżultaw fi proċeduri ġodda. Madankollu, il-valutazzjoni għandha tkun ibbilanċjata u għandha tqis il-benefiċċji u l-ispejjeż tal-ġlieda kontra x-xogħol furzat.

3.5. Madankollu, peress li l-Proposta għad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva bħalissa qed titħejja u l-Proposta għar-Regolament tipprovdi wkoll elementi ċari ta' diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista, għad hemm hteġġa għal ċarezza dwar kif iż-żewġ biċċiet ta' leġiżlazzjoni se jaħdmu flimkien fil-prattika. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha ssegwi approċċ koerenti u tevita l-inkonsistenzi.

3.6. Il-KESE jinnota li l-Proposta għandha limitazzjonijiet severi fir-rigward tal-indirizzar tax-xogħol furzat sistemiku. Biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata b'mod adegwat, proċedura ċara għall-inkorporazzjoni tar-reġjuni u tas-setturi kklassifikati bħala li jippreżentaw riskju għoli ta' xogħol furzat tista' ssaħħa bil-kbir is-setgħa ta' dan ir-Regolament biex jindirizza l-pervażività tax-xogħol furzat impost mill-Istat (b'mod partikolari fil-ktajjen tal-provvista tal-UE) u jġiegħel lill-kumpaniji jneħħu.

3.7. Il-KESE jirrimarka li l-bażi tad-data proposta deskritta fl-Artikolu 11 se tkun strument ewlenin tal-projbizzjoni. Madankollu, għandha titfassal struttura dettaljata ta' din il-bażi tad-data. Il-KESE jenfasizza l-hteġġa għal indikaturi tar-riskju definiti b'mod ċar, preċiżi, trasparenti u preċiżi bbażati fuq iżda mhux limitati għall-orijini u l-komponenti ta' prodott u informazzjoni rilevanti oħra. Din il-bażi tad-data għandha tinżamm aġġornata, b'informazzjoni ġdida miżjuda parzjalment bħala riżultat tal-proċessi ta' investigazzjoni.

3.8. Il-KESE jenfasizza l-importanza tat-trasparenza u tal-aċċess miftuħ għall-informazzjoni għall-kumpaniji, għall-awtoritajiet kompetenti, għas-soċjetà ċivili organizzata u għall-pubbliku ġenerali. Għalhekk, il-KESE jipproponi li tiġi introdotta sistema ta' valutazzjoni komparattiva bħala parti mill-bażi tad-data, simili għal dik proposta fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għar-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (COM(2021) 706 final). Il-qalba ta' din is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva hija sistema ta' klassifikazzjoni għar-reġjuni u għas-setturi sal-gruppi ta' prodotti, prodotti u kumpaniji li jippreżentaw riskju għoli u baxx ibbażata fuq iżda mhux limitata għall-informazzjoni miġbura fil-bażi tad-data mill-esperti. Barra minn hekk, il-KESE jisħaq fuq l-importanza li s-soċjetà ċivili organizzata, inklużi l-imsieħba soċjali, tiġi permessa tipprovdi informazzjoni rilevanti. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipprovdu faċilment informazzjoni rilevanti dwar ix-xogħol furzat. Il-kooperazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanzi u mad-delegazzjonijiet permanenti tal-UE, kif ukoll mal-uffiċċji tan-NU (inklużi l-uffiċċji tal-ILO), mal-Osservatorju tax-Xogħol Furzat tal-ILO li tnieda reċentement u mal-bażi tad-data tiegħu u ma' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili bħad-Delta 8.7 dwar ix-xogħol furzat hija kruċjali għall-ġbir ta' informazzjoni rilevanti.

3.9. Element ewleni tal-Proposta għal Regolament huwa li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li jaġixxu fuq l-inizjattiva tagħhom stess jew bi tweġiba għal informazzjoni li jkunu rċewew, għandhom jibdeu investigazzjoni meta jkollhom raġunijiet biex jissuspettaw li dawn l-oġġetti saru b'xogħol furzat. Il-KESE jemmen li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandu jkollhom id-dritt li jżommu oġġetti fil-fruntiera tal-UE malli jaraw tħassib sostanzjali skont l-Artikolu 2 (n). Approċċ simili diġà qed jintuża mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Uniti fil-forma ta' "Ordnijiet ta' Rilaxx Sospiżi". Il-KESE jipproponi li l-operaturi ekonomiċi għandu jkollhom obbligi differenti skont jekk humiex ikklassifikati bħala ta' riskju għoli jew baxx.

3.10. Għal dawk ta' riskju għoli, sistema ta' diliġenza dovuta għandha tkun obligatorja, inkluż il-ġbir ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju, simili għas-sistema stabbilita fir-Regolament għall-Prodotti mingħajr deforestazzjoni iżda mfassla għall-proposta dwar ix-xogħol furzat. Għalhekk, hija meħtieġa informazzjoni dettaljata dwar il-prodott, il-manifattur, l-importatur, l-orijini u l-komponenti, flimkien mar-riżorsi u mal-minerali użati fil-prodott u fil-komponenti tiegħu bħala parti mill-immappjar u mill-iżvelar tal-katina tal-provvista, li huwa rekwiżit essenzjali biex jiġi ddeterminat fejn iseħħ ix-xogħol furzat fil-katina tal-valur. Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tal-SMEs, jenħtieġ li titwettaq diliġenza dovuta semplifikata, limitata għall-ġbir ta' informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiffukaw l-investigazzjonijiet preliminari tagħhom fuq il-prodotti marbuta ma' reġjuni, negozji u/jew setturi ta' riskju għoli. Fi kwalunkwe każ, is-sigriet kummerċjali għandhom jiġu żgurati, pereżempju, bl-użu ta' klawżoli tal-kunfidenzjalità adatti.

3.11. Fil-fażi preliminari tal-investigazzjonijiet, l-operatur ekonomiku jrid jagħti dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jekk il-prodott ikun marbut ma' reġjuni, negozji u/jew setturi ta' riskju għoli. In-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta li se jiġu ddikjarati fid-dettall fil-linji gwida (l-Artikolu 23) kif ukoll in-nuqqas ta' trażmissjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta meħtieġa jridu jiġu kklassifikati bħala tħassib sostanzjat u jwasslu għad-detenzjoni tal-prodott u għall-ftuħ dirett ta' investigazzjoni. Fir-rigward tal-prodotti marbuta ma' reġjuni, negozji u/jew setturi ta' riskju baxx, l-operaturi ekonomiċi jinħelsu mid-diliġenza dovuta obbligatorja u l-proċedura trid titwettaq kif propost mill-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, biex jiġi evitat diżimpenn irresponsabbli, il-KESE jenfasizza li d-diliġenza dovuta m'għandhiex tintuża bħala protezzjoni kontra l-ftuħ ta' investigazzjoni.

3.12. Il-KESE jirrimarka li l-infurzar adegwat jista' jseħħ biss jekk l-Istati Membri tal-UE jiddedikaw biżżejjed finanzjament u riżorsi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea diġà rrikonoxxiet li l-infurzar effettiv huwa mminat bil-kbir meta l-awtoritajiet doganali nazzjonali ma jkollhomx biżżejjed riżorsi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandu jkollhom biżżejjed żmien biex iwettqu investigazzjoni fil-fond u bir-reqqa.

3.13. Kif iddikjarat fil-pubblikazzjoni reċenti tal-ILO dwar l-iskjavitù moderna, il-kompożizzjoni soċjodemografika tal-vittmi tax-xogħol furzat hija diversa. Gruppi soċjali vulnerabbli bħall-ħaddiema migranti, b'mod speċjali, huma friskju ogħla ta' xogħol furzat. Għalhekk, il-KESE jitlob li titqies is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti, tal-persuni mingħajr Stat u tat-tfal. Għandha ssir enfasi speċjali fuq il-ġeneru.

3.14. Skont l-ILO, 160 miljun tifel u tifla madwar id-dinja huma involuti fit-tħaddim tat-tfal. L-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal hija parti mid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol. L-impenn tal-UE fil-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal huwa stabbilit fl-approċċ tagħha ta' tolleranza żero għat-tħaddim tat-tfal ibbażat fuq l-Artikolu 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal⁽³¹⁾, u l-punt 1.4.c tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. Il-KESE jirrikonoxxi li l-Kummissjoni Ewropea ssemmi b'mod espliċitu t-tħaddim furzat tat-tfal fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament propost. Madankollu, sabiex jitħaffef il-proċess tal-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi l-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Età Minima, 1973 (Nru 138), ir-Rakkomandazzjoni tal-ILO Nru 146, il-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Agħar Forum tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182) u r-Rakkomandazzjoni tal-ILO Nru 190. Barra minn hekk, il-KESE josserva l-ħtieġa għal inizjattiva leġiżlattiva korrispondenti tal-UE biex jiġu miġġielda l-forom l-oħrajn kollha ta' tħaddim tat-tfal.

3.15. Il-KESE jinnota li l-Proposta attwali ma tqisx kif imiss il-perspettiva tal-ħaddiema sfruttati, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea. Biex tissaħħa is-sitwazzjoni tal-ħaddiema sfurzati jaħdmu, il-leġiżlazzjoni Ewropea għandha tikkunsidra kumpens adegwat għall-vittmi. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, it-trade unions lokali, il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Internazzjonali u l-ħaddiema nfushom, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jkunu parti mill-proċess ta' investigazzjoni u ta' teħid ta' deċizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-opinjoni u l-interessi tal-ħaddiema affettwati jitqiesu f'kull stadju.

3.16. Il-Kummissjoni Ewropea għandha żid l-isforzi biex jinħolqu strutturi internazzjonali maħsuba biex isolvu l-problema tax-xogħol furzat u jarmonizzaw l-azzjonijiet u l-miżuri biex jiggarantixxu ċ-ċertezza legali fil-livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-KESE ilu jappella kemm għall-appoġġ tal-UE għal trattat vinkolanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll li tiġi kkunsidrata konvenzjoni tal-ILO possibbli dwar ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista kif diġà msemmi fl-Opinjoni tal-KESE SOC/727⁽³²⁾. Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali huma importanti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-oġġettivi tar-regolament.

3.17. Il-KESE jirrimarka li leġiżlazzjoni b'saħħitha u ambizzjuża hija essenzjali għall-ġlieda kontra x-xogħol furzat fl-UE u fil-pajjiżi msieħba kollha tagħha. Għalhekk, l-allinjament tal-Proposta attwali mad-definizzjonijiet u mal-kriterji fl-Istati Uniti, fil-Kanada u fi swieq maturi żviluppati oħrajn b'mod partikolari (eż. l-Att għall-Prevenzjoni tax-Xogħol Furzat tal-Ujguri tal-Istati Uniti, l-Att dwar it-Tariffi tal-Istati Uniti u l-Att dwar il-Ġlieda kontra x-Xogħol Furzat u t-Tħaddim tat-Tfal fil-Ktajjen tal-Provvista li qed jiġu diskussi) huwa meħtieġ biex jiġi evitati l-inkonsistenzi u tiġi indirizzata

⁽³¹⁾ Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391). Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal.

⁽³²⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Xogħol deċenti madwar id-dinja" (COM(2022) 66 final) (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 149).

l-kwistjoni tax-xogħol furzat b'mod effettiv fil-livell globali. Madankollu, huwa importanti li jkun hemm sistema istituzzjonali effiċjenti tal-UE li tivverifika l-każijiet ta' xogħol furzat madwar id-dinja, li l-kumpaniji jeħtieġ li jirrispettaw. Il-Proposta għandha tfittex li tiżviluppa strutturi internazzjonali konġunti biex jiġi indirizzat ix-xogħol furzat bl-għan li jkun hemm aktar armonizzazzjoni, ċarezza u ċertezza legali fil-livell internazzjonali, speċjalment biex jiġi evitat li l-kumpaniji tal-UE jkollhom kunflitti mal-leġiżlazzjoni barranija.

3.18. Peress li x-xogħol furzat huwa problema globali u minħabba li l-ktajjen tal-valur globali huma interkonnessi ħafna, trid tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali kontra x-xogħol furzat. Il-KESE jenfasizza li kooperazzjoni b'saħħitha u l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, speċjalment l-ILO u n-NU, huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-projbizzjoni tiġi implimentata kif suppost.

3.19. Ir-rappreżentanzi u d-delegazzjonijiet permanenti tal-UE fuq il-post għandu jkollhom rwol ewlieni fil-komunikazzjoni mal-vittmi tax-xogħol furzat u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Huma għandu jkollhom ukoll rwol ewlieni fil-kooperazzjoni man-NU u mal-ILO dwar il-ġbir u t-twassil ta' data siewja għall-valutazzjonijiet tar-riskju (eż. meta jistabilixxu jew jappoġġjaw stħarriġ nazzjonali dwar ix-xogħol furzat) u jaġixxu bħala msieħba ta' kooperazzjoni f'investigazzjonijiet li jkunu għaddejnin. Għandhom ikunu l-punt tal-ewwel kuntatt għall-ilmenti.

3.20. Il-proċess tal-globalizzazzjoni saħħaħ il-pożizzjoni tal-kumpaniji attivi globalment u dgħajef is-setgħa tal-istituzzjonijiet pubbliċi, speċjalment fin-Nofsinar Globali. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li l-ġlieda kontra x-xogħol furzat tiġi inkorporata fil-politika tal-UE dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Fir-rigward tal-pajjiżi inqas żviluppati u dawk l-anqas żviluppati, l-appoġġ attiv tal-awtoritajiet lokali tax-xogħol għandu jkun prijorità. Il-KESE jenfasizza li din il-leġiżlazzjoni għandha tittratta lill-pajjiżi kollha b'mod ugwali u jwissi kontra li l-pajjiżi inqas żviluppati u dawk l-anqas żviluppati jitqiegħdu fi żvantaġġ sproporzjonat.

3.21. Il-KESE jilqa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta, inklużi l-operaturi ekonomiċi kollha irrispettivament mid-daqs tagħhom. Madankollu, l-enfasi tal-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet għandha tiddependi fuq id-daqs u r-riżorsi ekonomiċi tal-operaturi ekonomiċi. Għalhekk, il-kumpaniji li jippreżentaw riskju għoli li jużaw ix-xogħol furzat, kif ukoll l-operaturi ekonomiċi kbar, għandhom jingħataw prijorità. Il-KESE jirrimarka li l-uniċità tas-swieq diġitali teħtieġ trattament speċjali meta tiġi infurzata din il-leġiżlazzjoni.

3.22. Il-KESE jixtieq jieħu l-opportunità offruta mill-ħruġ ta' dan l-att leġiżlattiv biex jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistudja l-fattibbiltà ta' Aġenzija Pubblika ta' Klassifikazzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali, kif ukoll għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tan-negozju, kif diġà ġie diskuss fl-Opinjoni tal-KESE REX/518 punt 3.11. Tali aġenzija għandha tiżviluppa standards Ewropej għal sistemi ta' diliġenza dovuta. Dawn l-istandards jistgħu essenzjalment jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi li huma b'mod partikolari fl-interess tal-kumpaniji Ewropej. Barra minn hekk, din l-Aġenzija trid tiżviluppa standards ta' kwalità obbligatorji għad-ditti li jwettqu awditi u proċessi ta' akkreditazzjoni għal dawn id-ditti tal-awditjar fl-UE, kif ukoll sistema ta' monitoraġġ għal kontrolli regolari ta' dawn id-ditti.

3.23. Il-KESE jitlob li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jinħatru jew jiġu stabbiliti fl-Istati Membri biex iwettqu l-akkreditazzjoni ta' ditti li jwettqu awditi fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali, kif ukoll tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tan-negozju. L-Aġenzija tal-Klassifikazzjoni Pubblika trid tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti billi tipprovi appoġġ tekniku u taħriġ għall-implimentazzjoni ta' sistemi nazzjonali li jappoġġjaw lin-negozji fir-rigward tar-responsabbiltà u tad-diliġenza dovuta. Il-KESE jinnota li, fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, hemm ħeġġa kemm għal formulazzjonijiet ċari u li jinftiehem biex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u linji gwida faċli sabiex jinżamm piż amministrattiv maniġabbli għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment għall-SMEs, fil-prattiki tagħhom ta' kuljum. Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jridu jipprovd appoġġ tekniku għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, meta dawk in-negozji jfasslu s-sistemi ta' diliġenza dovuta tagħhom (f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD dwar Intrapriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni MNE tal-ILO).

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE japprova d-definizzjoni fl-Artikolu 2(a), ibbażata fuq id-definizzjoni tal-ILO ta' xogħol furzat li tinkludi "kull xogħol jew servizz". Il-merkanzija trasportata bl-użu ta' xogħol furzat għandha għalhekk tiġi inkluża fil-Proposta kemm sabiex tikkonforma mad-definizzjoni kif ukoll minħabba l-fatt li s-servizzi tat-trasport huma parti essenzjali mill-katina tal-provvista tal-merkanzija.

4.2. Il-Kummissjoni Ewropea jeħtieġ li taqdi rwol b'sahntu, attiv u ewlieni fl-UNAFLP propost fl-Artikolu 24, sabiex tappoġġja u tikkoordina l-awtoritajiet nazzjonali huma u jinfurzar ir-Regolament. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tippovdi struttura definita b'mod ċar u finanzjament suffiċjenti għal dan in-Network biex tippermettix jappoġġja lill-Istati Membri tal-UE hekk kif jiġbru l-informazzjoni u jużawha biex iżommu fluss kostanti ta' informazzjoni. In-network għandu jikkordina l-azzjonijiet, bħat-twettiq ta' investigazzjonijiet internazzjonali, u jappoġġja l-infurzar tal-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-possibbiltà li twettaq investigazzjonijiet hi stess kif diġà tagħmel meta timmonitorja u tinvestiga l-prattiki kontra l-kompetizzjoni. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment lill-imsieħba soċjali, fl-azzjonijiet kollha tan-Network.

4.3. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li jinħarġu linji gwida, kif iddikjarat fl-Artikolu 23 tal-Proposta, biex il-kumpaniji jiġu appoġġjati fl-identifikazzjoni, fil-prevenzjoni, fil-mitigazzjoni jew fit-tmiem tar-riskji ta' xogħol furzat fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur taġġhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jew awtoritajiet pubbliċi oħrajn għandhom jipprovdu rakkomandazzjonijiet ċari dwar kif għandhom jiġu żviluppati skemi ta' diliġenza dovuta għall-SMEs u għalhekk jappoġġjaw b'mod partikolari lill-SMEs. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-abbozzar u tippubblika dawn il-linji gwida (l-Artikoli 11 u 23), kemm b'mod li taġġmilhom faċilment aċċessibbli kif ukoll malajr kemm jista' jkun, fi kwalunkwe każ ferm qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan se jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, lid-dwana u lill-entitajiet kummerċjali biex iħejju għall-implimentazzjoni tal-att legali u għad-diffikultajiet relatati possibbli.

4.4. Il-KESE jirrimarka li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtieġu l-kunsens tal-operaturi ekonomiċi biex iwettqu l-investigazzjonijiet, kif iddikjarat fl-Artikolu 5(6). Dan idgħajjef il-proċess ta' investigazzjoni u joħloq lakuna fir-Regolament propost.

4.5. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' penali minimi uniformi fl-UE kollha għall-ksur tar-Regolament. Dan se jevita ġirja lejn l-aktar livell baxx fost l-Istati Membri u jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kopmpetizzjoni. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' obbligu ta' rappurtar regolari (pereżempju, ta' sentejn) għall-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament fl-Istati Membri individwali jkun ta' benefiċċju.

4.6. Il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu li l-implimentazzjoni tar-Regolament ser tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali nazzjonali (Artikolu 12). Dan jista' potenzjalment joħloq ineffiċjenzi fl-implimentazzjoni, peress li jista' jkun hemm każijiet ta' differenzjazzjoni bejn id-diversi uffiċċji doganali nazzjonali, li jikkawżaw inkonsistenzi fi ħdan l-UE. Għalhekk, implimentazzjoni kif imiss fid-diversi pajjiżi għandha tiġi enfasizzata u żgurata istituzzjonalment. Jeħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar jiġu pprovduti b'linji gwida ċari u b'riżorsi biex ikunu jistgħu jimmonitorjaw u jinfurzar b'mod effettiv ir-Regolament propost. Għandu jingħata appoġġ tekniku lill-komunità tan-negozju biex jgħinha tindirizza l-leġiżlazzjoni. Għal dan l-għan, aħna nemmnu li l-UE teħtieġ qafas kunċettwali għal valutazzjoni tar-riskju komuni, kif ukoll linji gwida ċari, li jevitaw id-duplikazzjoni tal-burokrazija u li jwasslu għas-semplifikazzjoni tal-proċeduri meta jkun possibbli.

4.7. Fir-rigward tal-iskadenzi għall-proċess ta' investigazzjoni, aħna nemmnu li ż-żmien meħtieġ biex il-kumpaniji jippreżentaw evidenza jenħtieġ li jkun itwal mill-15-il jum fl-istadju tal-proċess preliminari u 15-il jum ieħor fit-tieni stadju tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-perjodu ta' 30 jum offrut lill-kumpaniji biex isejħu lura prodotti li jiksru r-Regolament għandu jkun itwal. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' aktar ċarezza dwar kif il-proċess tal-irtirar se jseħħ fil-prattika, inkluża l-qerda tal-prodotti jekk dan ikun meħtieġ.

4.8. Kif imsemmi fl-Opinjoni INT/973 tal-KESE dwar *Governanza Korporattiva Sostenibbli*⁽³³⁾, it-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema huma konxji sew ta' fejn jista' jkun hemm imġiba ħażina. Għaldaqstant, il-KESE jindika l-importanza tal-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tat-trade unions lokali, flimkien mal-ITUC, fil-proċess ta' stabbiliment (immappjar tar-riskji) tal-proċessi ta' diliġenza dovuta, kif ukoll fil-monitoraġġ taġġhom (implimentazzjoni) u r-rappurtar tal-ksur (mekkaniżmi ta' twissija). Il-KESE jitlob li t-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-UE u f'pajjiżi terzi jissemew b'mod espliċitu fl-Artikolu 26(a).

4.9. Il-KESE jirrimarka li s-soċjetà ċivili organizzata għandha tiġi kkonsultata matul it-thejġija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽³³⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937" (COM(2022) 71 final) (ĠU C 443, 22.11.2022, p. 81).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/745 u (UE) 2017/746 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal ċerti apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro*”

(COM(2023) 10 final — 2023/0005 (COD))

(2023/C 140/14)

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 23.1.2023 Parlament Ewropew, 26.1.2023
Bażi legali	Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	190/0/2

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti u li m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 u r-Regolament (UE) Nru 658/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”

(COM(2022) 721 final — 2022/0417 (COD))

(2023/C 140/15)

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 22.12.2022 Parlament Ewropew, 15.12.2022
Bażi legali	Artikoli 114 u 168(4)(c) u (b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adozzjoni fil-plenarja	24.1.2023
Sessjoni plenarja Nru	575
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	195/0/1

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-Proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-24 ta' Jannar 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT